EBA/GL/2021/04

2 ta’ Lulju 2021

# Linji gwida dwar politiki sodi ta’ remunerazzjoni skont id-Direttiva 2013/36/UE

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa (29.12.2021). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2021/04". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jkomplu jispeċifikaw, abbażi tal-Artikoli 74(3) u 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE [2], il-politiki sodi u newtrali għall-ġeneru ta’ remunerazzjoni li l-istituzzjonijiet u d-ditti tal-investiment li huma soġġetti għat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE fl-applikazzjoni tal-Artikolu 1(2) u (5) tar-Regolament 2019/2033/UE għandu jkollhom fis-seħħ għall-persunal kollu tagħhom u għall-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu jħallu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet f’konformità mal-Artikoli 92 sa 95 ta’ dik id-Direttiva (il-persunal identifikat), inkluż għall-persunal u l-persunal identifikat fuq bażi individwali u konsolidata jew subkonsolidata kif stabbilit fil-paragrafu 9.

6. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw fuq inizjattiva tagħhom stess id-dispożizzjonijiet ta’ dawn il-linji gwida rigward il-persunal identifikat għall-persunal tagħhom kollu fuq bażi individwali u konsolidata jew subkonsolidata.

## Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li huma jew istituzzjonijiet, kif definit fil-punt 3 tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, jew ditti tal-investiment li huma soġġetti għat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE fl-applikazzjoni għall-Artikolu 1(2) u (5) tar-Regolament 2019/2033/UE. Kull referenza għall-istituzzjonijiet għandha tinftiehem li tinkludi ditti tal-investiment bħal dawn.

## Kamp ta’ applikazzjoni

8. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet fuq bażi individwali u konsolidata jew subkonsolidata, f’konformità mal-livell ta’ applikazzjoni stabbilit fl-Artikoli 2 u 109 tad-Direttiva 2013/36/UE.

9. Meta jikkonformaw mar-rekwiżiti skont it-Titolu VII, il-Kapitolu 2, it-Taqsima II tad-Direttiva 2013/36/UE f’konformità mal-Artikolu 109 ta’ din id-Direttiva fuq il-livell konsolidat jew subkonsolidat, l-impriżi prinċipali u sussidjarji soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE

[2] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

għandhom jiżguraw li l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi stabbiliti fid-Direttiva u f'dawn il-linji gwida jiġu implimentati u rrispettati fuq bażi konsolidata mis-sussidjarji tagħhom li mhumiex soġġetti għal din id-Direttiva li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidament prudenzjali, inkluż:

(a) kwalunkwe impriża sussidjarja u l-persunal tagħha (inkluż il-persunal identifikat), fejn din l-impriża hija stabbilita fl-Unjoni u mhijiex soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi ta' remunerazzjoni, f'konformità ma' strumenti oħra ta' atti legali tal-Unjoni;

(b) kwalunkwe impriża sussidjarja u l-persunal tagħha (inkluż il-persunal identifikat), fejn din l-impriża hija stabbilita f'pajjiż terz u mhux se tkun soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi ta' remunerazzjoni f'konformità ma' atti legali oħra tal-Unjoni, li kieku ġiet stabbilita fl-Unjoni, sakemm l-applikazzjoni tar-rekwiżiti mhijiex illegali skont il-liġijiet tal-pajjiż terz fejn is-sussidjarja hija stabbilita;

(c) kwalunkwe sussidjarja u l-persunal tagħha (inkluż il-persunal identifikat), fejn din l-impriża hija soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi ta' remunerazzjoni f'konformità ma' strumenti oħra ta' atti legali tal-Unjoni jew li tista' tkun soġġetta għal rekwiżiti bħal dawn li kieku ġiet stabbilita fl-Unjoni fir-rigward ta' politiki newtrali għall-ġeneru ta' remunerazzjoni skont l-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36/UE, iżda li teskludi r-rekwiżiti ta' remunerazzjoni skont l-Artikoli 92, 94 u 95 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-linji gwida relatati;

(d) fejn id-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 109(6) tas-CRD ġiet invokata mill-Istat Membru tal-impriża konsolidanti, lil kwalunkwe impriża sussidjarja u l-persunal tagħha (inkluż il-persunal identifikat) b'kamp ta' applikazzjoni usa' stabbilit minn dak l-Istat Membru; u

(e) lill-fergħat u l-membri tal-persunal tagħhom (inkluż il-persunal identifikat) tal-impriża konsolidanti jew ta' kwalunkwe impriża stabbilita fil-punti (a) sa (e); fejn din il-fergħa hija stabbilita f'pajjiż terz.

10. L-eċċezzjoni fir-rigward ta' nuqqas ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti skont l-Artikoli 92, 94 u 95 kif speċifikat b'mod ulterjuri fil-paragrafu 9(c) ma tapplikax fir-rigward ta' membri individwali tal-persunal fil-każ ta' sussidjarja li hija kumpanija tal-ġestjoni ta' assi, jew impriża li tipprovdi s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment elenkati fil-punti (2), (3), (4), (6) u (7) tat-Taqsima A tal-Anness 1 tad-Direttiva 2014/65/UE, fejn dawk il-membri tal-persunal huma responsabbli li jwettqu attivitajiet professjonali li għandhom impatt materjali dirett fuq il-profil tar-riskju jew fuq in-negozju tal-istituzzjonijiet fil-grupp.

## Definizzjonijiet

11. It-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) 575/2013 għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Remunerazzjoni | tfisser il-forom kollha ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli u tinkludi ħlasijiet u benefiċċji, monetarji jew mhux monetarji, mogħtija direttament lill-persunal minn jew f'isem istituzzjonijiet bi skambju għas-servizzi professjoni mogħtija mill-persunal, ħlasijiet ta' kumpens għal prestazzjoni li jaqgħu taħt it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(d) tad-Direttiva 2011/61/UE [3], u ħlasijiet oħrajn magħmulin permezz ta' metodi u veikoli li, kieku ma tqisux bħala remunerazzjoni, kienu jwasslu għal ċirkomvenzjoni[4] tar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE. |
| Remunerazzjoni fissa | tfisser ħlasijiet jew benefiċċji għall-persunal li huma konformi mal-kundizzjonijiet għall-għoti tagħhom kif stabbilit fit-Taqsima 7. |
| Remunerazzjoni varjabbli | tfisser ir-remunerazzjoni kollha li mhijiex fissa. |
| Pakketti tal-impjiegi ta' rutina | tfisser komponenti anċillari tar-remunerazzjoni li jinkisbu għal ġemgħa wiesgħa ta' persunal jew persunal f'funzjonijiet speċifikati abbażi ta' kriterji tal-għażla predeterminati, li jinkludu, pereżempju, il-kura tas-saħħa, faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal jew kontribuzzjonijiet regolari u proporzjonati għall-pensjoni oltre r-reġim obbligatorju u allowance għall-ivvjaġġar. |
| Bonus ta' żamma | tfisser remunerazzjoni varjabbli mogħtija bil-patt li l-persunal jibqa' fl-istituzzjoni għal perjodu ta' żmien predefinit. |
| Persunal | tfisser l-impjegati kollha ta' istituzzjoni u s-sussidjarji tagħha, inkluż l-impriżi msemmija fil-paragrafu 9 u l-membri kollha tal-korpi maniġerjali rispettivi fil-funzjoni maniġerjali tag]hom u fil-funzjoni superviżorja tagħhom. |
| Persunal identifikat | tfisser il-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju individwali tal-istituzzjoni jew tal-grupp b'konformitá mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 92(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni adottat taħt is-setgħa tal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 94(2) ta' din id-Direttiva (RTS dwar persunal identifikat) u, fejn xieraq sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni kompluta tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju, kriterji addizzjonali stabbiliti mill-istituzzjoni. |
| Konsolidament prudenzjali | tfisser l-applikazzjoni tar-regoli prudenzjali stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, b'konformitá mal-Parti 1, it-Titolu 2, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.[5] |
| Ġeneru sottorappreżentat | tfisser il-ġeneru maskili jew femminili l-inqas rappreżentat. |

[3] Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (AIFMD).

[4] Rigward iċ-ċirkomvenzjoni, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 10.2 ta' dawn il-linji gwida.

[5] Ara wkoll l-RTS dwar il-konsolidament prudenzjali fuq: https://www.eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/Publications/Draft%20Technical%20Standards/2021/973355/Final%20Report%20Draft%20RTS%20methods%20of%20consolidation.pdf.

| | |
|---|---|
| Inugwaljanza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa | tfisser id-differenza bejn il-qligħ medju qabel titnaqqas it-taxxa għal kull siegħa tal-irġiel u n-nisa espress f'perċentwal tal-qligħ medju qabel titnaqqas it-taxxa għal kull siegħa tal-irġiel. |
| Istituzzjoni konsolidanti | tfisser l-istituzzjoni li hija meħtieġa timxi mar-rekwiżit prudenzjali abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata jew subkonsolidata f'konformità mal-Parti 1, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2013/36/UE. |
| Aggregazzjoni ta' bonusijiet | tfisser l-ammont massimu ta' remunerazzjoni varjabbli li jista' jingħata fil-proċess ta' għoti stabbilit fil-livell tal-istituzzjoni jew unità tan-negozju ta' istituzzjoni. |
| Perjodu tad-dovuti | tfisser il-perjodu ta' żmien li għalih il-prestazzjoni tiġi vvalutata u mkejla sabiex jiġi stabbilit l-għoti ta' remunerazzjoni varjabbli. |
| Perjodu tad-dovuti multiannwali rotanti | tfisser perjodu tad-dovuti multiannwali li ma jirkibx fuq perjodi tad-dovuti multiannwali oħrajn. |
| Għotja | tfisser l-għoti ta' remunerazzjoni varjabbli għal perjodu tad-dovuti speċifiku, indipendentement mill-punt attwali li fih jitħallas l-ammont mogħti. |
| Vestiment | tfisser l-effett li bih il-membru tal-persunal isir is-sid legali tar-remunerazzjoni varjabbli mogħtija, indipendentement mill-istrument li jintuża għall-ħlas jew jekk il-ħlas huwiex soġġett għall-perjodi ta' żamma jew arranġamenti ta' rkupru addizzjonali. |
| Ħlasijiet bil-quddiem | tfisser ħlasijiet li jsiru eżatt wara l-perjodu tad-dovuti u li mhumiex differiti. |
| Perjodu ta' differiment | tfisser il-perjodu ta' żmien bejn l-għoti u l-vestiment tar-remunerazzjoni varjabbli li matulu l-membru tal-persunal ma jkunx is-sid legali tar-remunerazzjoni mogħtija. |
| Strumenti | tfisser dawk l-istrumenti finanzjarji jew kuntratti oħrajn li jaqgħu f'waħda miż-żewġ kategoriji msemmijin fl-Artikolu 94(1)(l) tad-Direttiva 2013/36/UE. |
| Perjodu ta' żamma | tfisser perjodu ta' żmien wara l-vestiment ta' strumenti li ngħataw bħala remunerazzjoni varjabbli li matulu ma setgħux jinbiegħu jew jiġu aċċessati. |
| *Malus* | tfisser arranġament li jippermetti lill-istituzzjoni tnaqqas il-valur kollu jew parti mir-remunerazzjoni varjabbli differita fuq il-bażi ta' aġġustamenti għar-riskju *ex post* qabel ma tiġi vestita. |
| Irkupru | tfisser arranġament li bih il-membru tal-persunal irid irodd lura s-sjieda ta' ammont ta' remunerazzjoni varjabbli mħallsa fl-imgħoddi jew li diġà vesta lill-istituzzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet. |
| Istituzzjonijiet sinifikanti | tfisser l-istituzzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE (istituzzjonijiet globali sistematikament importanti jew "G-SIIs'', u istituzzjonijiet sistematikament importanti oħrajn jew "O-SIIs''), u, kif xieraq, istituzzjonijiet oħrajn stabbiliti mill-awtorità kompetenti jew mil-liġi nazzjonali, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tad-daqs tal-istituzzjonijiet, l-organizzazzjoni interna u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. |

| | |
|---|---|
| Strumenti marbutin mal-ishma | tfisser dawk l-istrumenti li l-valur tagħhom huwa bbażat fuq il-valur tal-istokk u li għandhom il-valur tal-ishma bħala punt ta' referenza, eż. id-drittijiet tal-apprezzament tal-istokk, it-tipi ta' ishma sintetiċi. |
| Azzjonisti | tfisser persuna li hija proprjetarju ta' ishma f'istituzzjoni jew, skont il-forma ġuridika ta' istituzzjoni, sidien jew membri oħrajn tal-istituzzjoni. |
| Ħlasijiet ta' terminazzjoni | tfisser ħlasijiet lill-persunal marbutin mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt, jiġifieri fil-każ ta' kuntratti temporanji, terminazzjoni qabel l-aħħar tad-data tal-kuntratt u fil-każ ta' kuntratti indefiniti, qabel l-irtirar kuntrattwali jew legali, minn istituzzjoni jew sussidjarji tagħha. |

# 3. Implimentazzjoni

## Data tal-applikazzjoni

12. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mill-31 ta’ Diċembru 2021.

## Tħassir

13. L-EBA/GL/2015/22 dwar politiki u prattiki ta’ remunerazzjoni ppubblikati fit-22 ta’ Diċembru 2015 huma mħassrin b’effett mill-31 ta’ Diċembru 2021.

# 4. Linji gwida

## Titolu I - Politiki ta' remunerazzjoni

## 1. Politiki ta' remunerazzjoni għall-persunal kollu

14. Skont l-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jkollhom fis-seħħ politika ta' remunerazzjoni għall-persunal kollu. Il-politika ta' remunerazzjoni għall-persunal kollu għandha tikkonforma mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 92 u 94 tad-Direttiva 2013/36/UE u ma' dawn il-linji gwida, b'kont meħud tal-immappjar tar-rekwiżiti fl-Anness I[6]. Il-politika ta' remunerazzjoni għall-persunal kollu għandha tkun newtrali għall-ġeneru, jiġifieri l-persunal, indipendentement mill-ġeneru tiegħu, għandu jirċievi remunerazzjoni ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali f'konformità mal-punt 65 tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 157 tat-TFUE.

15. Il-politika ta' remunerazzjoni għandha tispeċifika l-komponenti kollha ta' remunerazzjoni u għandha tinkludi wkoll il-politika tal-pensjonijiet, inkluż, fejn rilevanti, il-qafas għall-irtirar bikri. Il-politika ta' remunerazzjoni għandha tistabbilixxi wkoll qafas għal persuni oħrajn li jaġixxu f'isem l-istituzzjoni (eż. aġenti marbutin), li jiżguraw li l-ħlasijiet magħmulin mhumiex qegħdin jipprovdu xi inċentiv għat-teħid ta' riskji eċċessiv jew il-bejgħ inadatt ta' prodotti. L-istituzzjonijiet kollha għandhom jikkunsidraw liema rekwiżiti tal-politika ta' remunerazzjoni dwar ir-remunerazzjoni varjabbli tal-persunal identifikat skont l-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom ikunu inklużi fil-politika ta' remunerazzjoni għall-persunal kollu.

16. Il-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni għall-persunal kollu għandha tkun konsistenti mal-objettivi tal-istrateġija tan-negozju u tar-riskju tal-istituzzjoni, inkluż mal-objettivi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG[7]) relatati mar-riskju, mal-kultura u l-valuri korporattivi, mal-kultura tar-riskju, inkluż fir-rigward mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni, u mal-miżuri użati sabiex jevitaw kunflitti ta' interess, u ma għandhiex tħeġġeġ it-teħid ta' riskju eċċessiv. Il-bidliet f'objettivi u miżuri bħal dawn għandhom jiġu meqjusa meta tiġi aġġornata l-politika ta' remunerazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-prattiki ta' remunerazzjoni huma allinjati mal-aptit għar-riskju ġenerali tagħhom, filwaqt li jqisu r-riskji kollha, inklużi riskji għar-reputazzjoni u riskji li jirriżultaw mill-bejgħ inadatt tal-prodotti. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll l-interessi fit-tul tal-azzjonisti jew tas-sidien, skont il-forma legali tal-istituzzjoni.

17. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtoritajiet kompetenti li l-politika u l-prattiki ta' remunerazzjoni huma konsisteni ma' u jippromwovu mmaniġġjar tar-riskji sod u effikaċi.

[6] L-Anness 1 ta' dawn il-linji gwida jindika r-rekwiżiti li għalihom hija meħtieġa jew rakkomandata applikazzjoni fl-istituzzjonijiet kollha għall-persunal kollu f'konformità mal-linji gwida addizzjonali pprovduti.

[7] Ara wkoll ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

18. Meta tingħata remunerazzjoni varjabbli, għoti bħal dan għandu jkun ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet, tal-unitajiet tan-negozju u tal-persunal u jitqiesu r-riskji meħudin. Il-politika ta' remunerazzjoni għandha tagħmel distinzjoni ċara fir-rigward tar-remunerazzjoni varjabbli u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni bejn l-unitajiet tan-negozju operatorji, funzjonijiet korporattivi u ta' kontroll.

19. Il-politika ta' remunerazzjoni għandha tappoġġja lill-istituzzjoni sabiex tikseb u żżomm bażi kapitali soda f'konformità mat-Taqsima 6 ta' dawn il-linji gwida. Il-politika ta' remunerazzjoni għandha tqis ukoll ir-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet skont l-Artikoli 93, 141 u 141b tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 16a tal-BRRD.

20. Il-politika ta' remunerazzjoni għandu jkun fiha:

a. l-objettivi tal-prestazzjoni għall-istituzzjoni, l-oqsma tan-negozju u l-persunal;

b. il-metodi għall-kejl tal-prestazzjoni, inklużi l-kriterji tal-prestazzjoni;

c. l-istruttura tar-remunerazzjoni varjabbli, inklużi, fejn applikabbli, l-istrumenti li fihom jingħataw partijiet tar-remunerazzjoni varjabbli;

d. il-miżuri ta' aġġustament għar-riskju *ex ante* u *ex post* tar-remunerazzjoni varjabbli[8].

21. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jiġu identifikati u ġestiti kunflitti potenzjali ta' interess ikkawżati mill-ħlas ta' strumenti bħala parti mir-remunerazzjoni varjabbli jew fissa. Dan jinkludi l-iżgurar tal-konformità mar-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u li ma tittieħed l-ebda miżura li jista' jkollha impatt fuq terminu qasir fuq il-prezz tal-ishma jew tal-istrumenti.

22. Meta l-politiki tar-remunerazzjoni jew politiki tar-remunerazzjoni tal-grupp jiġu implimentati f'istituzzjonijiet, inkluż fis-sussidjarji tagħhom, u l-persunal tal-istituzzjoni jkunu wkoll is-sidien maġġoritarji tal-istituzzjoni jew tas-sussidjarja, il-politika ta' remunerazzjoni għandha tiġi aġġustata għas-sitwazzjoni speċifika ta' dawn l-istituzzjonijiet jew is-sussidjarji. Għal persunal identifikat, l-istituzzjoni għandha tiżgura li l-politika ta' remunerazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tas-CRD fl-Artikoli 92 u 94 u dawn il-linji gwida.

23. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura adottata mill-Istati Membri[9] sabiex jipprevjenu jew jikkompensaw għal żvantaġġi fil-karrieri professjonali tal-ġeneru sottorappreżentat[10], il-politika ta' remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet kollha tal-impjiegi relatati li għandhom impatt fuq il-ħlas għal kull unità ta' kejl jew fuq il-ħlas bil-ħin għandhom ikunu newtrali għall-ġeneru, jiġifieri m'għandu jkun hemm l-ebda distinzjoni bejn persunal maskili, femminili jew ta' ġeneri diversi.

---

[8] Fit-Titoli III u IV ta' dawn il-linji gwida hemm rekwiżiti speċifiċi għar-remunerazzjoni tal-persunal identifikat u l-allinjament tar-riskju tagħha.

[9] Eż. meta tiġi implimentata d-Direttiva 2006/54/KE.

[10] Waqt li l-Artikolu 157 tat-TFUE juża t-terminu "is-sess sottorappreżentat", is-CRD tuża t-terminu "il-ġeneru sottorappreżentat"; iż-żewġ termini għandhom l-istess tifsira għall-fini ta' dawn il-linji gwida.

24. Politika ta' remunerazzjoni newtrali għall-ġeneru għandha tiżgura li l-aspetti kollha tal-politika ta' remunerazzjoni huma newtrali għall-ġeneru, inklużi l-kundizzjonijiet tal-għoti u l-ħlasijiet għar-remunerazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi juru li l-politika ta' remunerazzjoni hija newtrali għall-ġeneru.

25. Meta jistabbilixxu l-ħlas għall-kull unità ta' kejl jew bil-ħin, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw bix-xieraq l-għoti tar-remunerazzjoni, l-arranġamenti dwar ħinijiet tax-xogħol, il-perjodi ta' liv annwali u benefiċċji finanzjarji jew mhux finanzjarji oħrajn. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw ir-remunerazzjoni annwali gross tal-persunal ikkalkolata fuq bażi ekwivalenti għal full-time bħala unità ta' kalkolu.

26. Sabiex jissorveljaw li l-politiki ta' remunerazzjoni newtrali għall-ġeneru huma applikati, l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw b'mod xieraq il-valur tal-pożizzjoni, eż. billi jiddokumentaw id-deskrizzjoni tal-impjieg jew jiddefinixxu l-kategoriji tal-pagi, għall-membri kollha tal-persunal jew għall-kategoriji tal-persunal u jistabbilixxu liema pożizzjonijiet huma kkunsidrati li għandhom valur ugwali, eż. billi jimplimentaw sistema ta' klassifikazzjoni tal-impjiegi, waqt li jieħdu kont tal-inqas tat-tip ta' attivitajiet, kompiti u dmirijiet assenjati għall-pożizzjoni jew membru tal-persunal. Meta tiġi użata sistema ta' klassifikazzjoni tal-impjiegi biex jiġu stabbiliti l-pagi, din għandha tkun ibbażata fuq l-istess kriterji għall-irġiel, in-nisa u persunal ta' ġeneru divers u mfassla b'tali mod li teskludi kwalunkwe diskriminazzjoni, inkuż minħabba raġunijiet ta' ġeneru.

27. L-istituzzjonijiet jistgħu, b'manjiera newtrali għall-ġeneru, jikkunsidraw aspetti addizzjonali meta jistabbilixxu rr-remunerazzjoni tal-persunal. Aspetti bħal dawn jistgħu jinkludu:

   a. rekwiżiti edukattivi, professjonali u ta' taħriġ, ħiliet, sforzi u responsabbiltà, xogħol mwettaq u n-natura tal-kompiti involuti[11];

   b. il-post tal-impjieg u l-għoli tal-ħajja tiegħu;

   c. il-livell ġerarkiku tal-persunal u jekk il-persunal għandux responsabbiltajiet maniġerjali;

   d. il-livell ta' edukazzjoni formali tal-persunal;

   e. l-iskarsezza tal-persunal disponibbli fis-suq tax-xogħol għal pożizzjonijiet speċjalizzati;

   f. in-natura tal-kuntratt tal-impjieg, inkluż jekk huwiex temporanju jew kuntratt b'perjodu indefinit;

   g. it-tul tal-esperjenza professjonali tal-persunal;

   h. iċ-ċertifikazzjoni professjonali tal-persunal;

[11] Ara wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2014 dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' pagi ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza.

i. benefiċċji xierqa, inkluż il-ħlasijiet ta’ benefiċċji għal unità domestika addizzjonali u benefiċċji tat-tfal għal persunal b’konjuġi u membri tal-familja f’sitwazzjoni ta’ dipendenza.

# 2. Governanza tar-remunerazzjoni

## 2.1 Ir-responsabbiltajiet, id-disinn, l-approvazzjoni u s-sorveljanza tal-politika ta’ remunerazzjoni

28.Il-korp maniġerjali[12] fil-funzjoni superviżorja tiegħu (minn hawn ’il quddiem “funzjoni superviżorja’’) għandu jkun responsabbli għall-adozzjoni u ż-żamma tal-politika ta’ remunerazzjoni tal-istituzzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħha sabiex ikun żgurat li qiegħda topera bis-sħiħ kif suppost. Il-funzjoni superviżorja għandha tapprova wkoll kwalunkwe eżenzjoni materjali sussegwenti magħmula għall-membri tal-persunal individwali u bidla fil-politika ta’ remunerazzjoni u tqis u tissorvelja l-effetti tagħhom bir-reqqa. Kwalunkwe eżenzjoni m’għandhiex tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet tal-ġeneru jew aspetti oħra li jistgħu jkunu diskriminatorji, għandha tkun raġunata sew u f’konformità mar-rekwiżiti ta’ remunerazzjoni skont il-liġi nazzjonali.

30.Il-funzjoni superviżorja għandu jkollha għarfien xieraq, ħiliet u esperjenza b’mod kollettiv fir-rigward tal-politiki u l-prattiki ta’ remunerazzjoni kif ukoll dwar l-inċentivi u r-riskji li jistgħu jirriżultaw minnhom. Dan għandu jinkludi għarfien, ħiliet u esperjenza fir-rigward tal-mekkaniżmi għall-allinjament tal-istruttura ta’ remunerazzjoni mal-profili tar-riskju u l-istruttura tal-kapital tal-istituzzjonijiet.

31.Il-funzjoni superviżorja għandha tiżgura li l-politiki u l-prattiki tar-remunerazzjoni tal-istituzzjoni huma implimentati b’mod xieraq u huma allinjati mal-qafas ta’ governanza korporattiva ġenerali, mal-kultura korporattiva u tar-riskju, mal-aptit tar-riskju u mal-proċessi ta’ governanza relatati tal-istituzzjoni.

32.Kunflitti ta’ interess fir-rigward tal-politika ta’ remunerazzjoni u remunerazzjoni mogħtija għandhom jiġu identifikati u mitigati b’mod xieraq, inkluż billi jiġu stabbiliti kriterji tal-għoti oġġettivi bbażati fuq sistema ta’ rapportar interna, kontrolli xierqa u l-prinċipju ta’ erba’ għajnejn aħjar minn tnejn. Il-politika ta’ remunerazzjoni għandha tiżgura li ma jinqala’ l-ebda kunflitt ta’ interess materjali għall-persunal, inkluż għal persunal fil-funzjonijiet ta’ kontroll.

33.Il-politika u l-prattiki ta’ remunerazzjoni u l-proċeduri biex jiġu stabbiliti għandhom ikunu ċari, dokumentati kif xieraq u trasparenti. Għandha tinżamm dokumentazzjoni xierqa dwar il-proċess

[12] F’pajjiżi Ewropej differenti jistgħu jiġu osservati strutturi tal-korpi maniġerjali differenti. F’ċerti pajjiżi hija komuni struttura unitarja, jiġifieri l-funzjonijiet superviżorji u maniġerjali tal-bord jiġu eżerċitati minn korp wieħed biss. F’pajjiżi oħrajn hija komuni struttura doppja, li fiha jiġu stabbiliti żewġ korpi indipendenti, wieħed għall-funzjoni maniġerjali u l-ieħor għas-superviżjoni tal-funzjoni maniġerjali.

ta' teħid tad-deċiżjonijiet (eż. il-minuti ta' laqgħat rilevanti, rapporti rilevanti, u dokumenti rilevanti oħrajn) u r-raġunament wara l-politika ta' remunerazzjoni.

34. Il-funzjonijiet superviżorji u ta' mmaniġġjar u, fejn stabbilit, il-kumitati ta' remunerazzjoni u ta' riskju għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib u jiżguraw li l-politika ta' remunerazzjoni hija konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġjar tar-riskji tajjeb u effikaċi.

35. Il-politika ta' remunerazzjoni għandha tipprovdi għal qafas effettiv għall-kejl tal-prestazzjoni, aġġustament għar-riskju u l-konnessjonijiet tal-prestazzjoni li għandha tiġi premjata.

36. Il-funzjonijiet ta' riskju u ta' konformità għandhom jipprovdu input effettiv f'konformità mar-rwoli tagħhom fl-issettjar ta' aggregazzjonijiet ta' bonusijiet, kriterji tal-prestazzjoni u għotjiet tar-remunerazzjoni meta dawk il-funzjonijiet ikunu mħassbin dwar l-impatt fuq l-imġiba tal-persunal u r-riskju tan-negozju mwettaq.

37. Il-funzjoni superviżorja għandha tistabbilixxi u tissorvelja r-remunerazzjoni tal-membri tal-funzjoni maniġerjali u, jekk ma jkunx ġie stabbilit il-kumitat tar-remunerazzjoni msemmi fit-Taqsima 2.4, tissorvelja direttament ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali għolja fil-funzjonijiet ta' kontroll indipendenti, inklużi l-funzjonijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju u verifika tal-konformità.

38. Il-funzjoni superviżorja għandha tqis l-input ipprovdut mill-funzjonijiet u l-korpi korporattivi kompetenti kollha (eż. kumitati, funzjonijiet ta' kontroll[13], riżorsi umani, legali, ippjanar strateġiku, funzjoni tal-baġit, eċċ.) u mill-unitajiet tan-negozju dwar id-disinn, l-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni.

39. Il-funzjoni tar-riżorsi umani għandha tieħu sehem fi u tinforma dwar it-tfassil u l-evalwazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni għall-istituzzjoni, inklużi l-istruttura tar-remunerazzjoni, l-aspett tan-newtralità tal-ġeneru, il-livelli tar-remunerazzjoni u l-iskemi ta' inċentivi, b'mod li mhux biss tattira u żżomm il-persunal li l-istituzzjoni għandha bżonn imma li tiżgura wkoll li l-politika tar-remunerazzjoni hija allinjata mal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.

40. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju għandha tgħin u tinforma dwar id-definizzjoni ta' miżuri tal-prestazzjoni aġġustata għar-riskji (inkluż l-aġġustamenti *ex post*), kif ukoll fil-valutazzjoni ta' kif l-istruttura tar-remunerazzjoni varjabbli taffettwa l-profil tar-riskju u l-kultura tal-istituzzjoni. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju għandha tivvalida u tevalwa d-*data* ta' aġġustament għar-riskju kif ukoll tkun mistiedna tattendi l-laqgħat tal-kumitat tar-remunerazzjoni dwar din il-kwistjoni.

41. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandha tanalizza kif il-politika ta' remunerazzjoni taffettwa l-konformità tal-istituzzjoni mal-leġiżlazzjoni, mar-regolamenti, mal-politiki interni u

[13] Il-funzjoni tal-kontroll indipendenti tinvolvi unitajiet organizzazzjonali, indipendenti mill-funzjonijiet tan-negozju u korporattivi li huma responsabbli għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet u r-riskji li jirriżultaw minn dawk l-operazzjonijiet, li jiżguraw konformità mal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti kollha applikabbli u jagħtu pariri lill-funzjonijiet maniġerjali fuq il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tagħhom. Normalment il-funzjonijiet tal-kontroll indipendenti jinvolvu funzjonijiet ta' mmaniġġjar tar-riskji, ta' verifika tal-konformità u tal-awditjar intern. Dettalji ulterjuri dwar il-funzjonijiet tal-kontroll jistgħu jinkisbu mil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna (GL44), il-punti 26 sa 29.

mal-kultura tar-riskju u għandha tirraporta r-riskji ta' konformità identifikati u l-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità kollha lill-korp maniġerjali, kemm fil-funzjonijiet maniġerjali u kif ukoll fil-funzjonijiet superviżorji tiegħu. Is-sejbiet tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandhom jitqiesu mill-funzjoni superviżorja matul l-apporvazzjoni, il-proċeduri ta' rieżami u s-sorveljanza tal-politika ta' remunerazzjoni.

42. L-uffiċċju tal-awditjar intern għandu jwettaq rieżami indipendenti tad-disinn, l-implimentazzjoni u l-effetti tal-politiki ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni dwar il-profil tar-riskju tagħha u dwar il-mod ta' kif dawn l-effetti huma mmaniġġjati f'konformità mal-linji gwida pprovduti fit-Taqsima 2.5.

43. F'kuntest ta' grupp, il-funzjonijiet kompetenti fl-istituzzjoni konsolidanti u s-sussidjarji għandhom jinteraġixxu u jiskambjaw l-informazzjoni kif xieraq.

## 2.2 L-involviment tal-azzjonisti

44. Skont il-forma ġuridika tal-istituzzjoni u skont il-liġi nazzjonali applikabbli, l-approvazzjoni ta' politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni u, fejn xieraq, id-deċiżjonijiet relatati mar-remunerazzjoni tal-membri tal-korp maniġerjali u persunal identifikat ieħor jistgħu jiġu assenjati wkoll għal-laqgħa tal-azzjonisti skont id-dritt nazzjonali tal-kumpanija[14]. Il-vot tal-azzjonisti jista' jkun konsultattiv jew vinkolanti.

45. Meta l-approvazzjoni tar-remunerazzjoni tal-membri individwali tal-korp maniġerjali u persunal identifikat ieħor tkun assenjata lill-azzjonisti, l-azzjonisti għandhom japprovaw il-komponenti kollha ta' remunerazzjoni, inkluż il-ħlasijiet ta' terminazzjoni. Meta l-approvazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-azzjonisti, dawn għandhom ukoll jew japprovaw *ex ante* l-ammont massimu tal-ħlasijiet li jista' jingħata lill-korp maniġerjali u lil persunal identifikat ieħor fl-eventwalità ta' terminazzjoni bikrija ta' kuntratt jew japprovaw il-kriterji għall-istabbiliment ta' ammonti bħal dawn.

46. Sabiex l-azzjonisti jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati f'konformità mal-paragrafi 44 u 45, il-funzjoni superviżorja għandha tiżgura li l-istituzzjoni tipprovdilhom informazzjoni adegwata rigward il-politika ta' remunerazzjoni mfassla sabiex tgħinhom jivvalutaw l-istruttura tal-inċentivi u l-limitu sa fejn it-teħid ta' riskju qiegħed jiġi inċentivat u kkontrollat kif ukoll il-kost globali tal-istruttura tar-remunerazzjoni. Informazzjoni bħal din għandha tiġi pprovduta sew minn qabel il-laqgħa tal-azzjonisti rilevanti. Informazzjoni dettaljata dwar il-politiki ta' remunerazzjoni u dwar il-modifiki tagħhom, dwar il-proċeduri u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġi stabbilit pakkett tar-remunerazzjoni għandha tiġi pprovduta u għandha tinkludi dan li ġej:

   a. il-komponenti tar-remunerazzjoni;

[14] Ara wkoll id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti 2007/36, kif emendata mid-Direttiva 2017/828, l-Artikoli 9a u 9b.

b. il-karatteristiċi u l-objettivi ewlenin tal-pakketti tar-remunerazzjoni u l-allinjament tagħhom mal-istrateġija tan-negozju u ta' riskju, inkluż l-aptit għar-riskju u l-valuri korporattivi tal-istituzzjoni;

c. kif ikun żgurat li l-politika ta' remunerazzjoni hija newtrali għall-ġeneru;

d. kif il-punti taħt (b) qegħdin jitqiesu f'aġġustamenti *ex ante*/*ex post*, b'mod partikolari għall-persunal identifikat.

47.Il-funzjoni superviżorja tibqa' responsabbli għall-proposti ppreżentati fil-laqgħa tal-azzjonisti, kif ukoll għall-implimentazzjoni u s-sorveljanza proprji ta' kwalunkwe bidla fil-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni.

48.Meta l-azzjonisti jintalbu japprovaw livell massimu ogħla tal-proporzjon bejn il-komponent varjabbli u dak fiss tar-remunerazzjoni sa mhux altar minn 200 %, għandu japplika dan li ġej:

a. L-azzjonisti li għandhom id-dritt li jivvutaw fuq livell massimu ogħla propost tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u dawk fissi tar-remunerazzjoni huma dawk tal-istituzzjoni fejn jopera l-persunal identifikat affettwat mil-livelli massimi ogħla tar-remunerazzjoni varjabbli. Għal istituzzjonijiet li huma sussidjarji, l-assemblea ġenerali tal-azzjonisti tas-sussidjarja hija kompetenti li tiddeċiedi u mhux l-assemblea ġenerali tal-istituzzjoni konsolidanti.

b. Meta istituzzjoni teżerċita d-drittijiet tal-vot tagħha bħala azzjonista tas-sussidjarja tagħha fir-rigward tal-approvazzjoni ta' livell massimu ogħla tal-proporzjon bejn ir-remunerazzjoni varjabbli u dik fissa f'sussidjarja, għandha tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   i. il-funzjoni superviżorja tal-istituzzjoni li hija sid l-ishma tkun sejħet minn qabel għal vot tal-laqgħa tal-azzjonisti tagħha dwar kif jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-vot fir-rigward taż-żieda tat-tali livell fis-sussidjarji tagħha;

   ii. il-laqgħa tal-azzjonisti tal-istituzzjoni konsolidanti ddeċidiet, bħala parti mill-politika ta' remunerazzjoni tal-grupp, li s-sussidjarji jistgħu jintroduċu livell massimu ogħla tat-tali proporzjon.

c. Skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 94(1)(g)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE, meta jiġi approvat livell massimu ogħla ta' proporzjon bejn komponenti fissi u varjabbli ta' remunerazzjoni, il-laqgħa tal-azzjonisti għandha taġixxi fuq rakkomandazzjoni dettaljata li tipprovdi b'mod partikolari r-raġunijiet, in-numru ta' persunal identifikat ikkonċernat u l-funzjonijiet tiegħu fl-istituzzjonijiet kif ukoll l-ispjegazzjoni fuq kif dan il-livell massimu ogħla tal-proporzjon jista' jaffettwa r-rekwiżit li tinżamm bażi kapitali soda. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-azzjonisti ħafna qabel il-laqgħa tal-azzjonisti.

d. Kwalunkwe approvazzjoni ta' livell massimu ogħla tal-proporzjon għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 94(1)(g)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE; il-limitu ta' 50 % għall-kworum, u l-limiti ta' maġġoranza ta' 66 % u ta' 75 % meħtieġa għall-votazzjoni, kif hemm imsemmi f'dak l-Artikolu, ilkoll għandhom jiġu kkalkolati filwaqt li jitqiesu d-drittijiet tal-vot marbutin mal-ishma jew ma' drittijiet tas-sjieda ekwivalenti oħrajn fl-istituzzjoni.

e. Il-limitu ta' 75 %, li japplika meta inqas minn 50 % tad-drittijiet tas-sjieda jkunu rappreżentati fil-laqgħa tal-azzjonisti u l-limitu ta' 66 %, li japplika meta jkunu rappreżentati tal-inqas 50 % tad-drittijiet tas-sjieda, għandhom ikunu kkalkolati b'rabta mad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisiti li huma rappreżentati u mhux man-numru ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma azzjonisti.

f. Skont l-aħħar inċiż tal-Artikolu 94(1)(g)(ii) tas-CRD, persunal li huwa direttament affettwat mil-livelli massimi ogħla tar-remunerazzjoni varjabbli m'għandux jitħalla jeżerċità, direttament jew indirettament, kwalunkwe dritt tal-vot li jista' jkollu. Għalhekk, id-dritt tal-vot tiegħu għandu jiġi injorat meta jiġu kalkolati l-perċentwali, kemm fin-nominatur u kif ukoll fid-denominatur.

g. L-ishma huma "rrapreżentati" meta l-azzjonist jista' jivvota b'mod legali fuq il-livell massimu ogħla propost tal-proporzjon, irrispettivament minn kif jittieħed dan il-vot. F'konformità ma' dan il-prinċipju u b'kont meħud tal-liġi nazzjonali tal-kumpaniji, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-politiki interni tagħhom dwar ir-"rappreżentazzjoni" għall-fini ta' dan il-vot.

49. L-azzjonisti għandhom ikunu jistgħu jivvutaw fuq tnaqqis ta' proporzjon massimu ogħla li jkun ġie approvat fl-imgħoddi. Vot bħal dan għandu jeħtieġ maġġoranza ta' voti tal-azzjonisti f'konformità mar-regoli applikabbli għal deċiżjonijiet regolari previsti mil-liġi nazzjonali. Meta jkun tnaqqas il-livell massimu ogħla approvat, l-istituzzjoni għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni u bil-proporzjon approvat fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol.

## 2.3 Informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti

50. Meta tgħarraf lill-awtorità kompetenti dwar ir-rakkomandazzjoni indirizzata lil-laqgħa tal-azzjonisti, skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 94(1)(g)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjoni għandha tirrapporta għand l-awtorità kompetenti l-informazzjoni kollha sottomessa lill-azzjonisti, inklużi l-proporzjon massimu ogħla propost u r-raġunijiet għalih, mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol mindu tkun innotifikat lill-azzjonisti li sejra tfittex l-approvazzjoni tal-proporzjon ogħla.

51. Meta tinforma lill-awtorità kompetenti dwar id-deċiżjoni meħuda mill-azzjonisti tagħha, skont il-ħames inċiż tal-Artikolu 94(1)(g)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

a. ir-riżultat tad-deċiżjoni u l-proporzjon massimu ogħla approvat, inkluż, meta l-proporzjonijiet ivarjaw bejn il-funzjonijiet tan-negozju u l-linji ta' azzjoni, il-proporzjon

għal kull linja ta' azzjoni jew funzjoni tan-negozju mmappjati għal-linji ta' azzjoni u l-funzjonijiet tan-negozju stabbiliti fil-linji gwida tal-EBA dwar l-eżerċizzju ta' ġbir tad-*data* fir-rigward ta' dawk li jaqilgħu ħafna u l-linji gwida tal-EBA dwar l-eżerċizzju tal-valutazzjoni komparattiva tar-remunerazzjoni, it-tnejn ippubblikati fis-16 ta' Lulju 2014[15];

b. in-numru ta' persunal identifikat affettwat mill-proporzjonijiet massimi ogħla u, meta l-proporzjonijiet ivarjaw bejn linji ta' azzjoni u funzjonijiet tan-negozju, il-livell korrispondenti tal-proporzjon għal kull linja ta' azzjoni u funzjoni tan-negozju;

c. analiżi li l-proporzjon ogħla propost ma jmurx kontra l-obbligi skont id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) 575/2013, b'mod partikolari fid-dawl tal-obbligi tal-fondi proprji tal-istituzzjoni;

d. l-informazzjoni inkluża fl-Anness 2, bl-użu tal-mudell ipprovdut;

e. informazzjoni oħra li tista' tintalab mill-awtorità kompetenti.

## 2.4 Stabbiliment ta' kumitat tar-remunerazzjoni

52. Bi qbil mal-Artikolu 109 tas-CRD u mal-Artikolu 95(1) tas-CRD, l-istituzzjonijiet kollha li huma sinifikanti huma stess, meta jitqiesu l-individwu, il-kumpanija prinċipali u l-livell tal-grupp, iridu jistabbilixxu kumitat tar-remunerazzjoni. Sussidjarji li huma rregolati minn leġiżlazzjoni settorjali speċifika (eż ditti tal-investiment, AIFMs jew maniġers tal-UCITS) għandhom isegwu r-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali speċifika li tapplika għalihom sabiex jistabbilixxu jekk humiex obbligati li jistabbilixxu kumitat tar-remunerazzjoni jew le. L-istituzzjoni konsolidanti għandha tiżgura li kumitat tar-remunerazzjoni jiġi stabbilit meta jkun meħtieġ legalment.

53. Fejn kumitat tar-remunerazzjoni jiġi stabbilit f'istituzzjoni mhux sinifikanti, l-istituzzjoni għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida li jikkonċernaw il-kumitat tar-remunerazzjoni, imma tista' tgħaqqad il-kompiti tal-kumitat tar-remunerazzjoni ma' kompiti oħrajn sakemm dawn ma joħolqux kunflitti ta' interess.

54. Meta ma jiġi stabbilit l-ebda kumitat ta' remunerazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida li jikkonċernaw il-kumitat tar-remunerazzjoni għandhom jitqiesu li japplikaw għall-funzjoni superviżorja.

### 2.4.1 Il-kompożizzjoni tal-kumitat tar-remunerazzjoni

55. Il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu jkun imsawwar minn membri tal-funzjoni superviżorja[16] li ma jwettqux funzjonijiet eżekuttivi. F'G-SIIs u O-SIIs, il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu

[15] Iż-żewġ linji gwida jistgħu jiġu aċċessati mil-link li ġejja: http://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/remuneration

[16] F'pajjiżi Ewropej differenti jistgħu jiġu osservati strutturi tal-korpi maniġerjali differenti. F'ċerti pajjiżi hija komuni struttura unitarja, jiġifieri l-funzjonijiet superviżorji u maniġerjali tal-bord jiġu eżerċitati minn korp wieħed biss. F'pajjiżi oħrajn hija komuni struttura doppja, li fiha jiġu stabbiliti żewġ korpi indipendenti, wieħed għall-funzjoni maniġerjali u l-

jinkludi maġġoranza ta' membri li huma indipendenti u għandu jkun ippresedut minn membru indipendenti. F'istituzzjonijiet sinifikanti oħrajn, stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti jew mil-liġi nazzjonali, il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu jinkludi numru suffiċjenti ta' membri li huma indipendenti[17]. Jekk ir-rappreżentazzjoni tal-impjegati fil-korp maniġerjali hija prevista mil-liġi nazzjonali, din trid tinkludi rappreżentant tal-impjegati wieħed jew iżjed.

56. Il-membri tal-kumitat tar-remunerazzjoni għandu jkollhom għarfien, kompetenza, u esperjenza professjonali xierqa b'mod kumulattiv dwar politiki u prattiki ta' remunerazzjoni, attivitajiet ta' mmaniġġjar tar-riskju u ta' kontroll, jiġifieri fir-rigward tal-mekkaniżmu għall-allinjament tal-istruttura ta' remunerazzjoni mal-profili tar-riskju u tal-kapital tal-istituzzjonijiet.

## 2.4.2 Ir-rwol tal-kumitat tar-remunerazzjoni

57. Il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu:

a. ikun responsabbli għat-tħejjija tad-deċiżjonijiet dwar ir-remunerazzjoni li għandhom jittieħdu mill-funzjoni superviżorja, b'mod partikolari rigward ir-remunerazzjoni tal-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu kif ukoll ta' persunal identifikat ieħor;

b. jagħti l-appoġġ u l-pariri tiegħu lill-funzjoni superviżorja dwar it-tfassil tal-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni, inkluż li din il-politika ta' remunerazzjoni tkun newtrali għall-ġeneru u tappoġġja t-trattament ugwali ta' persunal ta' ġeneri differenti;

c. jappoġġa l-funzjoni superviżorja fis-superviżjoni tal-politiki, il-prattiki u l-proċessi tar-remunerazzjoni u konformità mal-politika ta' remunerazzjoni;

d. jikkontrolla jekk il-politika tar-remunerazzjoni eżistenti għadhiex aġġornata u, jekk hemm bżonn, jagħmel proposti għal tibdil;

e. jirrevedi l-ħatra ta' konsulenti tar-remunerazzjoni esterni li l-funzjoni superviżorja tista' tiddeċiedi li taħtar għall-għoti ta' pariri jew appoġġ;

f. jiżgura l-adegwatezza tal-informazzjoni pprovduta lill-azzjonisti dwar il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni, b'mod partikolari dwar livell massimu ogħla propost tal-proporzjon bejn remunerazzjoni fissa u dik varjabbli;

g. jevalwa l-mekkaniżmi u s-sistemi adottati sabiex jiżgura li s-sistema tar-remunerazzjoni tqis b'mod xieraq it-tipi kollha tal-livelli tar-riskji, tal-likwidità u tal-kapital u li l-politika tar-remunerazzjoni ġenerali hija konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġjar tar-riskji sod u

---

ieħor għas-superviżjoni tal-funzjoni maniġerjali. F'dawn il-każijiet, il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu jinvolvi membri tal-korp superviżorju.

[17] Indipendenza kif stabbilita fil-linja gwida tal-EBA dwar il-governanza interna u ara wkoll il-linji gwida konġunti EBA-ESMA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin.

effikaċi u hija konformi mal-istrateġija tan-negozju, mal-objettivi, mal-kultura u l-valuri korporattivi, mal-kultura tar-riskju u mal-interess fit-tul tal-istituzzjoni;

h. jevalwa l-kisba tal-miri ta' prestazzjoni u l-bżonn għal aġġustament għar-riskju *ex post*, inkluż l-applikazzjoni ta' arranġamenti tal-*malus* u tal-irkupru;

i. jirrevedi n-numru ta' xenarji possibbli biex jeżamina kif il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni jirreaġixxu għal avvenimenti esterni u interni, u jagħmel test retrospettiv tal-kriterji użati għall-istabbiliment tal-għoti u tal-aġġustament għar-riskju *ex ante* skont l-eżiti tar-riskju attwali.

58.Meta l-istituzzjoni tkun stabbilixxiet kumitat ta' remunerazzjoni, ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali għolja fil-funzjonijiet ta' kontroll indipendenti, inklużi l-funzjonijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju u ta' verifika tal-konformità, għandhom ikunu ssorveljata direttament mill-kumitat tar-remunerazzjoni. Il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-funzjoni superviżorja dwar it-tfassil tal-pakkett tar-remunerazzjoni u l-ammonti tar-remunerazzjoni li għandhom jitħallsu lill-membri tal-persunal għolja fil-funzjonijiet tal-kontroll.

### 2.4.3 Linji tal-proċess u ta' rapportar

59.Il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu:

a. ikollu aċċess għad-*data* u għall-informazzjoni kollha li jikkonċernaw il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-funzjoni superviżorja dwar id-disinn u l-implimentazzjoni, is-sorveljanza u r-riemażi tal-prattiki u l-politiki ta' remunerazzjoni;

b. ikollu riżorsi finanzjarji adegwati u aċċess bla xkiel għall-informazzjoni u d-*data* kollha minn funzjonijiet ta' kontroll indipendenti, inkluż l-immaniġġjar tar-riskju;

c. jiżgura l-involviment xieraq tal-kontroll indipendenti u ta' funzjonijiet rilevanti oħrajn (eż. ir-riżorsi umani, l-ippjanar legali u strateġiku) fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi u fejn ikun meħtieġ ifittex pariri esterni.

60.Il-kumitat tar-remunerazzjoni għandu jikkollabora ma' kumitati tal-funzjoni superviżorja oħrajn li l-attivitajiet tagħhom jista' jkollhom impatt fuq it-tfassil u l-funzjonament xieraq tal-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni (eż. kumitati tar-riskju, tal-awditjar u tan-nominazzjoni); u jipprovdi informazzjoni adegwata lill-funzjoni superviżorja, u, fejn xieraq, lil-laqgħa tal-azzjonisti dwar l-attivitajiet imwettqa.

61.Meta jiġi stabbilit, il-kumitat tar-riskju għandu, mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-kumitat tar-remunerazzjoni, jeżamina jekk l-inċentivi pprovduti mill-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni qisux ir-riskju, il-kapital, il-likwidità u l-probabilità u t-twaqqit tal-qligħ tal-istituzzjoni.

62.Membru tal-kumitat tar-riskju għandu jieħu sehem, fejn rilevanti, fil-laqgħat tal-kumitat tar-remunerazzjoni, meta ż-żewġ kumitati jkunu stabbiliti, u viċi versa.

## 2.5 Rieżami tal-politika ta' remunerazzjoni

63.Il-funzjoni superviżorja jew, meta jiġi stabbilit, il-kumitat tar-remunerazzjoni għandhom jiżguraw li l-politika u l-prattiki ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni huma soġġetti għal rieżami intern ċentrali u indipendenti tal-inqas kull sena. Ir-rieżami għandu jinkludi analiżi li tiddetermina jekk il-politika ta' remunerazzjoni hijiex newtrali għall-ġeneru.

64.L-istituzzjonijiet għandhom jissorveljaw l-iżvilupp tal-inugwaljanza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa b'pajjiż b'pajjiż b'mod separat għal:

a. persunal identifikat, minbarra membri tal-korp maniġerjali;

b. membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu,

c. membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu; u

d. persunal ieħor.

65.Meta jeżistu differenzi materjali bejn il-pagi medji ta' persunal irġiel u nisa jew membri rġiel u nisa tal-korp maniġerjali, l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw ir-raġunijiet ewlenin u jieħdu azzjoni xierqa fejn rilevanti, jew għandhom ikunu kapaċi juru li d-differenza mhijiex riżultat ta' politika ta' remunerazzjoni li mhijiex newtrali għall-ġeneru.

66.L-uffiċċju tal-awditjar intern tal-istituzzjoni tal-konsolidazzjoni għandu jagħmel rieżami ċentrali tal-konformità mar-regolament, mal-politiki tal-grupp, mal-proċeduri u mar-regoli interni.

67.L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu r-rieżami ċentrali u indipendenti fuq bażi individwali. Fi grupp, istituzzjonijiet mhux sinifikanti li huma sussidjarji jistgħu jiddependu fuq ir-rieżami mwettaq mill-istituzzjoni konsolidanti, meta r-rieżami mwettaq fuq il-bażi konsolidata jew subkonsolidata jkun jinkludi l-istituzzjoni u, meta r-riżultati jkunu disponibbli għall-funzjoni superviżorja ta' dik l-istituzzjoni.

68.Minkejja r-responsabbiltà tal-korp maniġerjali, il-kompiti tar-rieżami perjodiku indipendenti tal-politiki ta' remunerazzjoni jistgħu, b'mod parzjali jew b'mod sħiħ, jiġu esternalizzati minn istituzzjonijiet li huma istituzzjonijiet mhux sinifikanti [18]. Konsulenti esterni kwalifikati u indipendenti[19] jistgħu jikkomplimentaw u jappoġġaw lill-istituzzjoni sabiex twettaq kompiti bħal dawn. Il-funzjoni superviżorja hija responsabbli għar-rieżami.

69.Bħala parti mir-rieżami intern indipendenti u ċentrali, l-istituzzjonijiet għandhom jevalwaw jekk il-politiki, il-prattiki u l-proċessi ġenerali tar-remunerazzjoni:

[18] Ara l-linji gwida tal-EBA dwar arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.

[19] Għal iktar dettalji dwar l-esternalizzazzjoni, irreferi għal-linji gwida tal-EBA dwar il-governanza interna.

a. humiex qegħdin joperaw kif suppost (b’mod partikoli, li r-regoli interni, il-politiki u l-proċeduri approvati jkunu qegħdin jitħarsu; li l-ħlasijiet tar-remunerazzjoni huma xierqa, konformi mal-istrateġija tan-negozju; u li l-profil tar-riskju, l-objettivi fit-tul u miri oħrajn tal-istituzzjoni huma riflessi b’mod adegwat);

b. humiex konformi mar-regolamenti, mal-prinċipji u mal-istandards nazzjonali u internazzjonali; u

c. humiex qegħdin jiġu implimentati b’mod konsistenti fil-grupp kollu, humiex konformi mal-Artikoli 141 u 141b tad-Direttiva 2013/36/UE u mal-Artikolu 16a tad-Direttiva 2014/59/UE u li ma jillimitawx il-ħila tal-istituzzjoni li żżomm jew tirrestawra bażi kapitali soda f’konformità mat-Taqsima 6 ta’ dawn il-linji gwida.

70. Il-funzjonijiet korporattivi interni rilevanti oħrajn (jiġifieri l-ippjanar tar-riżorsi umani, legali, strateġiċi, eċċ.), kif ukoll kumitati tal-funzjoni superviżorja ewlenin oħrajn (jiġiferi kumitati tal-awditjar, tar-riskju u tan-nominazzjonijiet), għandhom ikunu involuti mill-qrib fir-rieżami tal-politiki tar-remunerazzjoni tal-istituzzjoni sabiex ikun żgurat l-allinjament mal-istrateġija u l-qafas tal-immaniġġjar tar-riskju tal-istituzzjoni.

71. Meta r-rieżamijiet perjodiċi juru li l-politiki ta’ remunerazzjoni ma joperawx kif suppost jew kif stipulat jew meta jsiru rakkomandazzjonijiet, il-kumitat tar-remunerazzjoni, fejn stabbilit, jew il-funzjoni superviżorja, għandhom jiżguraw li jiġi propost, approvat u implimentat fil-ħin pjan ta’ azzjoni korrettiva.

72. Ir-riżultati tar-rieżami intern imwettaq u l-azzjonijiet meħudin għar-rimedju ta’ kwalunkwe sejba għandhom jiġu ddokumentati, jew permezz ta’ rapporti bil-miktub jew permezz tal-minuti tal-laqgħa tal-kumitati rilevanti jew tal-funzjoni superviżorja, u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-korp maniġerjali, il-kumitati rilevanti u l-funzjonijiet korporattivi.

## 2.6 Trasparenza interna

73. Il-politika ta’ remunerazzjoni ta’ istituzzjoni għandha tiġi ddivulgata b’mod intern lill-persunal kollu u tkun aċċessibbli għall-persunal kollu fil-ħinijiet kollha. L-aspetti kunfidenzjali tar-remunerazzjoni tal-membri tal-persunal individwali mhumiex soġġetti għat-trasparenza interna.

74. Il-persunal għandu jiġi mgħarraf dwar il-karatteristiċi tar-remunerazzjoni varjabbli tiegħu, kif ukoll dwar il-proċess u l-kriterji li sejrin jintużaw sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-attivitajiet professjonali tiegħu fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u r-remunerazzjoni varjabbli tiegħu. B’mod partikolari, il-proċess ta’ valutazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tal-individwu għandu jiġi dokumentat kif xieraq u għandu jkun trasparenti għall-persunal ikkonċernat.

# 3. Il-politiki tar-remunerazzjoni u l-kuntest tal-grupp

75. Meta jiġu applikati dawn il-linji gwida fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, l-istituzzjoni konsolidanti għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta’ dawn il-linji gwida japplikaw għall-persunal

u għall-persunal identifikat tas-sussidjarji tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidament prudenzjali kif stabbilit fil-paragrafu 9. L-istituzzjoni konsolidanti jew subkonsolidanti għandu jkollha disponibbli u tibgħat fuq talba lill-awtorità kompetenti tagħha informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' politiki ta' remunerazzjoni f'konformità ma' dawn il-linji gwida fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, inkluż is-sussidjarji tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali.

76. Il-kontrollur konsolidanti u l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni subkonsolidanti għandhom jikkontrollaw b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-paragrafu preċedenti u jagħmlu ħilithom biex jidħlu, inkluż fil-kulleġġi tas-superviżuri, ma' awtoritajiet oħrajn tal-Istati Membri responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji rilevanti u ma' awtoritajiet minn pajjiżi terzi, fejn dan ikun fattibbli.

77. Fil-livell konsolidat jew subkonsolidat, l-istituzzjoni konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li tiġi implimentata politika ta' remunerazzjoni għall-grupp sħiħ u rrispettata mill-persunal kollu, inklużi l-persunal identifikat kollu fl-istituzzjonijiet kollha u fl-entitajiet oħrajn fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidament prudenzjali u l-fergħat kollha. Meta jistabbilixxu l-politika ta' remunerazzjoni fil-livell tal-grupp, għandhom jitqiesu r-rekwiżiti speċifiċi ta' remunerazzjoni tas-sussidjarji. Il-politika tar-remunerazzjoni tal-grupp għandha tkun konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġjar tar-riskji sod u effikaċi u jkun newtrali għall-ġeneru.

78. Fir-rigward ta' istituzzjonijiet u entitajiet fi grupp li jinsabu f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-politika ta' remunerazzjoni tal-grupp sħiħ għandha tispeċifika kif l-implimentazzjoni tagħha għandha tittratta d-differenzi ta' bejn implimentazzjonijiet nazzjonali tar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni tal-limitazzjoni tal-proporzjon massimu bejn il-komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni u r-remunerazzjoni fissa sa 100 % (jekk applikabbli, sa 200 % bl-approvazzjoni tal-azzjonisti)[20], il-possibbiltà li tiġi applikata r-rata ta' skont nozzjonali[21], kwalunkwe restrizzjoni fir-rigward tal-użu tal-istrumenti[22], l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet skont l-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE u d-diskrezzjoni nazzjonali fl-Artikolu 109(6) ta' din id-Direttiva biex jiġu inklużi sussidjarji li huma soġġetti għal qafas ta' remunerazzjoni speċifika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni kkonsolidata tal-Artikoli 92, 94 u 95 ta' dik id-Direttiva.

79. Meta jiġu applikati r-rekwiżiti fuq bażi konsolidata, japplikaw ir-rekwiżiti ta' remunerazzjoni applikabbli fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni konsolidanti, inkluż għal persunal identifikat li għandu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-grupp, anke jekk l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti bl-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE mill-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni konsolidanti hija aktar stretta. Bl-istess mod, sussidjarji li huma soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jikkonformaw għall-persunal tagħhom mar-rekwiżit

[20] L-Artikolu 94(1)(g)(i) u (ii) tad-Direttiva 2013/36/UE.

[21] L-Artikolu 94(1)(g)(iii) tad-Direttiva 2013/36/UE.

[22] L-Artikolu 94(1)(l) tad-Direttiva 2013/36/UE.

applikabbli skont il-liġi nazzjonali, anke jekk dawn huma aktar stretti mir-rekwiżiti fuq bażi konsolidata.

80.Persunal sekondat minn impriża prinċipali f'pajjiż terz għal sussidjarja tal-UE li hija istituzzjoni jew fergħa li, kieku kien impjegat direttament mill-istituzzjoni jew fergħha tal-UE, kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-persual identifikat ta' dik l-istituzzjoni jew fergħa tal-UE, huwa persunal identifikat. Persunal sekondat bħal dan għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 92, 93 u 94 tad-Direttiva 2013/36/UE kif huma implimentati fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-istituzzjoni jew il-fergħa tal-UE u l-Istandards Tekniċi Regolatorji applikabbli. Għall-finijiet ta' sekondamenti fuq terminu qasir, pereżempju meta persuna tkun qiegħda tirrisjedi fi Stat Membru għal ftit ġimgħat biss biex twettaq xi xogħol fuq proġett, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal dispożizzjonijiet bħal dawn biss jekk il-persuna tkun identifikabbli skont l-RTS dwar persunal identifikat, filwaqt li titqies ir-remunerazzjoni mogħtija għall-perjodu ta' żmien rilevanti u r-rwol u r-responsabbiltajiet matul is-sekondament.

81.Kuntratti jew sekondamenti fuq terminu qasir m'għandhomx jintużaw bħala mezz biex jiġu evitati r-rekwiżiti ta' remunerazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE u kwalunkwe standard jew linja gwida relatati.

82.Rigward sussidjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi li huma inklużi fl-applikazzjoni tal-Artikoli 92, 94 u 95 tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi konsolidata, il-politika ta' remunerazzjoni tal-grupp sħiħ għandha tistabbilixxi l-livell massimu ta' proporzjon bejn il-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni u l-komponent fiss mhux aktar minn 100 % (jekk applikabbli, sa 200 % bl-approvazzjoni tal-azzjonisti fil-livell tal-grupp), tispeċifika jekk hijiex applikata r-rata ta' skont nozzjonali u tiżgura li għall-ħlasijiet tar-remunerazzjoni varjabbli jintużaw strumenti f'konformità ma' dawn il-linji gwida u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 527/2014[23], sakemm l-applikazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ma tkunx illegali f'dak il-pajjiż terz. Il-politika ta' remunerazzjoni ta' sussidjarji ta' pajjiż terz bħal dan għandha tkun konsistenti mal-politika ta' remunerazzjoni tal-grupp sħiħ u tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikoli 92(2), 93 u 94 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-inqas għal dak il-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-grupp.

83.L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fergħat fi Stat Membru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'pajjiż terz huma soġġetti għall-istess rekwiżiti bħal dawk applikabbli għall-istituzzjonijiet fl-Istati Membri. Meta dawn il-fergħat ikunu jridu jimplimentaw proporzjon bejn il-komponenti fissi u varjabbli ta' remunerazzjoni ogħla minn 100 %, dawn għandhom juru lill-awtorità kompetenti li l-azzjonisti tal-istituzzjoni fil-pajjiż terż approvaw il-proporzjon ogħla.

84.Ir-rekwiżiti tar-remunerazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE u d-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet fi Stati Membri indipendentement mill-fatt li jistgħu jkunu

[23] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 527/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) Nru 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-klassijiet ta' strumenti li jirriflettu b'mod adegwat il-kwalità kredizja ta' istituzzjoni bħala negozju avvjat u li huma xierqa sabiex jintużaw għall-finijiet ta' remunerazzjoni varjabbli (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 21). Huwa ppubblikat fuq: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=OJ:JOL_2014_148_R_0006.

sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali f'pajjiż terz. Meta sussidjarja tal-UE ta' istituzzjoni prinċipali f'pajjiż terz tkun istituzzjoni konsolidanti, il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali ma jinkludix il-livell tal-istituzzjoni prinċipali li tinsab f'pajjiż terz u sussidjarji diretti oħrajn ta' dik l-istituzzjoni prinċipali. L-istituzzjoni konsolidanti għandha tiżgura li l-politika ta' remunerazzjoni tal-grupp sħiħ tal-istituzzjoni prinċipali f'pajjiż terz titqies fil-politiki ta' remunerazzjoni tagħha stess sa fejn dan ma jmurx kontra r-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi tal-UE jew nazzjonali rilevanti, inkluż dawn il-linji gwida.

# 4 Proporzjonalità

85. Il-prinċipju ta' propozjonalità stipulat fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2013/36/UE għandu l-għan li jqabbel il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni b'mod konsistenti mal-profil tar-riskju, mal-aptit għar-riskju u mal-istrateġija individwali ta' istituzzjoni, sabiex l-għanijiet tar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni jintlaħqu b'mod effettiv.

86. Meta jiġu applikati r-rekwiżiti tar-remunerazzjoni u d-dispożizzjoni ta' dawn il-linji gwida b'mod proporzjonat, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu taħlita tal-kriterji kollha li ġejjin:

   a. id-daqs,

   b. l-organizzazzjoni interna; u

   c. in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni.

87. Meta jiġi vvalutat dak li huwa proporzjonat u biex jiġi stabbilit il-livell ta' sofistikazzjoni meħtieġ tal-politiki ta' remunerazzjoni u l-approċċi ta' kejl tar-riskju, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu t-taħlita ta' aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-kriterji kollha t'hawn fuq. Pereżempju, attività tan-negozju tista' tkun ta' skala żgħira iżda xorta tista' tinkludi attivitajiet kumplessi u profili tar-riskju minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha jew il-kumplessità tal-prodotti tagħha.

88. Għall-iskopijiet t'hawn fuq, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu tal-inqas il-kriterji li ġejjin:

   a. jekk l-istituzzjoni tissodisfax il-kriterji għal istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa jew istituzzjoni kbira kif stabbilit fil-punti 145 u 146 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

   b. jekk l-istituzzjoni tissodisfax il-kriterji u l-limiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tal-eżenzjonijiet tal-proċess tal-ħlasijiet tar-remunerazzjoni varjabbli;

   c. il-preżenza ġeografika tal-istituzzjoni u d-daqs tal-operazzjonijiet f'kull ġurisdizzjoni;

   d. il-forma ġuridika u l-ekwità disponibbli u l-istrumenti tad-dejn;

e. l-awtorizzazzjoni sabiex jintużaw metodi interni għall-kejl tar-rekwiżiti kapitali (eż. IRB, AMA);

f. jekk l-istituzzjoni hija parti minn grupp u, jekk hu minnu, il-valutazzjoni ta' proporzjonalità li saret għall-grupp u l-karatteristiċi tal-grupp li għalih tappartjeni l-istituzzjoni;

g. it-tip ta' attività u servizzi awtorizzati (eż. self u depożiti, ibbankjar tal-investimenti);

h. l-istrateġija tan-negozju sottostanti;

i. l-istruttura tal-attivitajiet tan-negozju u l-perjodu ta' żmien, kemm jistgħu jitkejlu u kemm huma prevedibbli r-riskji tal-attivitajiet tan-negozju;

j. l-istruttura tal-finanzjament tal-istituzzjoni;

k. l-organizzazzjoni interna tal-istituzzjoni, inkluż il-livell tar-remunerazzjoni varjabbli li jista' jitħallas lill-persunal identitifkat;

l. l-istruttura tal-profitti u tat-telf tal-istituzzjoni;

m. it-tip ta' klijenti (eż. bejjiegħa, korporattivi, negozji żgħar, entità pubblika);

n. il-kumplessità tal-prodotti jew kuntratti.

89. Meta jiġu applikati rekwiżiti ta' remunerazzjoni u d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-linji gwida b'mod proporzjonat, l-istituzzjonijiet huma responsabbli sabiex jikkunsidraw il-profil tar-riskju, l-aptit għar-riskju u karatteristiċi oħrajn tagħhom u sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw politiki u prattiki tar-remunerazzjoni li huma allinjati kif xieraq mal-istrateġija tan-negozju, mal-objettivi, mal-valuri u mal-interess fit-tul tal-istituzzjoni. Madanakollu, l-obbligu li jkollhom politiki u prattiki ta' remunerazzjoni sodi u effikaċi japplika għall-istituzzjonijiet kollha u fir-rigward tal-persunal kollu, irrispettivament mill-karatteristiċi differenti tal-istituzzjoni.

90. Qabel ma jiġu applikati b'mod proporzjonat ir-rekwiżiti ta' remunerazzjoni u d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-linji gwida, għandha ssir l-identifikazzjoni tal-persunal, abbażi tal-kriterji pprovduti fl-Artikolu 92(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni b'mandat skont l-Artikolu 94(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u kriterji interni addizzjonali oħrajn[24].

91. Il-limitazzjoni tal-proporzjon massimu bejn il-komponenti varjabbli ta' remunerazzjoni u l-komponenti fissi sa 100 % (200 % bl-approvazzjoni tal-azzjonisti) għandha tiġi applikata għall-persunal identifikat kollu fl-istituzzjoni.

92. Meta jiġu implimentati politiki ta' remunerazzjoni speċifiċi għal kategoriji differenti ta' persunal identifikat f'konformità mat-taqsimiet 3 u 4 ta' dawn il-linji gwida, l-applikazzjoni tal-

[24] Jekk jogħġbok irreferi għal-linji gwida għall-proċess ta' identifikazzjoni msemmija fit-Taqsima 5 ta' dawn il-linji gwida.

proporzjonalità għandha tqis l-impatt fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' dik il-kategorija ta' persunal identifikat.

93. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet huma konformi mar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni u mad-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida b'mod li jipprovdu kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet differenti.

## Eżenzjonijiet tal-proċess tal-ħlasijiet tar-remunerazzjoni varjabbli

94. Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE mill-Istati Membri, istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet kbar kif definit fil-punt 146 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 u li għandhom assi totali skont il-limiti ddefiniti fil-liġi nazzjonali jistgħu ma japplikawx ir-rekwiżiti sabiex jiddifferixxu r-remunerazzjoni varjabbli u jħallsuha fi strumenti kif stabbilit fil-punti (l), (m) u t-tieni paragrafu tal-punt (o) tal-Artikolu 94(1) tad-Direttiva 2013/36/UE. Istituzzjoni li tissodisfa kriterju wieħed jew aktar mill-kriterji fil-punt 146 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 hija istituzzjoni kbira.

   a. Il-valutazzjoni ta' jekk istituzzjoni hijiex G-SII jew O-SII ssir b'konformità mal-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1608 fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistematikament importanti u għad-definizzjoni ta' subkategoriji ta' istituzzjonijiet globali sistematikament importanti u l-lingi gwida tal-EBA dwar kriterji li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 131(3) tad-Direttiva 2013/36/UE (CRD) b'rabta mal-valutazzjoni ta' istituzzjonijiet sistematikament importanti oħrajn.

   b. Meta jiġi vvalutat jekk istituzzjoni konsolidanti tissodisfax il-limitu fil-punt 146(d) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013, il-kriterji jkunu ssodisfati jekk l-ammont fuq bażi konsolidata[25] jaqbeż il-limitu. L-ammonti, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jiġu konvertiti f'EUR, permezz tar-rata tal-kambju ppubblikata mill-Kummissjoni għall-ipprogrammar finanzjarju u l-baġit għall-aħħar xahar tas-sena finanzjarja tal-istituzzjoni konsolidanti.

95. Meta jiġi stabbilit l-ammont tar-remunerazzjoni varjabbli annwali mħallas lil membru ta' persunal u l-proporzjon bejn ir-remunerazzjoni annwali varjabbli u fissa għall-finijiet tal-Artikolu 94(3)(b), jiġifieri l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet għar-rekwiżit sabiex jiddifferixxu u jħallsu fi strumenti r-remunerazzjoni varjabbli lil membri tal-persunal individwali, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-ammonti speċifikati fil-punti (a) u (b) u japplikaw il-kundizzjonijiet ulterjuri fil-punti (c) sa (f):

   a. ir-remunerazzjoni varjabbli annwali mogħtija għall-perjodu ta' prestazzjoni li huwa daqs is-sena finanzjarja li għaliha tiġi stabbilita jekk l-eżenzjoni tista' tiġi applikata u l-perjodi ta' prestazzjoni kollha li ntemmew matul din is-sena finanzjarja, indipendentement mit-tul

[25] Japplika l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 575/2013 fir-rigward ta' entitajiet esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali.

tal-perjodi ta' prestazzjoni sottostanti li ntemmew matul din is-sena finanzjarja, eż. għandha tinkludi l-ammont sħiħ tar-remunerazzjoni varjabbli abbażi ta' perjodi ta' dovuti multiannwali rotanti u mhux rotanti u bonusijiet ta' żamma għal perjodi itwal minn sena meta l-perjodu sottostanti ntemm fis-sena finanzjarja mogħtija;

b. ir-remunerazzjoni annwali fissa mogħtija għas-sena finanzjarja li għaliha tista' tiġi applikata l-eżenzjoni; għall-kalkolu l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu komponenti oħra ta' remunerazzjoni fissa kif speċifikat skont il-paragrafi 132 u 133;

c. l-ammonti għandhom ikunu abbażi tad-definizzjoni ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli f'dawn il-linji gwida u għandhom jiġu kkalkolati abbażi tar-remunerazzjoni gross mogħtija;

d. ir-remunerazzjoni varjabbli għandha tikkonsisti f'forom ta' remunerazzjoni varjabbli mogħtija, inklużi r-remunerazzjoni varjabbli bbażata fuq il-prestazzjoni, l-ammonti mħallsin bħala remunerazzjoni varjabbli garantita, il-bonusijiet ta' żamma, il-ħlasijiet ta' terminazzjoni jew il-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni;

e. meta l-ammonti huma stabbiliti mill-istituzzjonijiet fuq bażi individwali, għandha titqies ir-remunerazzjoni mogħtija mill-istituzzjoni, meta l-ammont huwa stabbilit fuq bażi konsolidata mill-istituzzjoni konsolidanti, għandha titqies ir-remunerazzjoni sħiħa mogħtija mill-istituzzjonijiet finanzjarji u mill-impriżi ta' servizzi anċillari fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali;

f. meta r-remunerazzjoni titħallas b'munita li mhijiex l-EUR, l-ammonti għandhom jiġu konvertiti f'EUR permezz tar-rata tal-kambju ppubblikata mill-Kummissjoni għall-ipprogrammar finanzjarju u l-baġit għall-aħħar xahar tas-sena finanzjarja tal-istituzzjoni.

96. Meta tiġi kkalkolata l-medja tal-valur tal-assi għall-perjodu ta' erba' snin immedjatament qabel is-sena finanzjarja attwali għall-fini tal-punt (a) tal-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-medja aritmetika ta' dan il-valur fl-aħħar tal-erba' snin finanzjarji preċedenti. Fejn il-kontijiet jinżammu f'munita li mhijiex l-EUR, l-ammonti għandhom jiġu konvertiti f'EUR permezz tar-rata tal-kambju ppubblikata mill-Kummissjoni għall-ipprogrammar finanzjarju u l-baġit għall-aħħar xahar ta' kull sena finanzjarja.

97. Fejn il-liġi nazzjonali tagħti s-setgħa lil awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu l-limiti skont l-Artikolu 94(3) u 94(4) tad-Direttiva 2013/36/UE għal istituzzjonijiet individwali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jbaxxu jew jgħollu l-limiti skont l-Artikolu 94(3) u 94(4) tad-Direttiva 2013/36/UE, iqisu n-natura tal-istituzzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, l-organizzazzjoni interna tagħha, jew, jekk japplikaw, il-karatteristiċi tal-grupp li għalih tappartjeni, kif ukoll tqis il-kriterji ta' proporzjonalità stabbiliti f'din it-Taqsima.

## 5. Il-proċess ta' identifikazzjoni

98. Hija r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet li jidentifikaw il-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. L-

istituzzjonijiet kollha għandhom iwettqu awtovalutazzjoni kull sena sabiex jidentifikaw il-persunal kollu li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom jew jista' jkollhom impatt materajli fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Il-proċess ta' identifikazzjoni għandu jkun parti mill-politika ta' remunerazzjoni globali tal-istituzzjoni.

99.L-awtovalutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 92(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-RTS dwar il-persunal identifikat u fejn meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni kompluta tal-persunal kollu li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, il-kriterji addizzjonali stabbiliti mill-istituzzjoni li jirriflettu l-livelli ta' riskju ta' attivitajiet differenti fl-istituzzjoni u l-impatt tal-membri tal-persunal fuq il-profil tar-riskju.

100.Meta jiġu applikati kriterji kwantitattivi bbażati fuq remunerazzjoni tal-membri tal-persunal, għandhom jitqiesu r-remunerazzjoni fissa mogħtija għas-sena finanzjarja preċedenti u r-remunerazzjoni varjabbli mogħtija lill-persunal fi jew għas-sena finanzjarja preċedenti. Ir-remunerazzjoni varjabbli mogħtija fis-sena finanzjarja preċedenti hija r-remunerazzjoni varjabbli mogħtija fis-sena finanzjarja preċedenti b'referenza għall-prestazzjoni preċedenti. L-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-metodu applikabbli fil-politika ta' remunerazzjoni tagħhom. Meta jiġu applikati l-kriterji kwantitattivi bbażati fuq ir-remunerazzjoni tal-membri tal-persunal, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-komponenti tar-remunerazzjoni fissi u varjabbli monetarji u mhux monetarji kollha mogħtija għas-servizzi professjonali. Pakketti ta' remunerazzjoni ta' rutina li mhumiex kontabilizzati fuq livell individwali għandhom jiġu meqjusa skont is-somma globali maqsuma skont il-kriterji oġġettivi għall-membru tal-persunal individwali.

101.Meta jiġu applikati kriterji kwantitattivi li huma definiti f'EUR, l-istituzzjonijiet li jagħtu r-remunerazzjoni f'munita oħra li mhijiex EUR għandhom jikkonvertu l-limiti applikabbli jew permezz ta' rata tal-kambju interna li tintuża għal konsolidazzjoni tal-kontijiet jew ir-rata tal-kambju li tintuża mill-Kummissjoni għall-ipprogrammar finanzjarju u l-baġit għax-xahar meta r-remunerazzjoni ġiet mogħtija jew ir-rata tal-kambju għall-aħħar xahar tas-sena finanzjarja tal-istituzzjoni[26]. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-metodu applikabbli biex tistabbilixxi r-rata tal-kambju fil-politika ta' remunerazzjoni tagħha.

102.L-awtovalutazzjoni għandha tkun ċara, konsistenti, dokumentata kif suppost u aġġornata perjodikament matul is-sena għall-inqas fir-rigward tal-kriterji kwalitattivi skont l-Artikolu 92(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-RTS dwar il-persunal identifikat u fejn xieraq, b'żieda fuq il-bażi tal-kriterji tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-persunal li jaqa' jew li aktarx jaqa' taħt il-kriterji fl-Artikolu 3 tal-RTS dwar il-persunal identifikat għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur f'sena finanzjarja jkun ttrattat bħala persunal identifikat.

103.L-informazzjoni li ġejja għandha tal-inqas tkun inkluża fid-dokumentazzjoni tal-awtovalutazzjoni li tkun saret rigward l-identifikazzjoni tal-persunal:

[26]Ir-rati tal-kambju jistgħu jinkisbu mis-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/inforeuro/inforeuro_en.cfm.

a. ir-raġunijiet wara l-awtovalutazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni tagħha;

b. l-approċċ użat sabiex jiġu vvalutati r-riskji li joħorġu mill-istrateġija tan-negozju u l-attivitajiet tal-istituzzjoni, inkluż f'postijiet ġeografiċi differenti;

c. kif inhuma vvalutati persuni li jaħdmu f'istituzzjonijiet u f'entitajiet oħrajn fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, is-sussidjarji u l-fergħat, inklużi dawk li jinsabu f'pajjiżi terzi;

d. ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-korpi korporattivi u l-funzjonijiet interni differenti involuti fit-tfassil, is-sorveljanza, ir-rieżami u l-applikazzjoni tal-proċess ta' awtovalutazzjoni; u

e. l-eżitu tal-identifikazzjoni.

104.L-istituzzjonijiet għandhom iżommu rekords tal-proċess ta' identifikazzjoni u tar-riżultati tiegħu u għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtorità superviżorja kompetenti tagħhom kif il-persunal ġie identifikat skont il-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi previsti fl-Artikolu 92(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-RTS dwar il-persunal identifikat u kwalunkwe kriterju addizzjonali użat mill-istituzzjonijiet.

105.Id-dokumentazzjoni tal-awtovalutazzjoni għandha tal-inqas tinkludi n-numru tal-persunal identifikat, inkluż in-numru ta' persunal identifikat għall-ewwel darba, ir-responsabbiltajiet u l-attivitajiet tal-impjieg, l-ismijiet jew identifikatur uniku ieħor u l-allokazzjoni fl-istituzzjoni tal-persunal identifikat għal-linja ta' azzjoni u paragun mar-riżultati tal-awtovalutazzjoni tas-sena preċedenti.

106.Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi wkoll membri tal-persunal li ġew identifikati skont il-kriterji kwantitattivi, iżda li l-attivitajiet professjonali tagħhom huma vvalutati bħala li m'għandhomx impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, f'konformità mal-RTS dwar il-persunal identifikat. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu d-dokumentazzjoni għal perjodu ta' żmien xieraq sabiex jippermettu li jsir ir-rieżami mill-awtoritajiet kompetenti.

## 5.1 Approvazzjoni minn qabel tal-esklużjonijiet

107.Meta l-istituzzjoni tistabbilixxi skont l-RTS dwar il-persunal identifikat li l-attivitajiet professjonali tal-membri tal-persunal m'għandhomx impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u tapplika għal approvazzjoni minn qabel, għandu japplika dan li ġej:

a. Il-korp maniġerjali għandu jiddeċiedi abbażi tal-analiżi li twettqet fil-proċess ta' identifikazzjoni annwali jekk il-persunal għandux fil-fatt impatt fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u jgħarraf lill-funzjoni superviżorja dwar id-deċiżjoni meħuda. Il-funzjoni superviżorja jew, meta jiġi stabbilit, il-kumitat tar-remunerazzjoni, għandhom jirrevedu l-

kriterji u l-proċess li bihom jittieħdu d-deċiżjonijiet u japprovaw l-eżenzjonijiet magħmulin.[27]

b. Kwalunkwe applikazzjoni għall-approvazzjoni minn qabel għandha ssir mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja preċedenti. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-applikazzjoni u tapprova jew tiċħad l-applikazzjoni, sa fejn possibbli, fi żmien tliet xhur wara li tkun irċeviet id-dokumentazzjoni sħiħa.

c. Fejn il-membru tal-persunal ingħata remunerazzjoni totali ta' EUR 1 000 000 jew iżjed fis-sena finanzjarja preċedenti, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf minnufih lill-EBA dwar l-applikazzjoni riċevuta u tipprovdi l-valutazzjoni inizjali tagħha. Fuq talba, l-awtorità kompetenti għandha tissottometti minnufih l-informazzjoni kollha riċevuta mill-istituzzjoni lill-EBA. L-EBA sejra żżomm kuntatt mal-awtorità kompetenti sabiex tiżgura li l-esklużjonijiet bħal dawn huma mogħtija b'mod konsistenti qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni mill-awtorità kompetenti.

108. L-approvazzjoni minn qabel fir-rigward ta' esklużjonijiet ta' persunal identifikat b'rabta mal-kriterji kwantitattivi għandha tingħata biss għal perjodu ta' żmien limitat. It-talba għal approvazzjoni minn qabel skont l-RTS dwar il-persunal identifikat għandha ssir kull sena. Fir-rigward ta' persunal li għalih tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-ewwel darba, l-approvazzjoni minn qabel għandha tikkonċerna biss is-sena finanzjarja li fiha ntalbet l-approvazzjoni minn qabel u s-sena finanzjarja ta' wara. Għal persunal li għalih l-esklużjoni diġà ġiet approvata għas-sena finanzjarja kurrenti, l-approvazzjoni minn qabel għandha tikkonċerna s-sena finanzjarja ta' wara biss.

109. Meta l-persunal identifikat ikun eskluż fis-sussidjarji li huma nfushom mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtorità kompetenti hija l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni prinċipali. Għall-fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fejn l-uffiċċju prinċipali jkun jinsab f'pajjiż terz, l-awtorità kompetenti hija l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet fl-Istat Membru ta' fejn tinsab il-fergħa.

110. Talbiet għall-approvazzjoni minn qabel għandhom jinkludu l-ismijiet kollha jew identifikatur uniku ieħor għall-persunal identifikat li għalih għandha tapplika esklużjoni, il-perċentwal tal-kapital intern allokat skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE lill-unità tan-negozju li fiha huwa attiv il-membru tal-persunal u l-analiżi tal-impatt tal-persunal fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni għal kull membru tal-persunal identifikat. Meta l-persunal identifikat ikun attiv fl-istess unità tan-negozju u jkollu l-istess funzjoni, għandha titwettaq valutazzjoni konġunta.

[27] Jekk jogħġbok irreferi għall-paragrafu 110 fir-rigward tal-approvazzjoni tal-eżenzjonijiet għall-politika ta' remunerazzjoni.

## 5.2 Governanza tal-proċess ta' identifikazzjoni

111. Il-korp maniġerjali għandu r-responsabbiltà aħħarija għall-proċess ta' identifikazzjoni u għall-politika rispettiva. Il-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu:

   a. japprova l-politika tal-proċess ta' identifikazzjoni bħala parti mill-politika ta' remunerazzjoni;

   b. ikun involut fit-tfassil tal-awtovalutazzjoni;

   c. jiżgura li l-valutazzjoni għall-identifikazzjoni tal-persunal issir kif suppost skont id-Direttiva 2013/36/UE, l-RTS dwar il-persunal identifikat u dawn il-linji gwida;

   d. jissorvelja l-proċess ta' indentifikazzjoni fuq bażi kontinwa;

   e. japprova kwalunkwe eżenzjoni materjali minn jew bidliet fil-politika adottata u jikkunsidra u jissorvelja bir-reqqa l-effett tagħhom;

   f. japprova jew jissorvelja kwalunkwe esklużjoni ta' persunal skont l-RTS dwar il-persunal identifikat meta l-istituzzjonijiet iqisu li l-kriterji kwantitattivi definiti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni ma jkunux issodisfati mill-persunal, peress li dawn fil-fatt m'għandhomx impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet; u

   g. kull ċertu żmien jirrevedi l-politika approvata u, jekk ikun hemm bżonn, jemendaha.

112. Meta jkun ġie stabbilit kumitat tar-remunerazzjoni, dan għandu jkun involut b'mod attiv fil-proċess ta' identifikazzjoni f'konformità mar-responsabbiltajiet tiegħu għat-tħejjija ta' deċiżjonijiet rigward ir-remunerazzjoni. Meta ma jkun ġie stabbilit l-ebda kumitat tar-remunerazzjoni, il-membri mhux eżekuttivi u, fejn possibbli, il-membri indipendenti tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandhom jeżegwixxu l-kompiti rispettivi.

113. Il-funzjonijiet indipendenti ta' mmaniġġjar tar-riskju u ta' verifika tal-konformità, il-funzjonijiet tal-appoġġ tan-negozju (eż. legali, riżorsi umani) u l-kumitati rilevanti tal-korp maniġerjali (jiġifieri kumitati tar-riskju, tan-nomina u tal-awditjar) għandhom ikunu involuti fil-proċess ta' identifikazzjoni skont ir-rwol rispettiv tagħhom u fuq bażi kontinwa wkoll. B'mod partikolari, meta jkun ġie stabbilit kumitat tar-riskju, dan għandu jkun involut fil-proċess ta' identifikazzjoni mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-kumitat tar-remunerazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw skambju xieraq ta' informazzjoni fost il-korpi interni u l-funzjonijiet kollha involuti fil-proċess ta' identifikazzjoni. Il-proċess ta' identifikazzjoni u r-riżultat tiegħu għandhom ikunu soġġetti għal rieżami indipendenti intern jew estern.

## 5.3 Il-proċess ta' identifikazzjoni fuq livell individwali, subkonsolidat u konsolidat

114. Il-kriterji ta' identifikazzjoni kwalitattivi u kwantitattivi inklużi fl-Artikolu 92(3) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-RTS dwar il-persunal identifikat u dawk stabbiliti apparti mill-istituzzjonijiet għandhom ikunu applikati kemm minn istituzzjonijiet fuq bażi individwali, bl-użu tal-figuri u fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-istituzzjoni individwali, u kif ukoll mill-istituzzjoni

konsolidanti fuq bażi konsolidata u subkonsolidata kif spjegat fil-punti (48) u (49) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013, inklużi– soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 109(4) sa (6) tad-Direttiva 2013/36/UE – is-sussidjarji kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali li huma nfushom mhumiex soġġetti għas-CRD, bl-użu tal-figuri konsolidati u fid-dawl tas-sitwazzjoni konsolidata u l-impatt fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet fuq bażi konsolidata. Il-proċess ta' identifikazzjoni fuq bażi konsolidata għandu jinkludi membri tal-persunal kif spjegat fl-Artikolu 109(5) tad-Direttiva 2013/36/UE, anke jekk is-sussidjarja li timpjega lil dak il-membru tal-persunal mhijiex soġġetta għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti fl-Artikoli 92, 94 u 95 tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi konsolidata u mhijiex soġġetta għad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi individwali.

115. Meta jiġu applikati l-kriterji ta' identifikazzjoni kwalitattivi fuq livell konsolidat jew subkonsolidat, il-membri tal-persunal f'sussidjarja jkunu affettwati biss jekk ikunu responsabbli għall-funzjonijiet imsemmijin f'dawn il-kriterji fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata. Eż. membru tal-persunal f'sussidjarja li huwa membru tal-korp maniġerjali ta' sussidjarja bħal din għandu jkun affettwat mill-kriterju "il-membru tal-persunal ikun membru tal-korp maniġerjali fil-funzjoni tal-immaniġġjar tiegħu" biss jekk huwa jew hija wkoll ikunu membru tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE.

116. Il-kriterji ta' identifikazzjoni kwantitattivi applikabbli għandhom japplikaw għall-persunal kollu fl-istituzzjoni u s-sussidjarji tagħha li huwa soġġett għar-rekwiżiti skont l-Artikoli 92, 94 u 95 tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi konsolidata u subkonsolidata, filwaqt li titqies ir-remunerazzjoni kollha mogħtija fil-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-konsolidament prudenzjali.

117. Meta jiġu applikati l-kriterji ta' identifikazzjoni kwalitattivi, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-persunal responsabbli għall-funzjoni msemmija fil-kriterji kwalitattivi; il-kriterju ewlieni għall-identifikazzjoni mhuwiex l-isem tal-funzjoni iżda l-awtorità u r-responsabbiltà mogħtija lill-funzjoni.

## 5.4 Ir-rwol tal-istituzzjoni konsolidanti

118. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 109(4) tas-CRD, l-istituzzjoni konsolidanti għandha tiżgura l-konsistenza ġenerali tal-politiki tar-remunerazzjoni tal-grupp inklużi l-proċessi ta' identifikazzjoni u l-implimentazzjoni korretta fuq bażi konsolidata, subkonsolidata u individwali.

## 5.5 Ir-rwol tas-sussidjarji u l-fergħat

119. L-istituzzjonijiet li huma sussidjarji ta' istituzzjoni konsolidanti għandhom jimplimentaw fil-politika tar-remunerazzjoni tagħhom, il-politika maħruġa mill-istituzzjoni prinċipali konsolidanti u l-proċess għall-identifikazzjoni tal-persunal. Is-sussidjarji kollha għandhom jieħdu sehem b'mod attiv fil-proċess ta' identifikazzjoni mwettaq mill-istituzzjoni prinċipali konsolidanti. B'mod partikolari, kull sussidjarja fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali, inklużi dawk li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE huma stess, għandhom jipprovdu lill-istituzzjoni konsolidanti l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex jidentifikaw b'mod xieraq il-

persunal kollu li għandu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata.

120.Sussidjarji li huma stess mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE, mhumiex meħtieġa jwettqu proċess ta’ identifikazzjoni fuq livell individwali, sakemm ma jiġdux mitluba li jagħmlu dan skont ir-rekwiżiti ta’ remunerazzjoni speċifiċi għas-settur. Għal dawk is-sussidjarji li mhumiex soġġetti għad-Direttiva jew għal rekwiżiti ta’ remunerazzjoni speċifiċi oħrajn kif speċifikat skont l-Artikolu 109(4) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-valutazzjoni għandha titwettaq mill-istituzzjoni konsolidanti fuq il-livell konsolidat jew subkonsolidat, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mis-sussidjarja. Istituzzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE għadhom iwettqu l-awtovalutazzjoni tagħhom għall-identifikazzjoni tal-persunal fuq il-livell individwali. Istituzzjonijiet żgħar u inqas kumplessi li huma inklużi fi proċess ta’ identifikazzjoni fuq bażi konsolidata jistgħu jiddelegaw l-applikazzjoni prattika tal-proċess ta’ identifikazzjoni fuq livell individwali lill-istituzzjoni konsolidanti.

121.Fergħat fi Stat Membru ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f’pajjiż terz u istituzzjonijiet fi Stat Membru li huma sussidjarji ta’ istituzzjonijiet prinċipali f’pajjiżi terzi għandhom iwettqu l-proċess ta’ identifikazzjoni u jgħarrfu l-istituzzjoni prinċipali tagħhom bir-riżultati tiegħu. L-istituzzjonijiet fi Stat Membru għandhom jinkludu wkoll is-sussidjarji tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ konsolidament prudenzjali u ta’ fergħat li jinsabu f’pajjiżi terzi fil-valutazzjoni tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu konxji li l-fergħat jifformaw parti mhux indipendenti tal-istituzzjoni.

122.Għal fergħat ta’ pajjiżi terzi li jinsabu fi Stat Membru, il-kriterji għall-identifikazzjoni għandhom jiġu applikati bl-istess mod lill-funzjonijiet, l-attivitajiet kummerċjali u l-persunal li jinsabu fi Stat Membru bħal kif ikunu applikati għal istituzzjoni fuq livell individwali.

## 6. Il-bażi kapitali

123.L-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-għoti, il-ħlas u l-vestiment tar-remunerazzjoni varjabbli, inkluża l-applikazzjoni tal-arranġamenti tal-*malus* u tal-irkupru, skont il-politika ta’ remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet mhumiex ta’ ħsara għaż-żamma ta’ bażi kapitali soda.

124.Meta tkun qed tivvaluta jekk il-bażi kapitali hijiex soda, l-istituzzjoni għandha tqis il-fondi proprji ġenerali tagħha u b’mod partikolari l-kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni, ir-rekwiżit tal-kapital, inklużi r-rekwiżit tal-buffer kapitali kkombinat kif definit fl-Artikolu 128(6) tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit tal-buffer għall-proporzjon ta’ lieva finanzjarja kif definit fl-Artikolu 92(1a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif definit fl-Artikolu 45c tad-Direttiva 2014/59/UE u kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali u r-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 141 u 141b tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 16a tad-Direttiva 2014/59/UE li japplikaw għar-remunerazzjoni varjabbli għall-persunal kollu kif ukoll ir-riżultat tal-proċess ta’ valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital. Ir-rekwiżit sabiex tinżamm bażi kapitali soda u r-

restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet japplikaw ukoll fuq bażi konsolidata u subkonsolidata. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu r-riżultati tar-rieżami superviżorju u l-proċessi ta' evalwazzjoni f'konformità mal-linji gwida rispettivi tal-EBA.

125. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-impatt tar-remunerazzjoni varjabbli – kemm l-ammonti bil-quddiem kif ukoll dawk differiti – fl-ippjanar tal-kapital u tal-likwidità tagħhom u fil-proċess ta' valutazzjoni interna ġenerali dwar l-adegwatezza tal-kapital tagħhom.

126. Ir-remunerazzjoni varjabbli totali mogħtija minn istituzzjoni ma tistax tillimita l-kapaċità tal-istituzzjoni li żżomm jew tirrestawra bażi kapitali soda fit-tul u għandha tikkunsidra l-interessi tal-azzjonisti u tas-sidien, tad-depożitanti, tal-investituri u ta' partijiet ikkonċernati oħrajn. M'għandhiex tingħata jew titħallas remunerazzjoni varjabbli meta l-effett tagħha jkun li l-bażi kapitali tal-istituzzjoni ma tibqax iktar soda. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra dawn ir-rekwiżiti, ir-riżultati mill-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital, l-ippjanar tal-kapital multiannwali tagħha, ir-restrizzjonijiet dwar id-distribuzzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 141 u 141b tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 16a tad-Direttiva 2014/59/UE u r-rakkomandazzjonijiet dwar id-distribuzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, meta tistabbilixxi:

a. l-aggregazzjoni ġenerali tar-remunerazzjoni varjabbli li tista' tingħata għal dik is-sena; u

b. l-ammont tar-remunerazzjoni varjabbli li se jitħallas jew li se jiġi vestita f'dik is-sena.

127. L-istituzzjonijiet li m'għandhomx bażi kapitali soda jew meta s-solidità tal-bażi kapitali tkun f'riskju għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin fir-rigward tar-remunerazzjoni varjabbli:

a. Inaqqsu l-aggregazzjoni ta' bonusijiet varjabbli f'konformità mal-Artikoli 141 u 141b tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 16a tad-Direttiva 2014/59/UE, inkluża l-possibbiltà li jnaqssuha għal żero;

b. Japplikaw il-miżuri ta' aġġustament tal-prestazzjoni neċessarji, b'mod partikolari l-*malus*;

c. Jużaw il-profitt nett tal-istituzzjoni għal-dik is-sena u potenzjalment għas-snin sussegwenti sabiex isaħħu l-bażi kapitali. L-istituzzjoni ma għandhiex tikkumpensa għal kwalunkwe tnaqqis fil-kumpens varjabbli li sar sabiex tiġi żgurata bażi kapitali soda fis-snin ta' wara jew minn ħlasijiet, veikoli jew metodi oħrajn li jwasslu għal ċirkomvenzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

128. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jintervjenu meta l-għoti tar-remunerazzjoni varjabbli jkun ta' ħsara għaż-żamma ta' bażi kapitali soda billi jirrekjedi li l-istituzzjoni tnaqqas jew tapplika limitu massimu għall-aggregazzjoni ġenerali ta' remunerazzjoni varjabbli stabbilia sakemm titjieb is-sitwazzjoni tal-adegwatezza kapitali; u jekk ikun hemm bżonn tapplika miżuri ta' aġġustament tal-prestazzjoni, b'mod partikolari l-*malus* u jitolbu li l-istituzzjonijiet jużaw profitti netti sabiex isaħħu l-fondi proprji.

# Titolu II - Struttura tar-remunerazzjoni

## 7. Il-kategoriji tar-remunerazzjoni

129.Skont id-Direttiva 2013/36/UE, ir-remunerazzjoni hija remunerazzjoni fissa jew varjabbli; ma hemm l-ebda kategorija oħra ta’ remunerazzjoni. Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tal-eżenzjonijiet skont il-paragrafi (3) sa (5) tal-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE, meta r-remunerazzjoni hija varjabbli u titħallas lill-persunal identifikat, għandhom jiġu ssodisfati wkoll ir-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE flimkien mar-rekwiżiti ġenerali li jinsabu fl-Artikolu 92 tagħha. Għal dik il-fini, l-istituzzjonijiet għandhom jallokaw f’konformità ma’ dawn il-linji gwida l-komponenti tar-remunerazzjoni għal remunerazzjoni fissa jew varjabbli u l-politiki ta’ remunerazzjoni tagħhom għandhom jistabbilixxu kriterji ċari, oġġettivi, predeterminati u trasparenti sabiex jassenjaw il-komponenti tar-remunerazzjoni kollha għall-kategoriji fissi jew varjabbli skont il-kriterji previsti fl-Artikolu 92(2)(g) tad-Direttiva 2013/36/UE u dawn il-linji gwida.

130.Meta l-allokazzjoni ċara ta’ komponent għar-remunerazzjoni fissa ma tkunx possibbli fuq il-bażi tal-kriterji provduti f’dawn il-linji gwida, din għandha titqies bħala remunerazzjoni varjabbli.

131.Ir-remunerazzjoni tkun fissa meta l-kundizzjonijiet għall-għoti u għall-ammont tagħha:

a. huma bbażati fuq kriterji predeterminati;

b. mhumiex diskrezzjonali, u jirriflettu l-livell ta’ esperjenza professjonali u l-anzjanità tal-persunal;

c. huma trasparenti fir-rigward tal-ammont individwali mogħti lill-membru tal-persunal individwali;

d. huma permanenti, jiġifieri jinżammu għal perjodu marbut mar-rwol speċifiku u mar-responsabbiltajiet organizzazzjonali;

e. mhumiex revokabbli; l-ammont permanenti jinbidel biss permezz ta’ negozjar kollettiv jew wara negozjar mill-ġdid f’konformità mal-kriterji nazzjonali dwar l-istabbiliment tal-pagi;

f. ma jistgħux jitnaqqsu, jiġu sospiżi jew ikkanċellati mill-istituzzjoni;

g. ma jipprovdux inċentivi għas-suppożizzjoni tar-riskju; u

h. ma jiddependux mill-prestazzjoni.

132.Il-komponenti tar-remunerazzjoni li huma parti minn politika tal-istituzzjoni sħiħa ġenerali meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 131 jew ħlasijiet obbligatorji skont il-liġi nazzjonali, huma meqjusin bħala remunerazzjoni fissa. Dan jinkludi ħlasijiet li jifformaw parti mill-pakketti dwar l-impjiegi ta’ rutina kif definit f’dawn il-linji gwida.

133.Il-komponenti tar-remunerazzjoni li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati wkoll bħala fissi, fejn is-sitwazzjonijiet simili kollha jiġu ttrattati b'mod konsistenti:

a. ir-remunerazzjoni mħallsa lill-persunal espatrijat fid-dawl tal-għoli tal-ħajja u r-rati tat-taxxa f'pajjiż differenti;

b. l-allowances użati sabiex iżidu s-salarju bażiku fiss f'sitwazzjonijiet li fihom il-persunal jaħdem barra minn pajjiżu u jirċievi inqas remunerazzjoni minn dik li jitħallas fis-suq tax-xogħol lokali għal kariga komparabbli meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi kollha li ġejjin:

i. l-allowance titħallas fuq bażi mhux diskriminatorja għall-persunal kollu f'sitwazzjoni simili;

ii. l-allowance tingħata għaliex il-persunal ħadem barra minn pajjiżu għal xi żmien jew f'kariga differenti b'livell ta' remunerazzjoni li jeħtieġ aġġustament sabiex jirrifletti l-livelli tal-ħlas fis-suq rilevanti;

iii. il-livell tal-ħlasijiet addizzjonali huwa bbażat fuq kriterji predeterminati;

iv. id-durata tal-allowance hija marbuta mad-durata tas-sitwazzjoni msemmija hawn fuq.

# 8. Każijiet partikolari ta' komponenti ta' remunerazzjoni

## 8.1 Allowances

134.Ir-remunerazzjoni varjabbli u fissa tal-istituzzjonijiet tista' tikkonsisti f'komponenti differenti, inklużi ħlasijiet jew benefiċċji addizzjonali jew anċillari. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw l-allowances[28] u jallokawhom fil-komponent varjabbli jew fiss tar-remunerazzjoni. L-allokazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji fit-Taqsima 7.

135.B'mod partikolari, meta l-allowances jitqiesu bħala remunerazzjoni fissa, iżda juru xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjn, l-istituzzjoni għandha tiddokumenta kif xieraq ir-riżultati tal-valutazzjonijiet imwettqin skont it-Taqsima 7:

a. Jitħallsu biss lill-membri tal-persunal identifikati[29].

b. Huma limitati għal każijiet fejn il-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni kien ikun jaqbeż il-100 % (jekk applikabbli, sa 200 % meta approvat mill-azzjonisti).

[28] It-tikketta tista' tvarja skont l-istituzzjoni: "paga bbażata fuq ir-rwol, allowance tal-persunal, allowance tar-rwol aġġustabbli, allowance tal-paga fissa", eċċ.

[29] Li tkun membru tal-persunal identifikat m'għandux jitqies bħala rwol jew funzjoni.

c. L-allowances huma marbutin ma' indikaturi li possibbilment jistgħu jinftiehmu bħala indikaturi tal-prestazzjoni. F'dak il-każ, l-istituzzjoni għandha tkun kapaċi turi li dawn l-indikaturi mhumiex marbutin mal-prestazzjoni tal-istituzzjoni, eż. billi tanalizza l-korrelazzjoni mal-indikaturi tal-prestazzjoni użati.

136. Meta l-allowances ikunu bbażati fuq ir-rwol, il-funzjoni u r-responsabbiltà organizzazzjonali tal-persunal, sabiex jiġu mmappjati b'mod korrett fil-komponent fiss tar-remunerazzjoni, dawn għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 131 filwaqt li jitqiesu dawn kollha li ġejjin:

a. l-allowance hija marbut ma' rwol jew ma' responsabbiltà organizzazzjonali u tingħata sakemm ma sseħħ l-ebda bidla materjali fir-rigward tar-responsabbiltajiet u l-awtoritajiet tar-rwol sabiex fil-fatt il-persunal ikollu rwol jew responsabbiltà organizzazzjonali differenti;

b. l-ammont ma jiddependi fuq l-ebda fattur ħlief li jissodisfa ċertu rwol jew li jkollu ċerta responsabbiltà organizzazzjonali u l-kriterji fil-paragrafu 203;

c. kwalunkwe membru tal-persunal ieħor li jwettaq l-istess rwol jew li għandu l-istess responsabbiltà organizzazzjonali u li huwa f'sitwazzjoni komparabbli jkun intitolat għal allowance komparabbli.

137. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-allowances mhumiex veikolu jew metodu li jiffaċilità n-nuqqas ta' konformità tal-istituzzjonijiet mas-CRD.

## 8.2 Remunerazzjoni varjabbli bbażata fuq il-prestazzjoni futura

138. Meta l-għoti tar-remunerazzjoni varjabbli, inklużi l-LTIPs, ikun ibbażat fuq prestazzjoni fl-imgħoddi ta' mill-inqas sena, imma jiddependi wkoll fuq il-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni fil-ġejjieni, għandu japplika dan li ġej:

a. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu b'mod ċar lill-persunal il-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni addizzjonali li għandhom jiġu ssodisfati wara l-għotja għar-remunerazzjoni varjabbli li għandha tiġi vestita.

b. Qabel il-vestiment tar-remunerazzjoni varjabbli l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-vestiment tagħha.

c. Il-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni addizzjonali li jħarsu 'l quddiem għandhom jiġu stabbiliti għal perjodu ta' prestazzjoni predefinit ta' tal-inqas sena.

d. Meta l-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni addizzjonali li jħarsu 'l quddiem ma jkunux ġew issodisfati, sa 100 % tar-remunerazzjoni varjabbli mogħtija f'dawk il-kundizzjonijiet għandha tkun soġġetta għall-arranġamenti tal-*malus*.

e. Il-perjodu ta' differiment għandu jintemm mhux qabel sena minn meta tkun ġiet ivvalutata l-aħħar kundizzjoni tal-prestazzjoni; id-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha rigward

id-differiment tar-remunerazzjoni varjabbli għall-persunal identifikat stabbiliti fit-Taqsima 15 japplikaw bl-istess mod fir-rigward tar-remunerazzjoni varjabbli li hija bbażata b’mod esklussiv fuq il-prestazzjoni qabel l-għoti tagħha.

f. Għall-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni totali, l-ammont totali tar-remunerazzjoni varjabbli mogħti għandu jitqies fis-sena finanzjarja li għaliha ngħatat ir-remunerazzjoni varjabbli, inklużi l-LTIPs. Dan għandu japplika wkoll meta l-prestazzjoni fl-imgħoddi tkun ġiet ivvalutata f’perjodu tad-dovuti multiannwali.

139.Meta pjan tar-remunerazzjoni prospettiv għar-remunerazzjoni varjabbli, inklużi l-LTIPs, ikun ibbażat b’mod esklussiv fuq kundizzjonijiet tal-prestazzjoni fil-ġejjieni (eż. meta persunal ġdid jirċievi LTIP fil-bidu tal-ewwel sena tal-impjieg), l-ammont għandu jitqies li ngħata wara li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni, inkella m’għandu jingħata xejn. L-ammonti mogħtijin għandhom jitqiesu għall-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni totali fis-sena finanzjarja qabel l-għoti tagħhom. Meta jingħata numru speċifiku ta’ strumenti, dawn għandhom jiġu vvalutati b’mod eċċezzjonali għall-fini tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u dawk fissi tar-remunerazzjoni totali bil-prezz tas-suq jew bil-valur ġust stabbilit fiż-żmien li fih ingħata l-pjan tar-remunerazzjoni prospettiv għar-remunerazzjoni varjabbli. Għandhom japplikaw il-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 138. Ir-rekwiżiti kollha l-oħrajn japplikaw bl-istess mod fir-rigward tar-remunerazzjoni varjabbli, eż. il-perjodu ta’ differiment jibda wara l-għoti tar-remunerazzjoni varjabbli.

## 8.3 Dividendi u pagamenti tal-imgħax

140.Ħlasijiet ta’ “kumpens għal prestazzjoni” fis-sens tal-Artikolu 4(1)(d) tal-AIFMD huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-remunerazzjoni tal-AIFMD; il-paragrafu 2 tal-Anness II tal-AIFMD jinkludi speċifikament il-kumpens għal prestazzjoni fid-definizzjoni ta’ remunerazzjoni [30]. Japplikaw il-linji gwida tal-ESMA dwar politiki sodi ta’ remunerazzjoni skont l-AIFMD[31]. Għall-finijiet ta’ dawn il-linji gwida tal-EBA u b’mod partikolari tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni għall-persunal identifikat taħt it-Taqsima 13 ta’ dawn il-linji gwida, għandu japplika dan li ġej:

a. il-ħlasijiet kollha mwettqa mill-fondi ta’ investiment alternattivi għal dawn il-membri tal-persunal permezz ta’ veikoli ta’ kumpens għal prestazzjoni li mhumiex qegħdin jirrappreżentaw redditu pro rata fuq l-investiment li jagħmlu, dawn il-membri tal-persunal

[30] Il-paragrafu 2 tal-Anness II tal-AIFMD jiddikjara li “Il-prinċipji msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għar-rimunerazzjoni ta’ kull tip imħallsa mill-AIFM, għal kull ammont imħallas mill-AIF innifsu, inkluż il-carried interest, u għal kull trasferiment ta’ unitajiet jew ishma tal-AIF, li jsiru għall-benefiċċji ta’ dawk il-kategoriji tal-persunal, inkluż il-management għoli, dawk li jieħdu r-riskji, jiżvolġu funzjonijiet ta’ kontroll u kull impjegat li jirċievi rimunerazzjoni totali li ddaħħalhom fl-istess faxxa retributtiva bħall-management l-għoli u dawk li jieħdu r-riskji, li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tagħhom tar-riskju jew il-profili ta’ riskju tal-AIF li jimmaniġġjaw” (enfasi miżjuda).

[31] ESMA/2013/232, disponibbli fuq: http://www.esma.europa.eu/system/files/2013-232_aifmd_guidelines_on_remuneration_-_en.pdf. Dwar it-trattament speċifiku tal-kumpens għal prestazzjoni skont l-AIFMD, ara, b’mod partikolari, il-paragrafi 10, 13 u 16 u 159 tal-linji gwida tal-ESMA.

għandhom jitqiesu bħala remunerazzjoni varjabbli u jiġu vvalutati fil-ħin tal-għoti tagħhom;

b. il-ħlasijiet kollha li jsiru mill-fondi ta' investiment alternattivi għal dawn il-membri tal-persunal permezz ta' veikoli ta' kumpens għal prestazzjoni li jirrappreżentaw redditu pro rata fuq kwalunkwe investiment minn dawn il-membri tal-persunal (permezz ta' veikolu ta' kumpens għal prestazzjoni) għall-fond ta' investiment alternattiv m'għandhomx ikunu inklużi fil-kalkolu.

141.Dividendi mħallsin fuq ishma vestiti jew interessi proprjetarji ekwivalenti li l-persunal irċieva bħala parti mir-remunerazzjoni tagħhom jew ishma oħrajn miżmuma mill-persunal bħala azzjonisti jew sidien ta' istituzzjoni, mhumiex parti mir-remunerazzjoni għall-fini ta' dawn il-linji gwida. L-istess japplika għall-imgħax imħallas lill-persunal fuq strumenti jew investimenti vestiti oħrajn.

142.Id-dividend u l-pagamenti tal-imgħax m'għandhomx jintużaw bħala metodu ta' ħlas għar-remunerazzjoni varjabbli li jwassal għal ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni stabbiliti mis-CRD.

## 8.4 Bonusijiet ta' żamma

143.L-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi jissostanzjaw l-interess leġittimu tagħhom fl-għoti tal-bonusijiet ta' żamma sabiex iżommu membru tal-persunal identifikat. Pereżempju, il-bonusijiet ta' żamma jistgħu jintużaw f'ristrutturazzjonijiet, fi stralċ, wara bidla tal-kontroll jew biex jiżguraw it-tlestija ta' proġetti kbar. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw l-avveniment jew il-ġustifikazzjoni li wasslu għall-ħtieġa li jingħata bonus ta' żamma u l-perjodu ta' żmien, inkluż id-data tal-bidu u t-tmiem, li għalih huwa preżunt li teżisti raġuni. L-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-kundizzjonijiet ta' żamma u l-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni applikabbli (ara wkoll il-paragrafu 147). L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw perjodu ta' żamma u data jew avveniment li warajh jiġi stabbilit jekk il-kundizzjonijiet ta' żamma u l-prestazzjoni ġewx issodisfati.

144.Bħala prinċipju ġenerali, l-istituzzjonijiet m'għandhomx jagħtu bonusijiet ta' żamma multipli lil membru tal-persunal; f'każijiet eċċezzjonali u ġġustifikati b'mod korrett, jista' jitħallas aktar minn bonus ta' żamma wieħed lil membru tal-persunal, iżda fi żminijiet differenti u skont il-kundizzjonijiet speċifikati f'din it-Taqsima fir-rigward ta' kull bonus ta' żamma. Il-bonusijiet ta' żamma għandhom jingħataw biss wara li l-kundizzjonijiet ta' żamma u l-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni applikabbli jiġi ssodisfati. Barra minn hekk, il-bonus ta' żamma għandu jingħata biss jekk m'hemm l-ebda raġuni li twassal għal sitwazzjoni fejn il-bonus ta' żamma m'għandux jingħata, eż. ksur ta' konformità tal-materjal, imġiba ħażina jew nuqqasijiet oħrajn ta' dak il-membru tal-persunal.

145.Bonus ta' żamma għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikoli 93, 141 u 141b u s-setgħat superviżorji rispettivi tal-Artikolu 104(1)(g) tad-Direttiva 2013/36/UE li jistgħu jwasslu għal

sitwazzjoni fejn il-bonus ta' żamma jkollu bżonn jitnaqqas, possibilment anke għal żero, skont l-ammont massimu distribwibbli (MDA) jew restrizzjonijiet oħrajn imposti mill-awtoritajiet kompetenti.

146.Meta jevalwaw u jqisu jekk l-għoti ta' bonus ta' żamma lil persunal identifikat huwiex xieraq, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu tal-inqas dawn li ġejjin:

a. it-tħassib li jwassal għar-riskju li ċertu persunal jista' jagħżel li jitlaq mill-istituzzjoni;

b. ir-raġunijiet għaliex iż-żamma ta' dak il-membru tal-persunal hija kruċjali għall-istituzzjoni;

c. il-konsegwenza jekk il-membru tal-persunal ikkonċernat jitlaq mill-istituzzjoni; u

d. jekk l-ammont tal-bonus ta' żamma mogħti huwiex neċessarju u proporzjonat biex jinżamm il-membru tal-persunal fil-mira.

147.Bonus ta' żamma għandu jkun ibbażat fuq kundizzjonijiet speċifiċi li huma differenti mill-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni applikati lil partijiet oħrajn tar-remunerazzjoni varjabbli u jinkludu kundizzjoni ta' żamma u kundizzjonijiet ta' prestazzjoni speċifiċi. Il-kundizzjonijiet speċifiċi għal bonus ta' żamma għandhom iwasslu għall-iskop ta' żamma (jiġifieri, iż-żamma ta' persunal fl-istituzzjoni għal perjodu ta' żmien predefinit jew sa eventwalità partikolari). Il-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni speċifiċi għandhom jinkludu kundizzjonijiet li huma relatati mal-interess leġittimu li għalih il-membru tal-persunal għandu jinżamm u mal-imġiba tal-persunal u għandhom ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet fil-paragarafu 145. Il-bonusijiet ta' żamma m'għandhomx iwasslu għal sitwazzjoni fejn ir-remunerazzjoni varjabbli totali, li tikkonsisti f'remunerazzjoni varjabbli relatata mal-prestazzjoni u mal-bonus ta' żamma, tal-membru tal-persunal ma tibqax marbuta mal-prestazzjoni tal-individwu, mal-unità tan-negozju kkonċernata u mar-riżultati ġenerali tal-istituzzjoni kif meħtieġ skont l-Artikoli 92(2)(g)(ii) u 94(1)(a).

148.Bonusijiet ta' żamma m'għandhomx jingħataw sabiex jikkumpensaw biss għal remunerazzjoni relatata mal-prestazzjoni mhux imħallsa minħabba prestazzjoni insuffiċjenti jew minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni.

149.Bonusijiet ta' żamma huma remunerazzjoni varjabbli u għaldaqstant, jekk jingħataw lill-persunal identifikat, għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti dwar ir-remunerazzjoni varjabbli skont l-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE, inkluż il-proporzjon massimu bejn ir-remunerazzjoni varjabbli u fissa, l-allinjament għar-riskju *ex post*, il-ħlas fi strumenti, differiment, żamma, *malus* u rkupru.

150.Bonus ta' żamma jrid jitqies fil-kalkolu tal-proporzjon bejn ir-remunerazzjoni varjabbli u fissa bħala remunerazzjoni varjabbli. Indipendentement mill-fatt li l-bonus ta' żamma jingħata biss wara t-tmiem tal-perjodu ta' żamma, il-bonus ta' żamma għandu jitqies fil-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti tar-remunerazzjoni varjabbli u fissi skont wieħed mill-metodi speċifikati hawn taħt:

a. Il-bonus ta' żamma jinqasam f'ammonti annwali għal kull sena tal-perjodu ta' żamma kkalkulat fuq bażi pro rata lineari. Meta t-tul eżatt tal-perjodu ta' żamma ma jkunx magħruf minn qabel, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi u tiddokumenta kif xieraq perjodu b'kont meħud tas-sitwazzjoni u l-miżuri meħudin li jiġġustifikaw il-ħlas tal-bonus ta' żamma. Il-kalkolu tal-proporzjon għandu jkun ibbażat fuq il-perjodu stabbilit; jew

b. L-ammont sħiħ tal-bonus ta' żamma jiġi kkunsidrat fis-sena meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni ta' żamma.

## 8.5 Benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni

151. Il-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni huma forma ta' remunerazzjoni varjabbli. Fejn it-termini tal-iskema tal-pensjoni tal-kumpanija jinkludu benefiċċji tal-pensjoni li mhumiex ibbażati fuq prestazzjoni u li jingħataw b'mod konsistenti lil kategorija ta' persunal, benefiċċji tal-pensjoni bħal dawn m'għandhomx jitqiesu bħala diskrezzjonali, iżda għandhom jiġu meqjusa bħala parti mill-pakketti dwar l-impjiegi ta' rutina f'konformità mat-taqsima ta' dawn il-linji gwida dwar id-definizzjonijiet. Il-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni mhumiex ħlasijiet ta' terminazzjoni, anke jekk l-impjegat jiddeċiedi li jirtira kmieni.

152. L-istituzzjoni għandha tiżgura li, meta membru tal-persunal jitlaq mill-istituzzjoni jew jirtira, il-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni ma jitħallsux mingħajr ma tiġi meqjusa s-sitwazzjoni ekonomika tal-istituzzjoni jew tar-riskji li ttieħdu mill-membru tal-persunal li jistgħu jaffettwaw l-istituzzjoni fit-tul.

153. L-ammont sħiħ tal-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni għandu jingħata, skont l-Artikolu 94(1)(o) tad-Direttiva 2013/36/UE u soġġett għad-deroga skont l-Artikolu 94(3) ta' din id-Direttiva, fl-istrumenti msemmijin fil-punt (l) ta' dan l-Artikolu u:

a. meta membru tal-persunal identifikat jitlaq mill-istituzzjoni qabel jirtira, l-istituzzjoni trid iżżomm l-ammont sħiħ tal-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni fi strumenti tal-inqas għal perjodu ta' ħames snin mingħajr ma tapplika vestiment pro rata;

b. meta membru tal-persunal identifikat jasal biex jirtira, irid jiġi applikat perjodu ta' żamma ta' ħames snin għall-ammont sħiħ imħallas fi strumenti.

154. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-arranġamenti tal-*malus* u ta' rkupru huma applikati bl-istess mod għall-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni bħal komponenti oħrajn tar-remunerazzjoni varjabbli.

# 9. Komponenti tar-remunerazzjoni eċċezzjonali

## 9.1 Remunerazzjoni varjabbli garantita

155. Remunerazzjoni varjabbli garantita tista' tieħu diversi forom bħal "bonus garantit", "bonus ta' merħba", "bonus mal-firma", "bonus minimu", eċċ., u tista' tingħata fi flus jew fi strumenti.

156.Meta jagħtu r-remunerazzjoni varjabbli garantita skont l-Artikolu 94(1)(d) u (e) tad-Direttiva 2013/36/UE meta jimpjegaw persunal ġdid, l-istituzzjonijiet ma jistgħux jiggarantixxu remunerazzjoni varjabbli għal iktar mill-ewwel sena ta' impjieg. Remunerazzjoni varjabbli garantita hija eċċezzjonali u tista' sseħħ biss meta l-istituzzjoni jkollha bażi kapitali soda u b'saħħitha, skont l-Artikolu 94(1)(e) ta' dik id-Direttiva u t-Taqsima 6 ta' dawn il-linji gwida.

157.L-istituzzjonijiet għandhom jagħtu remunerazzjoni varjabbli garantita darba biss lill-istess membru tal-persunal individwali. Dan ir-rekwiżit għandu japplika wkoll f'livell konsolidat u subkonsolidat u jinkludi sitwazzjonijiet li fihom il-persunal jirċievi kuntratt ġdid mill-istess istituzzjoni jew minn istituzzjoni oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni.

158.L-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jinkludux l-ammont tar-remunerazzjoni varjabbli garantita fil-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti fissi u varjabbli tar-remunerazzjoni totali għall-ewwel perjodu tal-prestazzjoni, fejn ir-remunerazzjoni varjabbli garantita tingħata meta jiddaħħal persunal ġdid qabel jibda l-ewwel perjodu tal-prestazzjoni.

159.Bħala parti mill-arranġamenti li jiggarantixxu din il-parti tar-remunerazzjoni varjabbli, l-istituzzjonijiet jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx ir-rekwiżiti fuq l-arranġamenti tal-*malus* u ta' rkupru għar-remunerazzjoni varjabbli garantita. L-istituzzjonijiet jistgħu jħallsu l-ammont sħiħ fi flus mhux differiti.

## 9.2 Kumpens jew akkwiżizzjoni ta' kuntratt ta' impjieg preċedenti

160.Il-kumpens għall-akkwiżizzjoni ta' kuntratt preċedenti għandu jingħata biss meta l-kundizzjonijiet definiti fil-paragrafu 156 ta' dawn il-linji gwida jiġu sodisfatti.

161.Ir-remunerazzjoni għandha titqies li ngħatat bħala kumpens jew għall-akkwiżizzjoni ta' kuntratt preċedenti meta r-remunerazzjoni varjabbli differita tal-membru tal-persunal tnaqqset jew ġiet revokata mill-impjegat preċedenti minħabba t-terminazzjoni tal-kuntratt. Għal pakketti ta' remunerazzjoni relatati mal-kumpens jew mal-akkwiżizzjoni ta' kuntratti f'impjiegi preċedenti, japplikaw ir-rekwiżiti kollha għar-remunerazzjoni varjabbli u d-dispożizzjonijiet f'dawn il-linji gwida, inklużi d-differiment, iż-żamma, il-ħlas fi strumenti u l-arranġamenti ta' rkupru.

## 9.3 Ħlasijiet ta' terminazzjoni u ħlasijiet oħra wara t-tmiem ta' kuntratt

### 9.3.1 Ħlas ta' terminazzjoni

162.Il-politiki ta' remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-użu possibbli ta' ħlasijiet ta' terminazzjoni, inkluż l-ammont massimu jew il-kriterji għall-istabbiliment ta' ammonti bħal dawn li jistgħu jingħataw bħala ħlasijiet ta' terminazzjoni lill-persunal identifikat.

163.L-istituzzjonijiet għandu jkollhom qafas li fih il-ħlas ta' terminazzjoni jiġi stabbilit u approvat fil-kuntest ta' terminazzjoni bikrija ta' kuntratt mill-istituzzjoni, inklużi allokazzjoni ċara tar-

responsabbiltajiet u setgħat tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-involviment proċedurali tal-funzjonijiet ta' kontroll.

164.Il-ħlasijiet ta' terminazzjoni m'għandhomx jipprovdu għal kumpens sproporzjonat, iżda għal kumpens xieraq tal-membru tal-persunal f'każijiet ta' terminazzjoni bikrija tal-kuntratt. Skont l-Artikolu 94(1)(h) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-ħlasijiet ta' terminazzjoni jridu jirriflettu l-prestazzjoni miksuba tul iż-żmien u m'għandhomx jippremjaw nuqqasijiet jew imġiba ħażina.

165.Il-ħlas ta' terminazzjoni m'għandux jingħata meta jkun hemm nuqqas ovvju li jippermetti l-kanċellazzjoni immedjata tal-kuntratt jew is-sensja tal-persunal.

166.Il-ħlas ta' terminazzjoni m'għandux jingħata meta membru tal-persunal jirreżenja minn jeddu sabiex jieħu kariga f'entità ġuridika differenti, sakemm ma jkunx meħtieġ ħlas ta' terminazzjoni mil-liġi nazzjonali dwar ix-xogħol.

167.Il-ħlasijiet ta' terminazzjoni jinkludu ħlasijiet addizzjonali li jiżdiedu mar-remunerazzjoni regolari fis-sitwazzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

a. remunerazzjoni tas-sensja għat-telfa tal-pożizzjoni fil-każ ta' terminazzjoni bikrija tal-kuntratt mill-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

b. remunerazzjoni mogħtija għal perjodu ta' żmien limitat li jiġi miftiehem biex jiġi introdott perjodu ta' rtirar wara t-terminazzjoni tal-kuntratt u huwa soġġett għal klawżola ta' nonkompetizzjoni;

c. l-istituzzjoni ttemm il-kuntratti tal-persunal minħabba nuqqas tal-istituzzjoni jew miżuri ta' intervent bikri;

d. l-istituzzjoni trid ittemm il-kuntratt wara tnaqqis materjali tal-attivitajiet tal-istituzzjoni li fihom kien attiv il-membru tal-persunal jew meta l-oqsma tan-negozju jinxtraw minn istituzzjonijiet oħrajn mingħajr il-possibbiltà li l-persunal jibqa' impjegat fl-istituzzjoni akkwirenti;

e. l-istituzzjoni u membru tal-persunal jaqblu dwar saldu f'każ ta' tilwim industrijali attwali li nkella seta' jwassal b'mod realistiku għal azzjoni quddiem qorti.

168.Meta l-istituzzjonijiet jagħtu ħlas ta'terminazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtorità kompetenti r-raġunijiet għall-ħlas ta' terminazzjoni, l-adegwatezza tal-ammont mogħti u l-kriterji użati sabiex jiddeterminaw l-ammont, inkluż li huwa marbut mal-prestazzjoni miksuba tul iż-żmien u li ma jippremjax nuqqasijiet jew imġiba ħazina.

169.Meta tiddetermina l-ammont ta' ħlas ta' terminazzjoni li sejjer jingħata, l-istituzzjoni għandha tqis il-prestazzjoni miksuba tul iż-żmien u tivvaluta fejn rilevanti s-severità ta' kwalunkwe nuqqas. Il-nuqqasijiet identifikati għandhom jiġu klassifikati bejn nuqqasijiet tal-istituzzjoni u nuqqasijiet tal-persunal identifikat kif ġej:

a. in-nuqqasijiet tal-istituzzjoni għandhom jitqiesu meta jkun stabbilit l-ammont totali tal-ħlas ta' terminazzjoni għall-persunal, filwaqt li titqies il-bażi kapitali tal-istituzzjoni; ħlas ta' terminazzjoni bħal dan m'għandux ikunu ogħla mit-tnaqqis tal-kostijiet miksub bit-terminazzjoni bikrija tal-kuntratti;

b. in-nuqqasijiet ta' persunal identifikat għandhom iwasslu għal aġġustament 'l isfel tal-ammont ta' ħlas ta' terminazzjoni li nkella kien jingħata biss meta l-prestazzjoni tul iż-żmien tiġi meqjusa fl-istima tal-ħlas ta' terminazzjoni, inkluża l-possibbiltà għal tnaqqis tal-ammont għal żero.

170.In-nuqqasijiet tal-istituzzjonijiet jinkludu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

a. meta l-istituzzjoni tibbenifika minn intervent tal-gvern jew hija soġġetta għal intervent bikri jew għal miżuri ta' riżoluzzjoni skont id-Direttiva 2014/59/UE[32];

b. meta jiġi rreġistrat l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza normali tal-istituzzjoni, kif definit fl-Artikolu 2(1)(47) tad-Direttiva 2014/59/UE;

c. meta t-telf sinifikanti jwassal għas-sitwazzjoni fejn l-istituzzjoni m'għadx għandha bażi kapitali soda u, minħabba f'hekk, tinbiegħ il-linja ta' azzjoni jew titnaqqas l-attività tan-negozju.

171.In-nuqqasijiet ta' persunal identifikat għandhom jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ u jinkludu s-sitwazzjonijiet li ġejjin:

a. meta membru tal-korp maniġerjali ma jibqax meqjus li qed jilħaq l-istandards xierqa ta' idoneità u ta' proprjetà;

b. meta l-membru tal-persunal identifikat ħa sehem f'imġiba jew huwa responsabbli għal imġiba li rriżultat f'telf sinifikanti għall-istituzzjoni, kif definit fil-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni;

c. meta membru tal-persunal identifikat jaġixxi kontra r-regoli, il-valuri jew il-proċeduri interni b'intenzjoni jew b'negliġenza gravi.

172.Il-ħlasijiet ta' terminazzjoni għandhom jitqiesu bħala remunerazzjoni varjabbli u bħala prinċipju ġenerali għaldaqstant, jekk jingħataw lil persunal identifikat, japplikaw ir-rekwiżiti kollha skont l-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE. Madanakollu, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin, il-ħlasijiet ta' terminazzjoni m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-kalkolu ta' dak il-proporzjon u għall-applikazzjoni tad-differiment u tal-ħlas fi strumenti:

---

[32] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

a. ħlasijiet ta' terminazzjoni mandatorji skont il-liġi nazzjonali tax-xogħol jew mandatorja wara deċiżjoni tal-qorti;

b. ħlasijiet ta' terminazzjoni skont (i) u (ii) meta l-istituzzjoni tista' turi r-raġunijiet u l-adegwatezza tal-ammont tal-ħlas ta' terminazzjoni:

   (i) ħlasijiet ta' terminazzjoni kkalkolati permezz ta' formula ġenerika predefinita xierqa (eż. gardening leave) stabbilita fil-politika ta' remunerazzjoni fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 167;

   (ii) ħlasijiet ta' terminazzjoni li jikkorrispondu għall-ammont addizzjonali dovut fl-applikazzjoni ta' klawżola ta' nonkompetizzjoni fil-kuntratt u mħallsin f'perjodi futuri sal-ammont tar-remunerazzjoni fissa li kieku kienu jitħallsu għall-perjodu ta' nonkompetizzjoni, li kieku l-persunal kien għadu impjegat;

c. ħlasijiet ta' terminazzjoni skont il-paragrafu 167, li ma jissodisfawx il-kundizzjoni fil-punt (i) tal-paragrafu 172(b), meta l-istituzzjoni tkun uriet lill-awtorità kompetenti r-raġunijiet u l-adegwatezza tal-ammont tal-ħlas ta' terminazzjoni.

173. Meta jiġi kkalkolat l-ammont li ma jitqiesx fil-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli jew fissi tar-remunerazzjoni, il-fatt li fil-kuntratt hemm inkluża klawżola ta' nonkompetizzjoni ma jfissirx neċessarjament li l-ammont sħiħ li tħallas għat-terminazzjoni bikrija tal-kuntratt tħallas biex jikkumpensa lill-persunal identifikat talli ħa l-impenn mhux talli ma kkompetiex għal ċertu perjodu ta' żmien. Dawk l-ammonti tas-saldu speċifikament identifikati fil-kuntratt bħala kumpens għall-klawżola ta' nonkompetizzjoni biss jikkonformaw mal-paragrafu 172. Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tillimita t-tul tal-klawżoli ta' nonkompetizzjoni, kwalunkwe ħlas li jsir lil hinn minn dawk il-limiti ta' żmien ma jistax jitqies bħala "saldu li sar għal klawżola ta' nonkompetizzjoni" u għaldaqstant ma jistax jiġi eskluż mill-proporzjon ta' varjabbli għal fiss.

174. Meta jiġi kkalkolat il-proporzjon bejn il-komponenti tar-remunerazzjoni totali varjabbli jew fissi, l-ammonti tal-ħlas ta' terminazzjoni li ġejjin għandhom jitqiesu bħala remunerazzjoni varjabbli għall-fini tal-kalkolu ta' dak il-proporzjon għall-aħħar perjodu tal-prestazzjoni:

a. is-somma ta' kwalunkwe ammont ogħla mir-remunerazzjoni fissa għall-perjodi futuri skont il-punt (b)(ii) tal-paragrafu 172;

b. kwalunkwe ħlas ta' terminazzjoni ieħor mhux elenkat fil-paragrafu 172.

### 9.3.2 Ħlasijiet oħra wara t-tmiem ta' kuntratt

175. Ħlasijiet ta' remunerazzjoni regolari marbutin mad-durata ta' perjodu ta' avviż m'għandhomx jitqiesu bħala ħlasijiet ta' terminazzjoni. Il-ħlas ta' ammont fiss xieraq wara t-tmiem regolari ta' kuntratt ta' impjieg (jiġifieri wara t-tmiem regolari tiegħu jew wara li jiġi kkanċellat mill-persunal f'konformità mal-perjodi ta' avviż applikabbli) u sabiex jiġi kkumpensat il-persunal meta l-

istituzzjoni tagħmel restrizzjoni fuq il-bidu ta' attività okkupazzjonali, m'għandux ikun soġġett għar-rekwiżiti applikabbli għar-remunerazzjoni varjabbli, meta dan huwa kompatibbli mal-liġi nazzjonali. Ħlasijiet bħal dawn m'għandhomx isiru biex jissostitwixxu l-ħlasijiet ta' terminazzjoni skont il-paragrafu 167.

176. Ħlasijiet addizzjonali fil-kuntest tat-tmiem regolari ta' perjodu kuntrattwali jew tal-ħatra bħala membru tal-korp maniġerjali, eż. mogħti benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni, m'għandhomx jiġu meqjusa bħala ħlasijiet ta' terminazzjoni. Meta komponenti bħal dawn huma remunerazzjoni varjabbli u jitħallsu lill-persunal identifikat, huma soġġetti għar-rekwiżiti speċifiċi kollha għar-remunerazzjoni varjabbli u d-dispożizzjonijiet f'dawn il-linji gwida.

# 10 Projbizzjonijiet

## 10.1 Iħħeġġjar personali

177. Meta politika tar-remunerazzjoni adegwata tkun allinjata mar-riskji, din għandha tkun effettiva biżżejjed u kapaċi tirriżulta f'aġġustament 'l isfel fil-prattika għall-ammont tar-remunerazzjoni varjabbli mogħti lill-persunal u fl-applikazzjoni tal-arranġamenti tal-*malus* u ta' rkupru.

178. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw, sa fejn ikun possibbli, li l-membri tal-persunal identifikati ma jkunux jistgħu jittrasferixxu r-riskji ta' ċaqliq 'l isfel tar-remunerazzjoni varjabbli lil parti oħra permezz ta' ħħeġġjar jew ta' ċerti tipi ta' assigurazzjoni, eż. billi jimplimentaw politiki sabiex jiġu trattati strumenti finanzjarji u rekwiżiti ta' divulgazzjoni.

179. Il-persunal identifikat għandu jiġi kkunsidrat li ħħeġġja r-riskju ta' aġġustament 'l isfel fir-remunerazzjoni jekk il-membru tal-persunal identifikat jidħol f'kuntratt ma' parti terza jew mal-istituzzjoni u tkun issodisfata waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

   a. il-kuntratt jitlob lill-parti terza jew lill-istituzzjoni biex jagħmlu ħlasijiet b'mod dirett jew indirett lill-membru tal-persunal identifikat li huma marbuta ma' jew proporzjonati għall-ammonti li bihom tnaqqset ir-remunerazzjoni varjabbli tal-membru tal-persunal;

   b. il-membru tal-persunal identifikat jixtri jew iżomm derivattivi li huma maħsubin sabiex jiħħeġġjaw telf assoċjat mal-istrumenti finanzjarji riċevuti bħala parti mir-remunerazzjoni varjabbli.

180. Il-persunal identifikat għandu jitqies li jkun assigura r-riskju ta' aġġustament 'l isfel meta l-persunal jikseb kuntratt tal-assigurazzjoni bi stipulazzjoni li jikkumpensah fl-eventwalità ta' aġġustament 'l isfel fir-remunerazzjoni. Dan ġeneralment m'għandux jipprevjeni milli tinkiseb polza tal-assigurazzjoni sabiex tkopri l-ħlasijiet personali bħal pagamenti tal-kura tas-saħħa u ta' ipoteka.

181. Ir-rekwiżit sabiex ma jintużawx strateġiji ta' ħħeġġjar personali jew assigurazzjoni li ddgħajjef l-effetti tal-allinjament tar-riskji inkorporati fl-arranġamenti tar-remunerazzjoni tal-persunal għandu japplika għar-remunerazzjoni varjabbli miżmuma u differita.

182. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu arranġamenti effettivi sabiex jiżguraw li l-membru tal-persunal identifikat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din it-Taqsima. Tal-inqas hija meħtieġa dikjarazzjoni ta' impenn personali mill-membru tal-persunal identifikat li huwa jew hija sejjer/sejra iżomm/iżżomm lura milli jikkonkludi/tikkonkludi strateġiji ta' ħheġġjar personali jew assigurazzjonijiet għall-fini li jxekkel/ixxekkel l-effetti tal-allinjament tar-riskju. Ir-riżorsi umani jew il-funzjonijiet ta' kontroll intern tal-istituzzjonijiet għandhom iwettqu tal-inqas spezzjonijiet fuq il-post tal-konformità ma' din id-dikjarazzjoni fir-rigward tal-kontijiet tal-kustodja interni. Verifiki għal għarrieda għandhom jinkludu tal-inqas il-kontijiet tal-kustodja interni tal-persunal identifikat. In-notifika lill-istituzzjoni ta' kwalunkwe kont ta' kustodja barra mill-istituzzjoni għandha ssir obbligatorja wkoll.

## 10.2 Ċirkomvenzjoni

183. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li r-remunerazzjoni varjabbli ma titħallasx permezz ta' veikoli jew metodi li jimmiraw lejn jew effettivament iwasslu għal nonkonformità mar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni u d-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida għall-persunal identifikat jew, fejn rekwiżiti bħal dawn jiġu applikati għall-persunal kollu, b'rekwiżiti tar-remunerazzjoni għall-persunal kollu. Dan jinkludi arranġamenti bejn l-istituzzjoni u l-partijiet terzi fejn il-membru tal-persunal ikollu interess finanzjarju jew personali fihom.

184. "Ċirkomvenzjoni" hija nonkonformità mar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni u sseħħ jekk istituzzjoni fil-fatt ma tkunx qiegħda tilħaq l-għan u l-iskop tar-rekwiżiti meta kkunsidrati flimkien, filwaqt li b'mod formali l-istituzzjoni tikkonforma mal-kliem tar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni individwali.

185. Iċ-ċirkomvenzjoni sseħħ fiċ-ċirkostanzi li ġejjin, fost l-oħrajn:

a. meta r-remunerazzjoni varjabbli titqies bħala remunerazzjoni fissa f'konformità mal-kliem ta' dawn il-linji gwida, iżda mhux mal-għanijiet tagħha;

b. meta r-remunerazzjoni varjabbli għajr ir-remunerazzjoni varjabbli garantita tingħata jew tiġi vestita għad li, b'mod effettiv:

   i. ma kien hemm l-ebda prestazzjoni pożittiva mkejla f'konformità mat-Titolu IV ta' dawn il-linji gwida mill-membru tal-persunal, mill-unita tan-negozju jew mill-istituzzjoni;

   ii. ma hemm l-ebda allinjament effettiv għar-riskju (jiġifieri allinjament tar-riskju *ex ante* jew *ex post*); jew

   iii. ir-remunerazzjoni varjabbli mhijiex sostenibbli skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni;

c. meta l-persunal jirċievi ħlasijiet mingħand l-istituzzjoni jew entità fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' remunerazzjoni, imma huma veikoli jew metodi ta' ħlas li fihom inċentiv għas-suppożizzjoni tar-riskju jew

jipprovdu redditi sproporzjonati fuq l-investimenti fuq l-istrumenti tad-ditta li huma differenti b'mod sinifikanti mill-kundizzjonijiet għal investituri oħrajn li jistgħu jinvestu f'veikolu bħal dan;

d. meta persunal jirċievi ħlasijiet mingħand l-istituzzjoni jew entità fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidament li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tar-remunerazzjoni, iżda huma veikoli jew metodi sabiex jevitaw ir-rekwiżiti tar-remunerazzjoni (eż. self irrimborsabbli);

e. fejn komponenti tar-remunerazzjoni fissa jingħataw bħala numru fiss ta' strumenti u mhux bħala ammont fiss;

f. fejn persunal jingħata r-remunerazzjoni fi strumenti jew huwa kapaċi jixtri strumenti li mhumiex ipprezzati skont il-valur tas-suq jew skont il-valur ġust fil-każ ta' strumenti mhux elenkati u l-valur addizzjonali riċevut mhuwiex meqjus fir-remunerazzjoni varjabbli;

g. meta l-aġġustamenti lill-komponenti tar-remunerazzjoni fissa jiġu nnegozjati ta' spiss u fil-fatt isiru aġġustamenti sabiex jallinjaw ir-remunerazzjoni mal-prestazzjoni tal-persunal;

h. meta jingħataw allowances f'ammont eċċessiv li mhuwiex iġġustifikat għaċ-ċirkostanzi sottostanti;

i. meta r-remunerazzjoni hija mmarkata bħala ħlas għall-irtirar bikri u mhijiex meqjusa bħala remunerazzjoni varjabbli, meta fil-fatt il-ħlas ikollu l-karattru ta' ħlas ta' terminazzjoni, minħabba li jsir fil-kuntest tat-terminazzjoni bikrija tal-kuntratt, jew meta fil-fatt il-membru tal-persunal ma jirtirax wara li ssir għotja bħal din jew meta l-ħlasijiet ma jingħatawx fuq bażi ta' kull xahar.

j. kwalunkwe miżura li tista' twassal għal sitwazzjoni fejn fil-fatt il-politika ta' remunerazzjoni ma tibqax newtrali għall-ġeneru.

186. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-metodu għall-kejl tal-prestazzjoni għandu kontrolli xierqa sabiex jiżguraw li l-kriterji tal-għotja ma jistgħux jiġu manipulati. Meta kontrolli bħal dawn ma jkunux stabbiliti, ir-remunerazzjoni varjabbli ma tkunx marbuta kif xieraq mal-prestazzjoni u l-politika tar-remunerazzjoni ma tkunx implimentata kif xieraq u kwalunkwe ħlas tar-remunerazzjoni varjabbli jista' jwassal għal ksur tar-rekwiżiti regolatorji. Manipulazzjonijiet possibbli jinkludu, pereżempju, deċiżjonijiet ta' korteżija fil-proċess tal-kejl tal-prestazzjoni bilaterali, eż. meta ma jkun jeżisti l-ebda standard oġġettiv għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-kisba tal-objettivi tal-membri tal-persunal.

187. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jipprovdu kumpens għal kwalunkwe tnaqqis jew ristrutturar tar-remunerazzjoni varjabbli, eż. li jsir fil-kuntest ta' miżuri ta' rkupru u riżoluzzjoni jew intervent eċċezzjonali ieħor tal-gvern, fi snin aktar tard jew b'pagamenti, veikoli jew metodi oħrajn.

188. L-istituzzjonijiet m'għandhomx joħolqu strutturi ta' grupp jew entitajiet offshore jew kuntratti ma' persuni li jaġixxu f'isem l-istituzzjoni sabiex jimmanipulaw l-eżitu tal-proċess ta'

identifikazzjoni (eż. minħabba li Stat Membru wieħed japplika d-deroga fl-Artikolu 109(6) tad-Direttiva 2013/36/UE) u sabiex jevitaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni u d-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida għall-persunal li għalih għandhom ikunu japplikaw dawn ir-rekwiżiti u dispożizzjonijiet.

189.Meta jintużaw kuntratti fuq terminu qasir (eż. sena) u dawn jiġġeddu fuq bażi regolari mill-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw jekk kuntratti bħal dawn jifformawx veikolu jew metodu ta' ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE, eż. minħabba li fil-fatt dawn joħolqu remunerazzjoni varjabbli, u jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-istituzzjonijiet huma konformi mar-rekwiżiti tal-Artikoli 92 u 94 tad-Direttiva 2013/36/UE.

190.Meta r-remunerazzjoni tkun remunerazzjoni fissa skont il-linji gwida fit-Taqsima 7, iżda titħallas fi strumenti, l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk l-istrumenti użati jibdlux il-komponent fiss tar-remunerazzjoni f'komponent varjabbli tar-remunerazzjoni minħabba li tiġi stabbilita rabta mal-prestazzjoni tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jużaw strumenti finanzjarji bħala parti mir-remunerazzjoni fissa sabiex jevitaw ir-rekwiżiti tar-remunerazzjoni varjabbli u l-istrumenti li jintużaw m'għandhomx jipprovdu inċentivi għal teħid ta' riskju eċċessiv.

# Titolu III - Remunerazzjoni għal funzjonijiet speċifiċi

## 11. Remunerazzjoni tal-membri tal-funzjoni maniġerjali u superviżorja tal-korp maniġerjali

191.Ir-remunerazzjoni tal-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu (minn hawn 'il quddiem "funzjoni maniġerjali") għandha tkun konsistenti mas-setgħat, mal-kompiti, mal-kompetenzi u mar-responsabbiltajiet tagħhom.

192.Sabiex jiġu indirizzati kif xieraq il-kunflitti ta' interess u mingħajr preġudizzju għal paragrafi 193 u 194, il-membri tal-funzjoni superviżorja għandhom jiġu kkumpensati biss b'remunerazzjoni fissa. Mekkaniżmi bbażati fuq l-inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni tal-istituzzjoni għandhom jiġu esklużi. Ir-rimborż tal-kostijiet għal membri tal-funzjoni superviżorja u l-ħlas ta' ammont fiss għal siegħa jew ġurnata xogħol, anki jekk il-ħin li jrid jiġi rimborżat mhuwiex predefinit, huma kkunsidrati bħala remunerazzjoni fissa.

193.Meta l-funzjoni superviżorja f'każijiet eċċezzjonali tingħata remunerazzjoni varjabbli, ir-remunerazzjoni varjabbli u l-allinjament tar-riskju għandhom ikunu strettament imfasslin għall-kompiti ta' sorveljanza, ta' monitoraġġ u ta' kontroll assenjati, li jirriflettu l-awtoritajiet u r-responsabbiltajiet tal-individwi u l-kisba ta' objettivi marbutin mal-funzjonijiet tagħhom.

194.Meta r-remunerazzjoni varjabbli tingħata fi strumenti, għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex jippreżervaw l-indipendenza tal-ġudizzju ta' dawk il-membri tal-korp maniġerjali, inkluż l-istabbiliment ta' perjodi ta' żamma sal-aħħar tal-mandat.

## 12 Ir-remunerazzjoni tal-funzjonijiet ta' kontroll

195.Il-funzjonijiet ta' kontroll interni għandhom ikunu indipendenti u jkollhom biżżejjed riżorsi, għarfien u esperjenza sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom fir-rigward tal-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni. Il-funzjonijiet ta' kontroll indipendenti għandhom jikkooperaw b'mod attiv u b'mod regolari ma' xulxin u ma' funzjonijiet u kumitati rilevanti oħrajn fir-rigward tal-politika ta' remunerazzjoni u tar-riskji li jistgħu jirriżultaw mill-politiki ta' remunerazzjoni.

196.Ir-remunerazzjoni tal-persunal fil-funzjonijiet ta' kontroll indipendenti għandha tippermetti lill-istituzzjoni sabiex timpjega persunal ikkwalifikat u bl-esperjenza f'dawn il-funzjonijiet. Ir-remunerazzjoni tal-funzjonijiet ta' kontroll indipendenti għandha tiġi stabbilita b'mod predominanti, sabiex tirrifletti n-natura tar-responsabbiltajiet tagħhom.

197.Il-metodi użati għall-istabbiliment tar-remunerazzjoni varjabbli tal-funzjonijiet ta' kontroll, jiġifieri l-immaniġġjar tar-riskju, il-konformità u l-uffiċċju tal-awditjar intern, m'għandhomx jikkompromettu l-oġġettività u l-indipendenza tal-persunal.

# Titolu IV - Politika ta' remunerazzjoni, għoti u ħlas tar-remunerazzjoni varjabbli għall-persunal identifikat

## 13. Politika ta' remunerazzjoni għall-persunal identifikat

198.L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-politika ta' remunerazzjoni għall-persunal identifikat hija konformi mal-prinċipji kollha stabbiliti fl-Artikoli 92 u 94 u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 93 tad-Direttiva 2013/36/UE u li hija newtrali għall-ġeneru.

199.L-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw, għal kategoriji differenti ta' persunal identifikat, politiki ta' remunerazzjoni speċifiċi u mekkaniżmi tal-allinjament tar-riskju kif xieraq biex jiżguraw li l-impatt tal-kategorija tal-persunal identifikat fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni huwa allinjat b'mod xieraq mar-remunerazzjoni tagħhom.

200.Meta l-istituzzjonijiet jikkunsidraw li jħallsu inqas minn 100 % tal-komponent fiss tar-remunerazzjoni fi flus, din id-deċiżjoni għandha tkun raġunata sew u approvata bħala parti mill-politika ta' remunerazzjoni.

201.Meta istituzzjoni fil-forma ġuridika ta' kumpanija b'ishma u b'mod partikolari istituzzjoni elenkata tapplika rekwiżit ta' parteċipazzjoni azzjonarja għal ċerti kategoriji ta' persunal identifikat, sabiex tikseb allinjament aħjar tal-inċentivi pprovduti għall-persunal bil-profil tar-riskju tal-istituzzjoni fit-tul, l-ammont għandu jkun dokumentat b'mod ċar fil-politiki tal-istituzzjoni. Meta jiġi applikat rekwiżit ta' parteċipazzjoni azzjonarja, il-persunal għandu jżomm ċertu numru ta' ishma jew ammont nominali ta' ishma sakemm dan huwa impjegat fl-istess kariga jew f'kariga ta' anzjanità ekwivalenti jew ogħla.

## 13.1 Politika kompletament flessibbli dwar ir-remunerazzjoni varjabbli

202.L-istituzzjonijiet għandu jkollhom politika kompletament flessibbli dwar ir-remunerazzjoni varjabbli għall-persunal identifikat, skont l-Artikolu 94(1)(f) tad-Direttiva 2013/36/UE. L-ammont tar-remunerazzjoni varjabbli mogħti għandu jirreaġixxi kif xieraq għall-bidliet fil-prestazzjoni tal-membru tal-persunal, tal-unità tan-negozju u tal-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tispeċifika kif ir-remunerazzjoni varjabbli tirreaġixxi għal bidliet fil-prestazzjoni u l-livelli tal-prestazzjoni. Dan għandu jinkludi l-livelli tal-prestazzjoni meta r-remunerazzjoni varjabbli tinżel għal żero. Imġiba li mhux etika jew mhux konformi għandha twassal għal tnaqqis sinifikanti fir-remunerazzjoni varjabbli tal-membru tal-persunal.

203.Ir-remunerazzjoni fissa u newtrali għall-ġeneru tal-persunal identifikat għandha tirrifletti l-esperjenza professjonali u r-responsabbiltà organizzazzjonali tiegħu b'kont meħud tal-livell ta' edukazzjoni, il-grad tal-anzjanità, il-livell ta' kompetenza u ta' ħiliet, ir-restrizzjonijiet (eż. soċjali, ekonomiċi, kulturali jew fatturi rilevanti oħrajn) u l-esperjenza tax-xogħol, l-attività tan-negozju rilevanti u l-livell tar-remunerazzjoni tal-post ġeografiku.

204.L-ammont tar-remunerazzjoni fissa għandu jkun għoli biżżejjed sabiex jiżgura li t-tnaqqis għal żero fir-remunerazzjoni varjabbli tkun possibbli. Il-persunal m'għandux ikun dipendenti fuq l-għoti tar-remunerazzjoni varjabbli peress li dan inkella jista' joħloq inċentivi għat-teħid tar-riskju eċċessiv orjentat għal terminu qasir, inkluż il-bejgħ inadatt ta' prodotti, fejn mingħajr teħid ta' riskju għal terminu qasir bħal dan, il-prestazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-persunal ma tippermettix għall-għoti tar-remunerazzjoni varjabbli.

205.Il-ħlas tar-remunerazzjoni fissa fi strumenti, jekk isir, m'għandux ixekkel il-ħila tal-istituzzjoni li tapplika politika kompletament flessibbli fuq ir-remunerazzjoni varjabbli.

## 13.2 Proporzjon bejn remunerazzjoni fissa u varjabbli

206.Fil-politika ta' remunerazzjoni tagħhom l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu bil-quddiem il-livell xieraq tal-proporzjon massimu bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni totali għall-persunal identifikat, skont il-limiti u l-proċeduri pprovduti fl-Artikolu 94(1)(g) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-liġi nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet tan-negozju, tar-riskji u tal-impatti li għandhom kategoriji differenti tal-persunal fuq il-profil tar-riskju. L-istituzzjonijiet jistgħu jistabbilixxu proporzjonijiet differenti għal ġurisdizzjonijiet differenti, unitajiet tan-negozju, funzjonijiet korporattivi u ta' kontroll intern differenti u kategoriji differenti tal-persunal identifikat. Il-proporzjon stabbilit huwa l-proporzjon bejn il-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni li jista' jingħata bħala massimu għall-perjodu ta' prestazzjoni li jsegwi u l-komponent fiss tar-remunerazzjoni għall-perjodu tal-prestazzjoni li jsegwi.

207.Il-proporzjon massimu għandu jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-komponenti varjabbli kollha tar-remunerazzjoni li tista' tingħata bħala massimu fis-sena tal-prestazzjoni partikolari, inkluż l-ammont li għandu jitqies għall-bonus ta' żamma, diviż bis-somma tal-komponenti fissi kollha tar-

remunerazzjoni li sejra tingħata fir-rigward tal-istess sena tal-prestazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-komponenti kollha tar-remunerazzjoni għandhom jiġu allokati b'mod korrett jew għar-remunerazzjoni varjabbli jew għar-remunerazzjoni fissa f'konformità ma' dawn il-linji gwida. L-istituzzjonijiet jistgħu jħallu barra xi wħud mill-komponenti fissi tar-remunerazzjoni fejn mhumiex materjali, eż. fejn jingħataw benefiċċji mhux monetarji proporzjonati.

208.F'każijiet eċċezzjonali u ġġustifikati b'mod korrett, il-politika ta' remunerazzjoni tista' tipprovdi għal proporzjon differenti għall-membri tal-persunal identifikati individwali li jappartjenu għal ċertu kategorija tal-persunal meta mqabblin ma' membri tal-persunal oħrajn inklużi fl-istess kategorija tal-persunal.

209.Il-proporzjonijiet stabbilliti bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni għal kategoriji ta' membri tal-persunal jew membri tal-persunal individwali għandhom jiġu approvati mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu jew, fejn meħtieġ, mil-laqgħa tal-azzjonisti. Il-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni għandu jiġi stabbilit indipendentement minn kwalunke aġġustamenti tar-riskju *ex post* potenzjali futuri jew minn kwalunkwe fluttwazzjoni fil-prezz tal-istrumenti.

210.Il-proporzjon effettiv għandu jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni kollha li ngħatat għall-aħħar sena tal-prestazzjoni kif stabbilit f'dawn il-linji gwida, inklużi l-ammonti mogħtijin għall-perjodi tad-dovuti multiannwali, diviża bis-somma tal-elementi fissi tar-remunerazzjoni mogħtija għall-istess sena tal-prestazzjoni. Għall-perjodi tad-dovuti multiannwali li ma jiċċirkolawx kull sena, minflok l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu f'kull sena tal-perjodu tal-prestazzjoni l-ammont massimu ta' remunerazzjoni varjabbli li jista' jingħata fl-aħħar tal-perjodu tal-prestazzjoni diviż bin-numru ta' snin tal-perjodu tal-prestazzjoni.

211.Il-proporzjon effettiv bejn ir-remunerazzjoni varjabbli mogħtija u r-remunerazzjoni fissa għandu jiżdied skont il-prestazzjoni miksuba u għandu jinkludi l-livelli ta' għotjiet li jistgħu biss jinkisbu għall-prestazzjoni li hija "lil hinn mill-mira" jew "eċċezzjonali". Il-proporzjon effettiv ma jistax jaqbeż il-proporzjon massimu stabbilit skont l-Artikolu 94(1)(g) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-liġi nazzjonali u l-politika tar-remunerazzjoni tal-istituzzjoni.

212.Meta jiġi kkalkolat il-proporzjon massimu jew effettiv, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-linji gwida tal-EBA fuq ir-rata ta' skont nozzjonali applikabbli għar-remunerazzjoni varjabbli skont l-Artikolu 94(1)(g)(iii) tad-Direttiva 2013/36/UE biss meta l-Istati Membri jkunu implimentaw l-Artikolu 94(1)(g)(iii) tad-Direttiva 2013/36/UE jew meta l-proporzjon jiġi kkalkolat għall-persunal identifikat ta' istituzzjoni li tinsab f'pajjiż terz li hija sussidjarja ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE.

# 14. Proċess ta' allinjament tar-riskju

213.Il-proċess ta' allinjament tar-riskju jinkludi l-proċess ta' kejl tal-prestazzjoni u tar-riskju (it-Taqsima 14.1); il-proċess tal-għoti (it-Taqsima 14.2); u l-proċess ta' ħlas (it-Taqsima 15). F'kull stadju tal-proċess tal-allinjament tar-riskju, ir-remunerazzjoni varjabbli għandha tiġi aġġustata

għar-riskji kollha attwali u futuri meħudin. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-inċentivi għat-teħid tar-riskji huma bbilanċjati minn inċentivi għall-immaniġġjar tar-riskju.

214.L-istituzzjonijiet għandhom jallinjaw il-perjodu ta' żmien tal-kejl tar-riskju u tal-prestazzjoni maċ-ċiklu tan-negozju tal-istituzzjoni f'qafas multiannwali. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-perjodu tad-dovuti u l-perjodi tal-ħlas għar-remunerazzjoni b'data xierqa, billi jagħmlu distinzjoni bejn ir-remunerazzjoni li għandha titħallas bil-quddiem u r-remunerazzjoni li għandha titħallas wara l-perjodi ta' differiment u ta' żamma. Il-perjodi tad-dovuti u tal-ħlas għandhom iqisu l-attività tan-negozju u l-kariga tal-kategorija tal-persunal identifikat jew, f'każijiet eċċezzjonali, ta' membru tal-persunal identifikat uniku.

215.Fil-proċess tal-allinjament tar-riskju, għandha tintuża taħlita xierqa ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi fil-forma ta' kriterji assoluti u relattivi fl-istadji kollha sabiex jiġi żgurat li jkunu riflessi r-riskji, il-prestazzjoni u l-aġġustamenti għar-riskju neċessarji kollha. Il-miżuri tal-prestazzjoni assoluti għandhom jiġu stabbiliti mill-istituzzjoni fuq il-bażi tal-istrateġija tagħha stess, inklużi l-profil tar-riskju u l-aptit għar-riskju tagħha. Għandhom jiġu stabbilliti miżuri tal-prestazzjoni relattivi sabiex il-prestazzjoni titqabbel ma' pari, jew "interni" (jiġifieri fl-organizzazzjoni) jew "esterni" (jiġifieri istituzzjonijiet simili). Il-kriterji kwantitattivi u kwalitattivi u l-proċessi applikati għandhom ikunu trasparenti u, kemm jista' jkun, predifiniti. Kemm il-kriterji kwantitattivi kif ukoll dawk kwalitattivi jistgħu jiddependu b'mod parzjali fuq il-ġudizzju.

216.Meta jintużaw approċċi ta' ġudizzju, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' trasparenza u ta' oġġettività meta jagħmlu l-ġudizzji billi:

a. jistabbilixxu politika ċara bil-miktub li tiddeskrivi l-parametri u l-kunsiderazzjonijiet ewlenin li fuqhom sejjer ikun ibbażat il-ġudizzju;

b. jipprovdu dokumentazzjoni ċara u kompluta tad-deċiżjoni finali rigward il-kejl tar-riskju u tal-prestazzjoni jew l-aġġustamenti għar-riskji applikati;

c. jinvolvu l-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti;

d. iqisu l-inċentivi personali tal-persunal li jagħmel il-ġudizzju u kwalunkwe kunflitt ta' interess;

e. jimplimentaw verifiki u bilanċi xierqa, inkluż li jsiru aġġustamenti bħal dawn f'panel li jinvolvi persunal minn unitajiet tan-negozju, funzjonijiet korporattivi u ta' kontroll, eċċ.;

f. japprovaw il-valutazzjoni magħmula minn funzjoni ta' kontroll jew f'livell ġerarkiku xieraq ogħla mill-funzjoni li tagħmel il-valutazzjoni, eż. fil-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali jew superviżorja tiegħu jew fil-kumitat tar-remunerazzjoni.

217.L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu l-proċess ta' allinjament tar-riskju trasparenti għall-persunal identifikat, inkluż kwalunkwe element li huwa bbażat fuq il-ġudizzju aktar milli fuq il-fatti jew *data* oġġettiva.

218.L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata lill-kumitat tar-remunerazzjoni jew lill-funzjoni superviżorja jekk l-eżitu finali wara l-applikazzjoni tal-miżuri ta' ġudizzju jkun differenti b'mod sinifikanti mill-eżitu inizjali bl-użu ta' miżuri predefiniti.

## 14.1 Proċess ta' kejl tar-riskju u tal-prestazzjoni

219.Ir-remunerazzjoni varjabbli tal-persunal identifikat għandha tkun allinjata mar-riskji kollha u mal-prestazzjoni tal-istituzzjoni, mal-unità tan-negozju u mal-individwu. L-importanza relattiva ta' kull livell tal-kriterji ta' prestazzjoni għandha tiġi stabbilita minn qabel fil-politiki ta' remunerazzjoni u tiġi bbilanċjata b'mod adegwat biex tqis l-objettivi f'kull livell, il-pożizzjoni jew ir-responsabbiltajiet miżmuma mill-membru tal-persunal, l-unità tan-negozju li huwa jew hija attiv/attiva fiha u r-riskji attwali u futuri.

### 14.1.1 Valutazzjonijiet tar-riskju

220.L-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-objettivi tal-istituzzjoni, tal-unitajiet tan-negozju u tal-persunal. Dawn l-objettivi għandhom jiġu derivati mill-istrateġija tan-negozju u tar-riskju, mill-valuri korporattivi, mill-aptit għar-riskju u mill-interessi fit-tul tal-istituzzjoni u għandhom iqisu wkoll il-kost tal-kapital u l-likwidità tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-kisbiet tal-membri tal-persunal identifikat u tal-unitajiet tan-negozju tal-istituzzjonijiet matul il-perjodu tad-dovuti billi jqabbluhom mal-objettivi tagħhom.

221.L-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riskji attwali u futuri kollha, kemm jekk fil-karta bilanċjali jew barra minn din, b'distinzjoni bejn ir-riskji rilevanti għall-istituzzjoni, għall-unitajiet tan-negozju u għall-individwi. Għalkemm l-istituzzjonijiet normalment iġarrbu t-tipi kollha ta' riskju f'livell tal-istituzzjoni sħiħa, fil-livell tal-membri tal-persunal identifikati individwali jew tal-unitajiet tan-negozju, ċerti tipi ta' riskju biss jistgħu jkunu rilevanti.

222.L-istituzzjonijiet għandhom jużaw ukoll miżuri għall-allinjament tar-riskju tar-remunerazzjoni meta jkun diffiċli li ssir kwanfitikazzjoni eżatta tal-iskopertura għar-riskju, bħal riskju għar-reputazzjoni u operazzjonali. F'każijiet bħal dawn, il-valutazzjoni tar-riskju għandha tkun ibbażata fuq indikaturi xierqa, inklużi indikaturi tar-riskju, rekwiżiti tal-kapital jew analiżi tax-xenarji.

223.Sabiex iqisu b'mod konservattiv ir-riskji materjali kollha fil-livelli tal-istituzzjoni u tal-unità tan-negozju, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-istess metodi tal-kejl tar-riskju bħal dawk użati għall-finijiet tal-kejl tar-riskju intern, eż. fil-Proċess ta' Valutazzjoni Interna dwar l-Adegwatezza tal-Kapital (ICAAP) u fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-likwidità individwali tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu t-telf mistenni u mhux mistenni u l-kundizzjonijiet ta' stress. Pereżempju, jekk istituzzjoni tuża Approċċ ta' Kejl A vvanzat (AMA) sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' kapital operazzjonali tagħha, din il-metodoloġija diġà sejra tinkludi telf sever ħafna u analiżi tax-xenarju. B'mod simili, ir-riskju ta' kreditu u r-riskju tas-suq tal-istituzzjonijiet jew il-mudelli tal-kapital ekonomiku se jinkorporaw ukoll il-kundizzjonijiet ta' stress.

224.L-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtorità kompetenti kif il-kalkoli tar-riskju huma mqassmin skont l-unitajiet tan-negozju u t-tipi differenti ta' riskji. Il-limitu u l-kwalità tal-metodi u tal-mudelli użati fl-ICAAP għandhom jiġu riflessi mill-istituzzjoni b'mod proporzjonat fil-politika ta' remunerazzjoni. Metodi tal-ICAAP iktar sofistikati għandhom iwasslu għal politika ta' remunerazzjoni varjabbli iktar sofistikata, inklużi tekniki ta' aġġustament sensittivi għar-riskju.

## 14.1.2 Kriterji tal-prestazzjoni sensittivi għar-riskju

225.L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jiddokumentaw kriterji tal-prestazzjoni, kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, inklużi finanzjarji u mhux finanzjarji għall-individwi, għall-unitajiet tan-negozju u għall-istituzzjoni. Il-kriterji tal-prestazzjoni m'għandhomx jinċentivaw teħid ta' riskju eċċessiv jew bejgħ inadatt tal-prodotti.

226.L-istituzzjonijiet għandhom jużaw bilanċ xieraq bejn il-kriterji kwantitattivi u kwalitattivi kif ukoll bejn dawk assoluti u relattivi.

227.Il-kriterji użati sabiex ikejlu r-riskju u l-prestazzjoni għandhom ikunu marbutin kemm jista' jkun mill-qrib mad-deċiżjonijiet meħudin mill-membru tal-persunal identifikat u mal-kategorija tal-membri tal-persunal li hija soġġetta għall-kejl tal-prestazzjoni u għandhom jiżguraw li l-proċess tal-għoti għandu impatt xieraq fuq l-imġiba tal-persunal.

228.Il-kriterji tal-prestazzjoni għandhom jinkludu objettivi u miżuri li jistgħu jinkisbu li fuqhom il-membru tal-persunal identifikat għandu xi influwenza diretta. Pereżempju, fatturi varjabbli f'livell individwali għal uffiċjal tas-self jistgħu jkunu l-prestazzjoni ta' self oriġinat jew issorveljat minn dik il-persuna, filwaqt li għall-maniġer ta' unità tan-negozju jistgħu jkunu l-prestazzjoni tat-tim maniġerjali ta' dik l-unità. Meta tiġi vvalutata l-prestazzjoni, għandhom jitkejlu r-riżultati u l-eżiti attwalment realizzati.

229.Il-kriterji kwantitattivi għandhom ikopru perjodu li huwa twil biżżejjed sabiex ikopru kif suppost ir-riskju meħud mill-membri tal-persunal identifikati, mill-unitajiet tan-negozju u mill-istituzzjoni u għandhom ikunu aġġustati għar-riskju u jinkludu miżuri ekonomiċi tal-effiċjenza. Eżempji ta' kriterji tal-prestazzjoni huma dħul aġġustat għar-riskju minn kapital (RAROC), dħul minn kapital aġġustat għar-riskju (RORAC), profitt ekonomiku, kapital ta' riskju ekonomiku intern, kontribuzzjoni ekonomika netta, il-kost tal-finanzjament aġġustat għar-riskju, il-figuri ta' riskju derivati mill-proċess ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern jew il-figuri finanzjarji relatati mal-baġit tal-funzjonijiet (eż. għal funzjoni korporattiva, inklużi r-riżorsi legali u umani) jew mal-profil tar-riskju operazzjonali, jew mal-aġġustamenti ta' kontabilità pura tagħhom.

230.Indikaturi tal-effiċjenza operattiva (eż. profitti, dħul, produttività, kostijiet u metriċi ta' volum) jew xi kriterji tas-suq (eż. prezz tal-ishma u r-ritorn totali tal-azzjonist) ma jinkorporawx aġġustament tar-riskju espliċitu u huma għal żmien qasir ħafna u għaldaqstant mhumiex biżżejjed sabiex ikopru r-riskji kollha tal-attivitajiet tal-membru tal-persunal identifikat. Kriterji tal-prestazzjoni bħal dawn jeħtieġu aġġustamenti għar-riskju addizzjonali.

231.Kriterji kwalitattivi (bħall-kisba ta' riżultati, konformità mal-istrateġija fl-aptit għar-riskju u rekord tal-konformità) għandhom ikunu rilevanti fil-livell ta' istituzzjoni, ta' unità tan-negozju jew individwali. Eżempji ta' kriterji kwalitattivi huma l-kisbiet ta' miri strateġiċi, is-sodisfazzjon tal-klijenti, l-aderenza mal-politika dwar l-immaniġġjar tar-riskji, il-konformità mar-regoli interni u esterni, it-tmexxija, il-ħidma f'tim, il-kreattività, il-motivazzjoni u l-kooperazzjoni ma' unitajiet tan-negozju oħrajn, ma' funzjonijiet korporattivi u ta' kontroll intern.

### 14.1.3 Kriterji speċifiċi għall-funzjonijiet ta' kontroll

232.Meta persunal tal-funzjonijiet ta' kontroll jirċievi remunerazzjoni varjabbli, din għandha tiġi evalwata u l-parti varjabbli tar-remunerazzjoni għandha tiġi stabbilita b'mod separat mill-unitajiet tan-negozju li hu jikkontrolla inkluża l-prestazzjoni li tirriżulta minn deċiżjonijiet tan-negozju (eż. approvazzjoni ta' prodott ġdid) fejn tkun involuta l-funzjoni ta' kontroll.

233.Il-kriterji użati għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni u tar-riskji għandhom ikunu bbażati b'mod predominanti fuq l-objettivi tal-funzjonijiet ta' kontroll intern. Ir-remunerazzjoni varjabbli għall-funzjonijiet ta' kontroll għandha ssegwi b'mod predominanti minn objettivi ta' kontroll, eż. il-proporzjon ta' Grad 1, il-proporzjon tas-self improduttiv, ir-rata ta' rkupru tas-self improduttiv jew sejbiet tal-awditjar. Ir-remunerazzjoni varjabbli tagħhom tista' tkun ibbażata wkoll sa ċertu punt fuq il-prestazzjoni tal-istituzzjoni kollha kemm hi. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra li tistabbilixxi proporzjon aktar baxx b'mod sinifikanti bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni għall-funzjonijiet ta' kontroll meta mqabblin mal-unitajiet tan-negozju li jikkontrollaw.

234.Jekk il-kap tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji (Uffiċjal Kap tar-Riskji jew CRO) huwa wkoll membru tal-korp maniġerjali, il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 232 u 233 għandhom japplikaw ukoll għar-remunerazzjoni tas-CRO.

## 14.2 Il-proċess tal-għoti

235.L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu aggregazzjoni ta' bonusijiet. Meta jistabbilixxu aggregazzjonijiet ta' bonusijiet jew għotjiet individwali, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riskji attwali, it-telf mistenni, it-telf stmat mhux mistenni u l-kundizzjonijiet ta' stress kollha assoċjati mal-attivitajiet tal-istituzzjoni.

236.Ir-remunerazzjoni varjabbli għandha tingħata wara tmiem il-perjodu tad-dovuti. Il-perjodu tad-dovuti għandu jkun minn tal-inqas sena. Meta jintużaw perjodi itwal, perjodi differenti tad-dovuti jistgħu jidħlu ġo xulxin, pereżempju jekk ta' kull sena jibda perjodu multiannwali ġdid.

237.Wara l-perjodu tad-dovuti, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi r-remunerazzjoni varjabbli tal-membri individwali tal-persunal identifikat billi tittraduċi l-kriterji ta' prestazzjoni u l-aġġustamenti tar-riskju f'għotjiet tar-remunerazzjoni attwali. Matul dan il-proċess tal-għoti, l-istituzzjoni għandha taġġusta r-remunerazzjoni għal żviluppi avversi potenzjali fil-ġejjieni ("aġġustament għar-riskju *ex ante*").

### 14.2.1 L-istabbiliment ta' aggregazzjonijiet ta' bonusijiet

238.L-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu aggregazzjoni ta' bonusijiet waħda jew iżjed għall-perjodu li għalih tingħata r-remunerazzjoni varjabbli u jikkalkolaw l-aggregazzjoni ta' bonusijiet globali tal-istituzzjoni kollha bħala somma ta' dawn l-aggregazzjonijiet ta' bonusijiet.

239.Meta jistabbilixxu l-aggregazzjonijiet ta' bonusijiet, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni totali applikabbli għall-kategoriji ta' persunal identifikat, il-kriterji ta' prestazzjoni u ta' riskju definiti għall-istituzzjoni sħiħa, l-objettivi ta' kontroll u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni, inklużi l-bażi kapitali u l-likwidità tagħha. L-indikaturi tal-prestazzjoni użati għall-kalkolu tal-aggregazzjoni ta' bonusijiet għandhom jinkludu l-indikaturi tal-prestazzjoni fit-tul u jqisu r-riżultati finanzjarji miksubin. Għandu jkun hemm fis-seħħ użu prudenti ta' metodi kontabilistiċi u ta' valutazzjoni li jiżgura evalwazzjoni vera u ġusta tar-riżultati finanzjarji, tal-bażi kapitali u tal-likwidità.

240.L-aggregazzjonijiet ta' bonusijiet m'għandhomx jiġu stabbiliti f'ċertu livell sabiex jiġu ssodisfati t-talbiet tar-remunerazzjoni.

241.L-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċessi u kontrolli xierqa fis-seħħ meta jistabbilixxu l-aggregazzjoni ta' bonusijiet globali.

242.Meta l-istituzzjonijiet jużaw approċċ minn fuq għal isfel, għandhom jistabbilixxu l-ammont tal-aggregazzjoni tal-bonusijiet fil-livell tal-istituzzjoni, li mbagħad jiġi distribwit għalkollox jew parzjalment bejn l-unitajiet tan-negozju u l-funzjonijiet tal-kontroll wara l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom. Sussegwentement l-għotjiet individwali għandhom ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu.

243.Meta l-istituzzjonijiet jistabbilixxu l-aggregazzjoni ta' bonusijiet f'approċċ minn isfel għal fuq, il-proċess għandu jibda fil-livell tal-membru tal-persunal individwali. Skont il-kriterji tal-prestazzjoni li fuqhom huwa vvalutat il-persunal, għandha ssir allokazzjoni tal-aggregazzjoni ta' bonusijiet għall-membru tal-persunal; l-aggregazzjoni ta' bonusijiet tal-unità tan-negozju u tal-istituzzjoni hija daqs is-somom tal-għotjiet potenzjali allokati għal-livelli subordinati rispettivi. L-istituzzjoni għandha tiżgura li l-prestazzjoni globali tal-istituzzjoni titqies b'mod xieraq.

244.Meta tiġi distribwita l-aggregazzjoni ta' bonusijiet fil-livel tal-unità tan-negozju jew lill-membru tal-persunal individwali, l-allokazzjoni għandha tkun ibbażata kif xieraq fuq il-formuli predefiniti u fuq l-approċċi ta' ġudizzju. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw sistemi ta' punteġġ jew metodi xierqa oħrajn sabiex jgħaqqdu approċċi differenti.

245.Meta jagħżlu l-approċċ, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dan li ġej: il-formuli huma iktar trasparenti u, għalhekk, iwasslu għal inċentivi iktar ċari, peress li l-membru tal-persunal jaf il-fatturi kollha li jiddeterminaw ir-remunerazzjoni varjabbli tiegħu jew tagħha. Madanakollu, il-formuli jistgħu ma jkoprux l-objettivi kollha, speċjalment dawk kwalitattivi, li jistgħu jkunu koperti aħjar minn approċċi tal-ġudizzju. L-approċċ tal-ġudizzju jagħti aktar flessibilità lill-maniġment u, għalhekk, jista' jdgħajjef l-effett tal-inċentiv ibbażat fuq ir-riskju tar-

remunerazzjoni varjabbli bbażata fuq il-prestazzjoni. Għalhekk, għandu jiġi applikat b'kontrolli xierqa u fi proċess dokumentat sew u trasparenti.

246.Fatturi bħal-limitazzjonijiet tal-baġit, iż-żamma tal-persunal u l-konsiderazzjonijiet tar-reklutaġġ, is-sussidju fost l-unitajiet tan-negozju eċċ. m'għandhomx jiddominaw id-distribuzzjoni tal-aggregazzjoni ta' bonusijiet għaliex dawn jistgħu jdgħajfu r-relazzjoni bejn il-prestazzjoni, ir-riskju u r-remunerazzjoni.

247.L-istituzzjonijiet għandhom iżommu rekords dwar kif ġew stabbiliti l-aggregazzjoni ta' bonusijiet u r-remunerazzjoni tal-persunal, inkluż kif ingħaqdu flimkien stimi bbażati fuq approċċi differenti.

### 14.2.2 L-aġġustament għar-riskju *ex ante* fil-proċess tal-għoti

248.L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-aggregazzjoni ta' bonusijiet u r-remunerazzjoni varjabbli li se jingħataw fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni u r-riskji meħudin. L-aġġustament għar-riskji qabel ma ssir l-għotja ("aġġustament għar-riskju *ex ante*") għandu jkun ibbażat fuq l-indikaturi tar-riskju u jiżgura li r-remunerazzjoni varjabbli mogħtija hija allinjata b'mod sħiħ mar-riskji meħudin. Il-kriterji użati għall-aġġustament tar-riskju *ex ante* għandhom ikunu granulari biżżejjed biex jirriflettu r-riskji rilevanti kollha.

249.L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu f'liema livell japplikaw l-aġġustamenti tar-riskju *ex ante* għall-kalkolu tal-aggregazzjoni ta' bonusijiet, skont id-disponibbiltà tal-kriterji tal-aġġustament tar-riskju. Dan għandu jsir fil-livell tal-unità tan-negozju jew fil-livell tas-sottostrutturi organizzazzjonali tagħha, eż. il-post tan-negozjar jew il-membru tal-persunal individwali.

250.L-allinjament tar-riskju għandu jinkiseb bl-użu ta' kriterji ta' prestazzjoni aġġustati għar-riskju, inklużi l-kriterji tal-prestazzjoni li huma aġġustati għal riskju abbażi ta' indikaturi tar-riskju separati. Għandhom jintużaw kriterji kwantitattivi u kwalitattivi.

251.L-aġġustamenti tar-riskju *ex ante*, imwettqa mill-istituzzjonijiet, meta bbażati fuq kriterji kwantitattivi, għandhom jiddependu l-aktar fuq miżuri eżistenti fl-istituzzjonijiet użati għal skopijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju oħrajn. Meta jsiru aġġustamenti għal miżuri bħal dawn f'proċessi ta' mmaniġġjar tar-riskju, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu wkoll bidliet konsistenti fil-qafas tar-remunerazzjoni. Il-kriterji kwantitattivi jinkludu:

a. il-kapital ekonomiku, il-profitt ekonomiku, id-dħul fuq assi mwieżna għar-riskju u d-dħul fuq l-ekwità allokata;

b. il-kost u l-kwantità tal-kapital meħtieġa għar-riskji tal-attivitajiet tiegħu, filwaqt li d-distribuzzjoni tal-kostijiet tal-kapital għandha tirrifletti l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u l-ewkità kollha tal-istituzzjoni għandha tiġi allokata u ddebitata bis-sħiħ;

c. il-kost u l-kwantità tar-riskju tal-likwidità maħsuba fil-perkors tan-negozju;

d. il-kostijiet tal-likwidità indiretti (jiġifieri kostijiet ta' sparigġ tal-likwidità, il-kost ta' riskju tal-likwidità kontinġenti u skoperturi oħrajn ta' riskju tal-likwidità li jista' jkollha istituzzjoni).

252.Meta titkejjel il-profittabilità tal-istituzzjoni u tal-unitajiet tan-negozju tagħha, il-kejl għandu jkun ibbażat fuq l-introjtu nett, fejn jiġu inklużi l-kostijiet diretti u indiretti kollha relatati mal-attività. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jeskludu l-kostijiet ta' funzjonijiet korporattivi, eż spejjeż tal-IT, kostijiet indiretti tal-grupp jew negozji li ma tkomplewx.

253.L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti tar-riskju kwalitattivi *ex ante* meta jistabbilixxu l-aggregazzjoni ta' bonusijiet u r-remunerazzjoni tal-persunal identifikat permezz ta', pereżempju, l-użu ta' tabelli tal-punteġġ ibbilanċjati li jinkludu b'mod espliċitu kunsiderazzjonijiet ta' riskju u kontroll bħall-ksur ta' konformità, il-ksur tal-limitu ta' riskju u indikaturi tal-kontroll intern (eż. ibbażati fuq riżultati ta' awditjar intern) jew metodi simili oħrajn.

# 15. Il-proċess tal-ħlas għar-remunerazzjoni varjabbli

254.L-istituzzjonijiet għandhom iħallsu r-remunerazzjoni varjabbli parzjalment bil-quddiem u parzjalment differita u b'bilanċ xieraq bejn strumenti ta' ekwità, marbutin mal-ekwità u strumenti eliġibbli oħrajn u flus skont l-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE. Qabel ma titħallas il-parti differita tal-flus jew il-vestiment tal-istrumenti differiti, għandhom jiġu applikati rivalutazzjoni tal-prestazzjoni u, jekk meħtieġ, aġġustament tar-riskju *ex post* biex tiġi allinjata r-remunerazzjoni varjabbli mar-riskji addizzjonali li ġew identifikati jew li mmaterjalizzaw wara l-għotja. Dan japplika wkoll meta jintużaw perjodi tad-dovuti multiannwali.

## 15.1 Remunerazzjoni differita u mhux differita

255.L-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw skeda differita li tallinja b'mod xieraq ir-remunerazzjoni tal-persunal mal-attivitajiet, maċ-ċiklu tan-negozju u mal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u l-attivitajiet tal-membri tal-persunal identifikati, sabiex parti suffiċjenti tar-remunerazzjoni varjabbli tista' tkun aġġustata għall-eżiti tar-riskju matul iż-żmien permezz ta' aġġustamenti tar-riskju *ex post*.

256.Skeda ta' differiment hija definita minn komponenti differenti:

a. il-proporzjon tar-remunerazzjoni varjabbli li qiegħda tiġi differita (it-Taqsima 15.2);

b. it-tul tal-perjodu ta' differiment (it-Taqsima 15.2);

c. il-veloċità li biha tvesti r-remunerazzjoni differita, inkluża l-medda ta' żmien minn tmiem il-perjodu tad-dovuti sal-vestiment tal-ewwel ammont differit (it-Taqsima 15.3).

257.L-istituzzjonijiet għandhom iqisu fl-iskeda ta' differiment il-forma li fiha tingħata r-remunerazzjoni varjabbli differita u, fejn xieraq, għandhom jiddifferenzjaw l-iskedi ta'

differiment tagħhom billi jvarjaw dawn il-komponenti għall-kategoriji differenti ta' persunal identifikat. It-taħlita ta' dawn il-komponenti għandha twassal għal skeda ta' differiment effettiva, li fiha jiġu pprovduti inċentivi ċari għat-teħid ta' riskju orjentat fit-tul permezz ta' proċeduri trasparenti ta' allinjament tar-riskju.

## 15.2 Il-perjodu ta' differiment u l-proporzjon tar-remunerazzjoni differita

258. Il-perjodu ta' differiment jibda wara li ssir l-għotja (eż. fil-mument li fih titħallas il-parti bil-quddiem tar-remunerazzjoni varjabbli). Id-differiment jista' jiġi applikat għaż-żewġ tipi ta' remunerazzjoni varjabbli: flus u strumenti.

259. Meta jistabbilixxu l-perjodu ta' differiment attwali u l-proporzjon li se jkun differit skont ir-rekwiżiti minimi skont l-Artikolu 94(1)(m) u l-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu:

a. ir-responsabbilitajiet u l-awtoritajiet tal-persunal identifikat u l-kompiti li wettqu;

b. iċ-ċiklu tan-negozju u n-natura tal-attivitajiet tal-istituzzjoni;

c. il-fluttwazzjonijiet mistennijin fl-attività ekonomika u l-prestazzjoni u r-riskji tal-istituzzjoni u l-unità tan-negozju u l-impatt tal-persunal identifikat fuq dawn il-fluttwazzjonijiet;

d. il-proporzjon approvat bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni totali u l-ammont assolut tar-remunerazzjoni varjabbli.

260. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu għal liema kategoriji ta' persunal identifikat, billi jqisu wkoll ir-rwolijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, għandhom jiġu applikati perjodi ta' differiment itwal mill-perjodu minimu meħtieġ ta' mill-inqas erbgħa sa ħames snin, sabiex jiżguraw li r-remunerazzjoni varjabbli hija allinjata mal-profil tar-riskju fit-tul. Meta jintużaw perjodi tad-dovuti multiannwali itwal, u meta l-perjodu tad-dovuti itwal jipprovdi iktar ċertezza dwar ir-riskji li mmaterjalizzaw sa mill-bidu tal-perjodu tad-dovuti, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dan il-fatt meta jistabbilixxu l-perjodi ta' differiment u ta' żamma u, fejn xieraq, jistgħu jintroduċu perjodi ta' differiment li huma iqsar mill-perjodi ta' differiment li jkunu xierqa meta jintuża perjodu tad-dovuti ta' sena. Fi kwalunkwe każ japplika r-rekwiżit minimu ta' perjodu ta' differiment ta' erba' snin u perjodu ta' differiment ta' ħames snin għal membri tal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri f'istituzzjonijiet sinifikanti.

261. Għal membri tal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri, istituzzjonijiet sinifikanti li ma jibbenefikawx mill-eżenzjoni fl-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jiddifferixxu porzjon ogħla b'mod sinifikanti minn 50 % tar-remunerazzjoni varjabbli mħallsa fi strumenti.

262. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu porzjon xieraq tar-remunerazzjoni li għandu jiġi differit għal kategorija ta' persunal identifikat jew ta' membru tal-persunal identifikat uniku fil-

proporzjon minimu ta' 40 % jew iktar. F'każ ta' ammonti ta' remunerazzjoni varjabbli partikolarment ogħla, il-proporzjon ta' differiment għal membri tal-persunal bħal dawn għandu jkun tal-inqas 60 %.

263.L-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu liema livell ta' remunerazzjoni varjabbli jikkostitwixxi ammont partikolarment għoli billi jqisu r-remunerazzjoni medja mħallsa fl-istituzzjoni, ir-rapport ta' valutazzjoni komparattiva tar-remunerazzjoni tal-EBA u, fejn disponibbli, ir-riżultati tal-valutazzjoni komparattiva tar-remunerazzjoni nazzjonali u oħrajn u l-livelli limitu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti. Meta jimplimentaw il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu livell limitu assolut jew relattiv, billi jqisu l-kriterji t'hawn fuq. Remunerazzjoni f'dak il-livell limitu jew ogħla minnu dejjem għandha tiġi meqjusa bħala ammont partikolarment għoli.

264.Meta l-istituzzjonijiet jistabbilixxu l-proporzjon li huwa differit permezz ta' kaskata ta' ammonti assoluti (eż. parti bejn 0 u 100: 100 % bil-quddiem; parti bejn 100 u 200: 50 % bil-quddiem u l-bqija differit; u parti 'l fuq minn 200: 25 % bil-quddiem u l-bqija huwa differit), l-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi juri lill-awtorità kompetenti li fuq bażi medja ponderata għal kull membru tal-persunal identifikat, l-istituzzjoni tirrispetta l-livell limitu minimu ta' differiment ta' 40 % sa 60 % u li l-porzjon differit huwa xieraq u allinjat kif suppost man-natura tan-negozju, mar-riskji tiegħu u mal-attivitajiet tal-membru tal-persunal identifikat inkwistjoni.

265.Meta l-prinċipji ġenerali tal-kuntratt nazzjonali u tal-liġi tax-xogħol jipprevjenu t-tnaqqis sostanzjali tar-remunerazzjoni varjabbli fejn isseħħ prestazzjoni finanzjarja mhux ottimali jew negattiva tal-istituzzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw skema ta' differiment u jużaw l-istrumenti għall-għoti tar-remunerazzjoni varjabbli li jiżguraw li l-aġġustamenti għar-riskju *ex post* huma applikati kemm jista' jkun. Dan jista' jinkludi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

a. l-istabbiliment ta' perjodi ta' differiment itwal;

b. jiġi evitat l-użu ta' vestiment pro rata f'sitwazzjonijiet fejn jista' jiġi applikat il-*malus*, imma l-applikazzjoni tal-irkupru tkun soġġetta għal impedimenti legali;

c. jingħata porzjon ogħla ta' remunerazzjoni varjabbli fi strumenti li huma allinjati mal-prestazzjoni tal-istituzzjoni u soġġetti għal perjodi twal bizzejjed ta' żamma u ta' differiment.

## 15.3 Vestiment ta' remunerazzjoni differita

266.L-ewwel porzjon differit m'għandux jiġi vestit iktar kmieni minn 12-il xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' differiment. Il-perjodu ta' differiment jispiċċa meta r-remunerazzjoni varjabbli mogħtija tkun vestiet jew fejn l-ammont tnaqqas għal żero hekk kif ġie applikat il-*malus*.

267.Ir-remunerazzjoni differita għandha tvesti bis-sħiħ fi tmiem il-perjodu ta' differiment jew tiġi mifruxa fuq diversi ħlasijiet matul il-perjodu ta' differiment skont l-Artikolu 94(1)(m) tad-Direttiva 2013/36/UE.

268.Vestiment pro rata tfisser eż. perjodu ta' differiment ta' erba' snin li fi tmiem is-snin n+1, n+2, n+3 u n+4, kwart tar-remunerazzjoni differrita tvesti, bl-*n* li hija l-mument li fih titħallas il-parti bil-quddiem tar-remunerazzjoni varjabbli mogħtija.

269.Il-vestiment m'għandux iseħħ iktar spiss minn fuq bażi annwali sabiex tiġi żgurata valutazzjoni korretta tar-riskji qabel l-applikazzjoni ta' aġġustamenti *ex post*.

## 15.4 L-għoti ta' remunerazzjoni varjabbli fi strumenti

270.L-istrumenti użati għall-għoti tar-remunerazzjoni varjabbli għandhom jikkontribwixxu għall-allinjament tar-remunerazzjoni varjabbli mal-prestazzjoni u r-riskji tal-istituzzjoni.

271.Fejn l-istrumenti maħruġin minn istituzzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament taħt il-punti (i) u (ii) tal-Artikolu 94(1)(l) tas-CRD huma disponibbli, ir-remunerazzjoni varjabbli għandha tikkonsisti minn bilanċ tat-tipi differenti ta' strumenti. Meta jkun hemm strumenti disponibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jagħtu prijorità lill-użu ta' strumenti soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna, f'konformità mal-istrumenti stabbiliti fl-RTS fuq strumenti u ishma, aktar milli l-użu ta' oġġetti bbażati fuq il-valur bħal strumenti marbutin mal-ishma.

272.Id-disponibbiltà ta' strumenti skont l-Artikolu 94(l)(i) tas-CRD tiddependi fuq il-forma ġuridika ta' istituzzjoni:

a. Għal istituzzjonijiet li huma kumpaniji b'ishma (kemm elenkati u mhux elenkati), isiru disponibbli ishma jew strumenti marbutin mal-ishma.

b. Għal istituzzjonijiet li mhumiex kumpaniji b'ishma, isiru disponibbli l-interessi proprjetarji li huma ekwivalenti għall-ishma jew strumenti mhux fi flus li huma ekwivalenti għall-istrumenti marbutin mal-ishma.

273.Strumenti marbutin mal-ishma jew strumenti oħra ekwivalenti mhux tal-flus (eż. drittijiet fuq iż-żieda fl-istokks, tipi ta' ishma sintetiċi) huma dawk l-istrumenti jew obbligi kuntrattwali, inklużi strumenti bbażati fuq il-flus li l-valur tagħhom huwa bbażat fuq il-prezz tas-suq jew, fejn prezz tas-suq mhuwiex disponibbli, il-valur ġust tal-istokk jew dritt proprjetarju ekwivalenti u jittraċċaw il-prezz tas-suq jew valur ġust. L-istrumenti bħal dawn kollha għandu jkollhom l-istess effett f'termini ta' assorbiment tat-telf bħala ishma jew interessi proprjetari ekwivalenti.

274.Id-disponibbiltà ta' "strumenti oħrajn" skont l-Artikolu 94(1)(l)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE tiddependi fuq jekk istituzzjoni jew istituzzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni kinitx diġà ħarġet strumenti bħal dawn u fuq jekk humiex disponibbli ammonti suffiċjenti ta' strumenti bħal dawn. Fejn l-istituzzjonijiet huma primarjament iffinanzjati mill-operatur, jew jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq dejn addizzjonali ta' Grad 1, ta' Grad 2 jew li jista' jsirlu rikapitalizzazzjoni interna biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kapital tagħhom, strumenti bħal dawn għandhom ikunu disponibbli għall-finijiet ta' remunerazzjoni varjabbli, sakemm dawn "l-istrumenti l-oħrajn" jikkonformaw mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 527/2014.

275.Fejn ma hemmx fatturi speċifiċi jew liġijiet nazzjonali li jipprevjenu l-użu ta' "strumenti oħrajn" skont l-Artikolu 94(1)(l)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE, jew fatturi li jipprevjenu lill-istituzzjonijiet milli joħorġu strumenti f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 527/2014, fejn ikunu disponibbli għandhom jintużaw strumenti bħal dawn għall-għoti tar-remunerazzjoni varjabbli.

276.Meta huma disponibbli kemm strumenti ta' ekwità jew marbutin mal-ekwità u strumenti eliġibbli oħrajn definiti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 527/2014, huwa possibbli li titħallas ir-remunerazzjoni varjabbli bħala bilanċ ta' strumenti differenti. F'dak il-każ, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-porzjon tar-remunerazzjoni varjabbli li hija mħallsa fi strumenti jinkludi bilanċ xieraq ta' strumenti skont il-punt (i) u l-punt (ii) tal-Artikolu 94(1)(l) tad-Direttiva 2013/36/UE. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi juru li huma qiesu l-interessi tal-azzjonisti, tal-kredituri, tad-detenturi tal-bonds u ta' partijiet ikkonċernati oħrajn meta stabbilixxew l-bilanċ bejn strumenti differenti.

277.L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li meta r-remunerazzjoni varjabbli mogħtija fi strumenti tvesti, huma għandhom l-istrumenti mogħtija disponibbli  L-istituzzjonijiet jistgħu jiddeċiedu li ma jżommux l-istrumenti waqt il-perjodu ta' differiment iżda, f' dak il-każ, għandhom iqisu r-riskji tas-suq rilevanti.

278.L-istrumenti għandhom jiġu pprezzati bil-prezz tas-suq jew bil-valur ġust tagħhom fid-data tal-għoti ta' dawn l-istrumenti. Dan il-prezz huwa l-bażi għall-istabbiliment tan-numru inizjali tal-istrumenti u għal aġġustamenti *ex post* ta' aktar tard fin-numru ta' strumenti jew fil-valur tagħhom. Valutazzjonijiet bħal dawn għandhom isiru wkoll qabel il-vestiment sabiex jiġi żgurat li l-aġġustamenti għar-riskju *ex post* huma applikati b'mod korrett u qabel ma jintemm il-perjodu ta' żamma. Istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet kbar u li mhumiex elenkati jistgħu jistabbilixxu l-valur tal-interessi proprjetarji u l-istrumenti marbutin ma' interess proprjetarju fuq il-bażi tal-aħħar riżultati finanzjarji annwali.

279.L-istituzzjonijiet jistgħu jagħtu numru fiss jew ammont nominali ta' strumenti differiti bl-użu ta' tekniki differenti, inklużi faċilitajiet ta' depożitu tal-fiduċjarji u kuntratt bil-kundizzjoni li f'kull każ in-numru jew l-ammont nominali tal-istrumenti mogħtijin huwa provdut lill-persunal identifikat fil-vestiment, sakemm in-numru jew l-ammont nominali ma jitnaqqasx bl-applikazzjoni tal-*malus*. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-istrumenti mogħtija huma disponibbli għall-ħlasijiet tal-persunal mhux aktar tard minn meta jsir il-vestiment.

280.L-istituzzjonijiet m'għandhom iħallsu l-ebda interess jew dividend fuq l-istrumenti li jkunu ngħataw bħala remunerazzjoni varjabbli skont l-arranġamenti ta' differiment lill-persunal identifikat; dan ifisser ukoll li l-interess u d-dividendi pagabbli matul il-perjodu ta' differiment m'għandhomx jitħallsu lill-persunal wara li jintemm il-perjodu ta' differiment. Ħlasijiet bħal dawn għandhom jiġu trattati bħala riċevuti mill-istituzzjoni u bħala proprjetà tagħha.

281. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jillimitaw il-possibbiltà li jużaw l-istrumenti skont l-Artikolu 94(1)(l) tant li l-istituzzjonijiet ma jkunux jistgħu jistabbilixxu bilanċ xieraq bejn l-istrumenti skont il-punt (i) u l-punt (ii) tal-Artikolu 94(1)(l) tad-Direttiva 2013/36/UE.

## 15.5 Il-porzjon minimu ta' strumenti u d-distribuzzjoni tagħhom matul iż-żmien

282. Fejn japplika, ir-rekwiżit li jitħallas, skont l-Artikolu 94(1)(l) tad-Direttiva 2013/36/UE, f'minimu 50 % ta' kwalunkwe remunerazzjoni varjabbli fi strumenti, għandu jiġi applikat b'mod ugwali għall-parti differita u mhux differita u ż-żewġ partijiet għandhom jikkonsistu f'bilanċ ta' strumenti f'konformità mal-linji gwida fit-Taqsima 15.4.

283. L-istituzzjonijiet għandhom jagħtu prijorità lill-użu tal-istrumenti minflok ma jagħtu r-remunerazzjoni varjabbli fi flus. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-perċentwal li għandu jingħata f'bilanċ ta' strumenti għal 50 % jew ogħla b'mod separat għall-partijiet differiti u mhux differiti tar-remunerazzjoni varjabbli. Meta l-istituzzjonijiet jagħtu porzjon ogħla minn 50 % tar-remunerazzjoni varjabbli fi strumenti, għandhom jagħtu prijorità lil sehem ogħla ta' strumenti fil-porzjon differit tal-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni

284. Il-proporzjon tar-remunerazzjoni varjabbli li jitħallas fi strumenti għandu jiġi kalkolat bħala l-kwozjent bejn l-ammont tar-remunerazzjoni varjabbli mogħti fi strumenti u s-somma tar-remunerazzjoni varjabbli mogħtija fi flus, fi strumenti u f'benifiċċji oħrajn. L-ammonti kollha għandhom jiġu vvalutati fil-punt tal-għotja sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dawn il-linji gwida.

## 15.6 Politika ta' żamma

285. Il-perjodu ta' żamma applikat għar-remunerazzjoni varjabbli mħallsa fi strumenti għandu jiġi stabbilit f'tul xieraq sabiex l-inċentivi jiġu allinjati mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni.

286. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi jispjegaw kif il-politika ta' żamma hija relatata ma' miżuri oħrajn ta' allinjament tar-riskju u kif jagħmlu distinzjoni bejn l-istrumenti mħallsin bil-quddiem u l-istrumenti differiti.

287. Meta jistabbilixxu l-perjodu ta' żamma, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu t-tul globali tal-perjodu ta' differiment u l-perjodu ta' żamma ppjanat u l-impatt tal-kategorija tal-persunal identifikat fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet u t-tul taċ-ċiklu tan-negozju rilevanti għall-kategorija tal-persunal.

288. Perjodu ta' żamma itwal kif applikat b'mod ġenerali għall-persunal identifikat għandu jiġi meqjus f'każijiet fejn ir-riskji li jsejsu l-prestazzjoni jistgħu jimmaterjalizzaw lil hinn minn tmiem il-perjodu ta' differiment u l-perjodu ta' żamma standard, għall-inqas għall-persunal bl-ogħla impatt fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet.

289.Għandu jiġi stabbilit perjodu ta' żamma ta' mill-inqas sena għall-istrumenti mogħtijin. Għandhom jiġu stabbiliti perjodi itwal b'mod partikolari fejn l-aġġustamenti tar-riskju *ex post* jkunu jiddependu l-iktar fuq bidliet fil-valur tal-istrumenti li jkunu ngħataw. Meta l-perjodu ta' differiment ikun tal-inqas ħames snin, jista' jiġi impost perjodu ta' żamma għall-parti differita ta' mill-inqas sitt xhur għall-persunal identifikat għajr il-membri tal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri li għalihom għandu jiġi applikat perjodu ta' żamma minimu ta' sena.

## 15.7 Aġġustament għar-riskju

### 15.7.1 *Malus* u rkupru

290.L-arranġamenti tal-*malus* u ta' rkupru huma mekkaniżmi ta' aġġustament għar-riskju *ex post* espliċiti fejn l-istituzzjoni nnifisha taġġusta r-remunerazzjoni tal-membru tal-persunal identifikat fuq il-bażi ta' mekkaniżmi bħal dawn (eż. billi tbaxxi r-remunerazzjoni fi flus mogħtija jew billi tnaqqas in-numru jew il-valur tal-istrumenti mogħtija).

291.Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji ġenerali tal-kuntratt nazzjonali jew tal-liġi tax-xogħol, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi japplikaw l-arranġamenti tal-*malus* jew ta' rkupru sa 100 % tar-remunerazzjoni varjabbli totali skont l-Artikolu 94(1)(n) tad-Direttiva 2013/36/UE, irrispettivament mill-metodu użat għall-ħlas, inklużi l-arranġamenti ta' differiment jew ta' żamma.

292.Aġġustamenti għar-riskju *ex post* għandhom ikunu dejjem relatati mar-riskju jew mal-prestazzjoni. Għandhom iwieġbu għall-eżiti tar-riskju attwali jew għal bidliet fir-riskji persistenti tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-linja ta' negozju u tal-persunal. M'għandhomx ikunu bbażati fuq l-ammont ta' dividenti mħallsa jew fuq l-evoluzzjoni tal-prezz tas-sehem.

293.L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw jekk l-aġġustamenti għar-riskju inizjali *ex ante* tagħhom kinux biżżejjed, eż. jekk ir-riskji tħallewx barra jew jekk ġewx sottovalutati jew jekk ġewx identifikati riskji ġodda jew jekk seħħx telf mhux mistenni. Kemm hemm bżonn ta' aġġustament għar-riskju *ex post* jiddependi mill-preċiżjoni tal-aġġustament għar-riskju *ex ante* u għandu jiġi stabbilit mill-istituzzjoni fuq il-bażi ta' ttestjar retrospettiv.

294.Meta jistabbilixxu l-kriterji għall-applikazzjoni tal-*malus* u ta' rkupru skont l-Artikolu 94(1)(n) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu wkoll perjodu li matulu jiġu applikati l-*malus* jew l-irkupru għall-persunal identifikat. Dan il-perjodu għandu jkopri tal-inqas il-perjodi ta' differiment u ta' żamma. L-istituzzjonijiet jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn kriterji għall-applikazzjoni tal-*malus* u ta' rkupru. L-irkupru għandu jiġi applikat b'mod partikolari fil-każ ta' frodi jew imġiba oħra b'intenzjoni jew negliġenza severa li wasslet għal telf sinifikanti.

295.L-istituzzjonijiet għandhom jużaw tal-inqas il-kriterji ta' prestazzjoni u tar-riskju użati inizjalment sabiex jiżguraw ir-rabta bejn il-kejl tal-prestazzjoni inizjali u l-ittestjar retrospettiv tiegħu. Minbarra l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 94(1)(n)(i) u (ii) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw kriterji speċifiċi li jinkludu:

a. evidenza ta' mġiba ħażina jew ta' żball serju mill-membru tal-persunal (eż. ksur tal-kodiċi ta' kondotta u ta' regoli interni oħrajn, speċjalment dawk li jikkonċernaw ir-riskji);

b. jekk l-istituzzjoni u/jew l-unità tan-negozju sussegwentement iġġarrab tnaqqis sinifikanti fil-prestazzjoni finanzjarja tagħha (eż. indikaturi tan-negozju speċifiċi);

c. jekk l-istituzzjoni u/jew l-unità tan-negozju li fiha jaħdem il-membru tal-persunal identifikat iġġarrab nuqqas sinifikanti ta' mmaniġġjar tar-riskju;

d. żidiet sinifikanti fil-bażi kapitali regolatorja jew ekonomika tal-istituzzjoni jew tal-unità tan-negozju;

e. kwalunkwe sanzjoni regolatorja, eż. li tikkastiga, amministrattiva, dixxiplinarja jew oħrajn, fejn l-imġiba tal-membru tal-persunal identifikat ikkontribwixxiet għas-sanzjoni.

296. Fejn il-*malus* jista' jiġi applikat biss fil-ħin tal-vestiment tal-ħlasijiet differiti, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu, fejn possibbli, li japplikaw l-irkupru wara l-ħlas jew il-vestiment tar-remunerazzjoni varjabbli. L-applikazzjoni tal-*malus* tista' ma tkunx possibbli meta tapplika d-deroga skont l-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE minħabba li r-rekwiżit biex tiġi differita r-remunerazzjoni varjabbli ma japplikax; l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-irkupru jista' jiġi applikat.

297. Fejn hu xieraq, l-arranġamenti tal-*malus* jew ta' rkupru għandhom iwasslu għal tnaqqis tar-remunerazzjoni varjabbli. Taħt l-ebda ċirkostanza l-aġġustament tar-riskju espliċitu *ex post* m'għandu jwassal għal żieda tar-remunerazzjoni varjabbli mogħtija inizjalment jew, meta l-*malus* jew l-irkupru diġà kienu ġew applikati fl-imgħoddi, għal żieda tar-remunerazzjoni varjabbli mnaqqsa.

### 15.7.2 Aġġustamenti impliċiti

298. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw strumenti għar-remunerazzjoni varjabbli fejn il-prezz jirreaġixxi għal bidliet fir-riskju jew fil-prestazzjoni tal-istituzzjoni. L-evoluzzjoni tal-prezz tal-istokk jew tal-prezz ta' strumenti oħrajn m'għandhiex titqies bħala sostitut għall-aġġustamenti għar-riskju espliċiti *ex post*.

299. Meta l-istrumenti jkunu ngħataw u l-persunal, wara l-perjodi ta' differiment u ta' żamma, ibigħ dawn l-istrumenti jew l-istrument jitħallas fi flus fil-maturità finali tiegħu, il-persunal għandu jkun jista' jirċievi l-ammont dovut. L-ammont jista' jkun ogħla mill-ammont mogħti inizjalment meta jkun żdied il-prezz tas-suq jew il-valur ġust tal-istrumenti.

# Titolu V - Istituzzjonijiet li jibbenefikaw minn intervent tal-gvern

## 16. Appoġġ mill-istat u remunerazzjoni

300.F'konformità mat-Taqsima 6 ta' dawn il-linji gwida, meta l-istituzzjonijiet jibbenefikaw minn intervent eċċezzjonali tal-gvern, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu kuntatti regolari sabiex jistabbilixxu aggregazzjoni ta' remunerazzjoni varjabbli possibbli u tal-għotja ta' remunerazzjoni varjabbli sabiex jiżguraw konformità mal-Artikoli 93 u 141 tad-Direttiva 2013/36/UE. Kwalunkwe ħlas tar-remunerazzjoni varjabbli m'għandux jipperikola l-konformità mal-pjan ta' ta' rkupru u ta' ħruġ stabbilit mill-intervent eċċezzjonali tal-gvern.

301.Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat sabiex jiġu appoġġati miżuri favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (2013/C 216/01) għandha tiġi applikata fil-politiki ta' remunerazzjoni. Kwalunkwe kundizzjoni fir-rigward tar-remunerazzjoni imposta fuq l-istituzzjonijiet meta l-għajnuna mill-istat tkun ġiet approvata mill-Kummissjoni u tingħata u fi kwalunkwe att relatat għandha tiġi riflessa kif xieraq fil-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet.

302.Ir-remunerazzjoni varjabbli tal-persunal ta' istituzzjoni, inklużi l-membri tal-korp maniġerjali, m'għandhiex tipprevjeni ħlas lura ordinat u puntwali tal-intervent eċċezzjonali tal-gvern jew il-ksib ta' objettivi stabbiliti fil-pjan ta' ristrutturar.

303.L-istituzzjoni għandha tiżgura li l-aggregazzjoni ta' bonusijiet jew il-vestiment u l-ħlas tar-remunerazzjoni varjabbli ma joħolqux detriment għat-tiswir puntwali tal-bażi kapitali tagħha u tnaqqis fid-dipendenza tagħha fuq l-intervent eċċezzjonali tal-gvern.

304.Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni eżistenti imposta mill-Istat Membru jew mill-Unjoni fir-rigward tar-remunerazzjoni, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tistabbilixxi, għall-istituzzjonijiet li ngħataw intervent eċċezzjonali mill-gvern, il-perċentwal tad-dħul nett skont il-punt (a) tal-Artikolu 93 tad-Direttiva 2013/36/UE li jista' jintuża għar-remunerazzjoni varjabbli u tivvaluta jekk ir-remunerazzjoni varjabbli hijiex allinjata ma' mmaniġġjar tar-riskji sod u ma' tkabbir fit-tul u tieħu miżuri għar-ristrutturar tar-remunerazzjoni, fejn ikun hemm bżonn.

305.Għandhom jiġu applikati limiti stretti għar-remunerazzjoni varjabbli tal-membri tal-korp maniġerjali fil-kuntest tar-ristrutturar tar-remunerazzjoni skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 93 tad-Direttiva 2013/36/UE meta:

a. L-awtorità kompetenti rilevanti tirrikjedi lill-istituzzjoni biex ma tħallasx ir-remunerazzjoni varjabbli għall-membri tal-korp maniġerjali mid-data li fiha ġie riċevut l-intervent eċċezzjonali tal-gvern jew li tapplika l-*malus* u l-irkupru għar-remunerazzjoni varjabbli b'kont meħud tal-fallimenti potenzjali tal-korp maniġerjali.

b. L-awtorità kompetenti rilevanti tista' tirrikjedi lill-istituzzjoni sabiex ma tagħti l-ebda remunerazzjoni varjabbli lill-membri tal-korp maniġerjali sakemm ma jkunx għadu tħallas

lura l-intervent tal-gvern eċċezzjonali, jew sakemm jiġi implimentat jew jitlesta pjan ta' ristrutturar għall-istituzzjoni. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu ta' żmien limitat. Il-perjodu li matulu japplikaw il-limiti jew il-kriterji għall-applikazzjoni ta' limiti bħal dawn għandhom jiġu rreġistrati b'mod ċar u jiġu kkomunikati lill-istituzzjoni meta jingħata l-appoġġ mill-gvern.

306.Sabiex jirristrutturaw ir-remunerazzjoni skont l-Artikolu 93(b) tad-Direttiva 2013/36/UE b'mod allinjat mal-immaniġġjar tar-riskju sod u ma' tkabbir fit-tul, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu:

a. fejn xieraq, il-limitazzjoni tar-remunerazzjoni varjabbli għall-membri tal-korp maniġerjali għal ammonti sa żero sabiex ir-remunerazzjoni varjabbli ma jkollha l-ebda impatt konsiderevoli fuq l-irkupru tal-istituzzjoni;

b. l-allinjament tal-miżuri ta' prestazzjoni użati għad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni varjabbli mal-progress tal-irkupru tal-istituzzjoni u l-kontribuzzjoni tal-persunal identifikat, inkluż il-korp maniġerjali f'dan ir-rigward;

c. l-applikazzjoni tal-irkupru u l-*malus* għall-perjodi tal-għotjiet aktar bikrija kif xieraq, b'mod partikolari għal persunal li kkontribwixxa b'mod sinifikanti għas-sitwazzjoni li fiha dik l-istituzzjoni kellha bżonn għajnuna mill-Istat;

d. iż-żieda fil-perċentwal tar-remunerazzjoni varjabbli li hija differita sa 100 %;

e. l-allinjament tal-perjodu tad-dovuti u ta' differiment mal-pjanijiet u l-fażijiet ta' ristrutturar u rkupru.

307.L-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu li jista' jkun hemm bżonn li jipprovdu għall-għoti possibbli tar-remunerazzjoni varjabbli lill-membri maħturin ġodda tal-korp maniġerjali li jinħatru matul il-fażi ta' ristrutturar jew ta' rkupru tal-istituzzjoni sabiex jiżguraw li l-membri xierqa tal-korp maniġerjali jkunu jistgħu jinħatru matul dik il-fażi.

# Titolu VI - Awtoritajiet kompetenti

## 17. Politiki ta' remunerazzjoni

308.L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw, filwaqt li jqisu dawn il-linji gwida, il-linji gwida tal-EBA dwar ir-rata ta' skont nozzjonali applikabbli u l-linji gwida tal-EBA fuq il-proċess ta' rieżami superviżorju, li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar il-politiki ta' remunerazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE, fir-Regolament (UE) 575/2013 u d-dispożizzjonijiet dwar l-RTS dwar persunal identifikat, inkluż li jkollhom politiki ta' remunerazzjoni newtrali għall-ġeneru xierqa għall-persunal kollu u għall-persunal identifikat. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju meta jissorveljaw il-politiki ta' remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet.

309.Mingħajr preġudizzju għal miżuri u sanzjonijiet superviżorji u dixxiplinari oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jieħdu azzjonijiet adegwati sabiex jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas identifikat. Meta l-istituzzjonijiet ma jikkonformawx ma' talbiet bħal dawn, għandhom jittieħdu miżuri superviżorji xierqa.

310.L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jallinjaw il-prattiki u l-politika ta' remunerazzjoni tagħhom mal-istrateġija tan-negozju u l-interess fit-tul tal-istituzzjoni filwaqt li jqisu l-istrateġija tan-negozju u tar-riskju, il-kultura korporattiva u l-valuri, u l-profil tar-riskju tagħha.

311.L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-politiki, il-prattiki u l-proċessi tar-remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet huma xierqa u jirrieżaminaw, minbarra r-rieżamijiet meħtieġa skont il-linji gwida tal-EBA dwar il-proċess ta' rieżami superviżorju, b'mod partikolari:

a. l-arranġamenti ta' governanza u l-proċessi għat-tfassil u l-monitoraġġ tal-politika ta' remunerazzjoni;

b. li jitwettaq l-iskambju xieraq ta' informazzjoni bejn il-korpi u l-funzjonijiet interni kollha, inkluż fil-grupp, involut fit-tfassil, l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ tal-politika ta' remunerazzjoni;

c. il-proċess żviluppat għat-twettiq tar-rieżami annwali tal-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni u r-riżultati ewlenin tiegħu, inkluż jekk il-politika ta' remunerazzjoni hijiex newtrali għall-ġeneru;

d. li, meta jkun hemm bżonn, jiġi stabbilit kumitat tar-remunerazzjoni b'biżżejjed setgħat u riżorsi sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu;

e. l-impatt tal-politika u tal-prattiki ta' remunerazzjoni fuq it-tmexxija tan-negozju, inklużi l-pariri u l-bejgħ tal-prodotti lil gruppi ta' klijenti differenti;

f. li l-politiki ta' remunerazzjoni jiġu meqjusa matul il-proċess ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital interna u l-ippjanar tal-likwidità u viċi versa.

312.Bħala parti mir-rieżamijiet t'hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom b'mod partikolari, iżda mhux biss:

a. jużaw il-minuti tad-deliberazzjoni tal-funzjoni superviżorja dwar il-politiki ta' remunerazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżultati tas-sorveljanza fuq it-tfassil u l-proċessi tas-sistema ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni u l-kompiti mwettqin mill-kumitat tar-remunerazzjoni;

b. jużaw il-minuti tal-kumitat tar-remunerazzjoni u kumitati oħrajn, inkluż il-kumitat tar-riskji, involuti fis-sorveljanża tad-disinn u l-operazzjoni tas-sistema tar-remunerazzjoni;

c. jorganizzaw laqgħat ma' membri tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni u ma' funzjonijiet rilevanti oħrajn.

313. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet sorveljati fuq bażi konsolidata u subkonsolidata stabbilixxew politika ta' remunerazzjoni fil-livell tal-grupp u fil-livell subkonsolidat, inklużi – sakemm huwa meħtieġ mill-implimentazzjoni nazzjonali tal-Artikoli 109(4) sa (6) tad-Direttiva 2013/36/UE – is-sussidjarji li huma stess mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE, li hija implimentata b'mod konsistenti fil-grupp, inkluż għall-iskopijiet tal-istabbiliment ta' persunal identifikat.[33]

314. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-proċess ta' identifikazzjoni tal-istituzzjonijiet:

a. jinkludi l-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 92 tad-Direttiva 2013/36/UE u fl-RTS dwar il-persunal identifikat u, fejn meħtieġ, il-kriterji addizzjonali definiti mill-istituzzjoni;

b. jiġi applikat kif xieraq fuq livell individwali, konsolidat u subkonsolidat; u

c. jiżgura li t-talbiet għal approvazzjoni minn qabel skont l-RTS dwar il-persunal identifikat jiġu proċessati f'konformità ma' dawn il-linji gwida.

315. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti bl-eżitu globali tal-proċess ta' identifikazzjoni u għandhom jivvalutaw jekk il-membri kollha tal-persunal li l-attivitajiet tagħhom għandhom jew jista' jkollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ġewx identifikati u li kwalunkwe esklużjoni tal-persunal mill-kategorija tal-persunal identifikat, fejn il-persunal kien identifikat biss bil-kriterji kwantitattivi skont l-Artikolu 92 tad-Direttiva 2013/36/UE u fl-RTS, huma raġunati sew u li hemm konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 92 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-proċessi rispettivi stabbiliti f'dawn il-linji gwida u fl-RTS.

## 18. Forom speċifiċi ta' remunerazzjoni

316. Fir-rigward ta' forom speċifiċi ta' remunerazzjoni skont it-Taqsima 8 ta' dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 19:

a. jirrevedu kwalunke arranġamenti garantiti ta' remunerazzjoni varjabbli (ammont, durata, kundizzjonijiet, eċċ.);

b. jikkontrollaw jekk istituzzjoni għandhiex qafas fis-seħħ sabiex tistabbilixxi u tapprova ħlasijiet ta' terminazzjoni;

c. jivvalutaw jekk l-objettivi għall-persunal tal-funzjoni ta' kontroll humiex speċifiċi għall-funzjoni;

[33] Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal-linji gwida fil-paragrafi 74 u 75 ta' dawn il-linji gwida.

d. jirrevedu r-remunerazzjoni tal-membri tal-funzjoni maniġerjali u superviżorja tal-korp maniġerjali.

## 19. Remunerazzjoni varjabbli

317. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu:

a. il-proċess ta' allinjament u ta' valutazzjoni tar-riskju u tal-prestazzjoni u l-adegwatezza tal-perjodu ta' żmien tiegħu;

b. it-taħlita xierqa ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi użati għall-kejl tal-prestazzjoni u tar-riskju u jiddeterminaw jekk:

    ii. il-kriterji humiex allinjati mal-objettivi tal-istituzzjonijiet;

    iii. humiex realistiċi meta mqabblin mal-objettivi tal-individwu, tal-unità tan-negozju u tal-istituzzjoni;

    iv. il-kriterji individwali humiex xierqa biex ikejlu l-prestazzjoni tal-individwu;

c. jekk il-funzjonijiet ta' kontroll intern, b'mod partikolari l-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju, humiex involuti b'mod xieraq fl-istabbiliment tal-aġġustamenti għar-riskju *ex ante*;

d. l-adegwatezza tal-approċċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq użati għall-kalkolu tal-aggregazzjoni ta' bonusijiet;

e. jekk l-istituzzjoni hijiex konformi mal-limitazzjoni tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u fissi tar-remunerazzjoni totali u mal-limitu tal-aggregazzjoni ta' bonusijiet globali tagħha għal-limiti stabbliti mill-Artikoli 141 u 141b tad-Direttiva 2013/36/UE u mill-Artikolu 16a tad-Direttiva 2014/59/UE;

f. il-perjodu ta' żmien tal-iskedi ta' differiment u ta' żamma applikabbli u kif dan jirrelata maċ-ċiklu tan-negozju ta' istituzzjoni;

g. it-taħlita ta' ishma jew ta' interessi proprjetarji ekwivalenti jew marbutin mal-ishma u strumenti mhux fi flus ekwivalenti li l-istituzzjoni tuża sabiex tissodisfa l-livell limitu ta' 50 % imsemmi fl-Artikolu 94(1)(l) tad-Direttiva 2013/36/UE sabiex tiżgura li tirrifletti b'mod adegwat l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni;

h. jekk l-aġġustamenti għar-riskju espliċiti *ex post* humiex ibbażati fuq il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-membru tal-persunal, tal-unità tan-negozju u tal-istituzzjoni u l-kriterji użati sabiex ikejlu l-prestazzjoni tal-membru tal-persunal;

i. jekk il-*malus* u l-irkupru ġewx applikati kif xieraq kemm għall-parti fi flus kif ukoll għall-parti ta' ekwità tar-remunerazzjoni varjabbli differita u mhux differita u għall-kriterji li fuqhom jiddependu l-*malus* u l-irkupru;

j. li r-remunerazzjoni varjabbli mhijiex imħallsa permezz ta' veikoli jew metodi li huma mmirati lejn jew iwasslu b'mod effettiv għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tar-remunerazzjoni kif speċifikat f'dawn il-linji gwida għall-persunal identifikat jew, fejn applikabbli, għall-persunal kollu.

## 20. Divulgazzjonijiet

318. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu d-divulgazzjonijiet pubbliċi dwar ir-remunerazzjoni magħmulin mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 96 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 450 tar-Regolament (UE) 575/2013, u għandhom jistabbilixxu għal liema istituzzjonijiet għandu jsir rieżami regolari tad-divulgazzjonijiet.

319. Minbarra l-valutazzjoni komparattiva tal-prattiki ta' remunerazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 75(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-eżerċizzju tal-ġbir ta' *data* rigward dawk li jaqilgħu ħafna skont l-Artikolu 75(3) ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu rapportar superviżorju (jew *ad hoc*) perjodiku dwar id-divulgazzjonijiet tar-remunerazzjoni kif xieraq sabiex jissorveljaw l-iżvilupp tal-prattiki tar-remunerazzjoni fl-istituzzjonijiet u b'mod partikolari fl-istituzzjonijiet sinifikanti.

## 21. Kulleġġi tas-superviżuri

320. Il-kulleġġi tas-superviżuri stabbiliti skont l-Artikolu 116 tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jiddiskutu l-kwistjonijiet tar-remunerazzjoni f'konformità mal-proċess tar-rieżami superviżorju, billi jqisu l-oqsma addizzjonali tar-rieżami superviżorju meħtieġa skont dawn il-linji gwida.

# Anness 1 - IMMAPPJAR TAR-REKWIŻITI TAR-REMUNERAZZJONI INKLUŻI FID-DIRETTIVA 2013/36/UE U R-REGOLAMENT (UE) 575/2013 U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAGĦHOM

| Rekwiżiti tar-remunerazzjoni: l-Artikoli 74 u 92 sa 96 tad-DIRETTIVA 2013/36/UE | Il-persunal kollu (tal-istituzzjoni kollha inkluż il-persunal identifikat) | Obbligatorji għall-persunal identifikat; l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw japplikaw ir-rekwiżiti għall-persunal kollu | Kummenti |
|---|---|---|---|
| **Art. 74** | x | | |
| **Art. 92** | x | | |
| **Art. 93** | x | | |
| **Art. 94(1)(a)** | | x | |
| **Art. 94(1)(b)** | | x | |
| **Art. 94(1)(c)** | x | | |
| **Art. 94(1)(d)** | x | | |
| **Art. 94(1)(e)** | x | | |
| **Art. 94(1)(f)** | | x | |
| **Art. 94(1)(g)(i)** | | x | |
| **Art. 94(1)(g)(ii)** | | x | |
| **Art. 94(1)(g)(iii)** | | x | L-applikazzjoni tar-rata ta' skont mhijiex obbligatorja |
| **Art. 94(1)(h)** | | x | |
| **Art. 94(1)(i)** | | x | |
| **Art. 94(1)(j)** | x | | |
| **Art. 94(1)(k)** | x | | |
| **Art. 94(1)(l)** | | x | |
| **Art. 94(1)(m)** | | x | |
| **Art. 94(1)(n)** | | x | |
| **Art. 94(1)(o)** | | x | |
| **Art. 94(1)(p)** | | x | |
| **Art. 94(1)(q)** | | x | Id-dispożizzjonijiet ta' ċirkomvenzjoni għandhom jiġu applikati għall-persunal kollu fir-rigward tar-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet li huma applikati għall-persunal kollu |
| **Art. 95** | Obbligatorji għall-istituzzjonijiet sinifikanti; istituzzjonijiet oħrajn għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu kumitat bħal dan | | |
| **Art. 96** | x | | |

| **Rekwiżiti tar-remunerazzjoni: l-Artikoli 74 u 92 sa 96 tad-DIRETTIVA 2013/36/UE** | **Il-persunal kollu (tal-istituzzjoni kollha inkluż il-persunal identifikat)** | **Obbligatorji għall-persunal identifikat; l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw japplikaw ir-rekwiżiti għall-persunal kollu** | **Kummenti** |
|---|---|---|---|
| **Art. 109** | L-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet/applikazzjoni ta' grupp | | |
| **Art. 141** | Limitazzjoni ta' distribuzzjonijiet | | |
| **Art. 141b** | Limitazzjoni ta' distribuzzjonijiet | | |

# Anness 2 - Informazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' proporzjonijiet ogħla

| | |
|---|---|
| **Isem l-istituzzjoni** | *test* |
| **Identifikatur ta' Entità Ġuridika** | *test* |
| **Numru ta' persunal (fi tmiem is-sena finanzjarja li għaddiet)** | *numru* |
| **Numru ta' persunal identifikat (l-eżitu tal-aħħar proċess ta' identifikazzjoni)** | *numru* |
| **Total tal-karta bilanċjali (fi tmiem is-sena finanzjarja li għaddiet)** | *numru* |
| **Deċiżjoni meħuda** | *jj/xx/ssss* |
| **Proporzjon deċiż** | *numru (perċentwal)* |
| **Meta fl-istituzzjoni jkunu ġew approvati proporzjonijiet differenti, jekk jogħġbok ikteb bħala test liberu l-oqsma tan-negozju u l-perċentwali approvati u l-proporzjon massimu approvat hawn fuq** | *test* |